# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 66 – ĠUNJU 2022

## werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 10 |
| L-Intervisti: Joseph W. Psaila u Rita Saliba | 12 |
| L-Intervisti: M. Pace, A. Reale u P.V. Azzopardi | 15 |
| *Il-Letteratura fit-Traduzzjoni* | 24 |
| L-Intervista: Paola Mara De Maestri | 29 |
| Mario Azzopardi: A Complexity | 31 |
| Lorella De Bon: Poetessa Taljana Kontemporanja | 35 |
| Kitbiet ta' Daniel Mangani u Victor V. Vella | 37 |
| Ninu Cremona: 50 sena minn mewtu | 39 |
| Kitbiet ta' Carmen Refalo u Mary Chetcuti | 41 |
| Reċensjoni dwar *Il-Landier tal-Assedju l-Kbir* | 47 |
| Tliet ħarġiet tar-rivista "Knisja Elfejn" | 48 |
| Il-Poeżiji | 50 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 54 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 55 |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**







Il-mewt tal-poeta Mario Azzopardi f'Marzu li għadda ġibdet l-attenzjoni ta' bosta, u min jaf kemm mijiet b'xi mod jew ieħor ftakru f'xi esperjenza li għexu miegħu kemm bħala ħabib, għalliem, ġurnalist, kollega, u mitt rwol ieħor. Jiena lil Mario Azzopardi kont ġejt wiċċ imb wiċċ miegħu f'nofs is-snin tmenin meta kien jgħallimni l-poeżija moderna u d-drammi ta' Francis Ebejer fil-Liċeo Ġan Franġisk Abela bħala parti mis-sillabu tal-Malti Avvanzat. Dak iż-żmien kien jgħallimna b'passjoni l-ġabra poetika *Tabernakli*, l-antoloġija *Linji Ġodda*, u t-tliet drammi ta' Ebejer *Il-Ħadd Fuq il-Bejt*, *L-Imwarrbin* u *L-Imnarja Żmien il-Qtil*. Kien għalliem li jżommok interessat matul il-lezzjoni kollha, anki għax kien midħla sewwa tad-dinja taż-żgħażagħ u kien jaf kif imur magħna lkoll. Aktar tard, fil-bidu tas-snin disgħin Mario kien ħajjarni nibda nikteb fis-supplimenti 'Spektrum' u 'Fokus' li kienu joħorġu nhar ta' Ħadd flimkien mal-ġurnal 'Il-Mument'. Kien faħħar il-ġabra ta' poeżiji *Żifef u Rwiefen* li jiena u Stephen Cachia konna ħriġna fl-2008. Mario kien ukoll laqa' mill-ewwel it-talba tiegħi li jiktibli daħla - "Literature as Social Indictment" - għall-ġabra ta' 'esejs narrattivi' bl-isem ta' *Uneasy Rituals* li kont ħriġt fl-2011. F'din id-daħla tiegħu Mario kien wera li l-kitbiet tiegħi kien qrahom u flihom sewwa u kiteb b'sinċerità u ġenwinità kritika, kontra bosta li draw iwarrbu f'tebqa t'għajn xogħlijiet letterarji ta' ċertu potenzjal u interess ladarba m'humiex mill-pinna tal-magħżulin tal-klikka tagħhom. Mario Azzopardi kien fost dawk l-għalliema li għeni nħobb il-qari u l-letteratura Maltija mpoġġija f'kuntest usa' minn dak nazzjonali. Nibqa' ngħożż il-memorja tiegħu b'rispett kbir. Strieħ fis-sliem Mario.

Mewta oħra kienet dik tal-librar Anthony Bugeja, li bosta kienu jafuh bħala Ninu, lejn l-aħħar ta' April 2022. Anki din il-mewta kienet aħbar ta' diqa tassew għal bosta, l-iktar fost ir-riċerkaturi. Ninu kien ilu jaħdem fis-sala ewlenija tal-Biblijoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta għal iktar minn 30 sena. Min jaf x'esperjenza kellu f'dan il-qasam u kemm mijiet ta' riċerkaturi qeda u għen matul din il-karriera twila tiegħu! Jiena kelli l-okkażjoni li naħdem miegħu u mal-kollegi tiegħu fil-Biblijoteka Nazzjonali fis-snin disgħin meta kont għadni student ħaddiem. Niftakar lil Ninu bħala bniedem ta' ftit kliem, imma kellu sens ta' umoriżmu partikolari ħafna li trid tidrah, u tbissima partikolari wkoll. Strieħ fis-sliem anki inti Ninu.

Fuq nota oħra, kemm hu sabiħ meta waqt programm radjufoniku ddedikat lill-mużika tal-mument id-djs jinkludu ħsibijiet dwar il-letteratura, xi qari ta' poeżija ta' poeti ewlenin, jew xi telefonata lil xi persuna qrib ħafna ta' poeta li m'għadux jew m'għadhiex ħajjin. Hawn naraw fil-prattika l-pjaċir tal-mużika flimkien mat-twessigħ tal-kultura waqt programm li jisimgħuh miljuni kbar, fosthom tant żgħażagħ. Kemm nixtieq nara din il-ħaġa sseħħ fuq il-kanali radjufoniċi Maltin ukoll!

Xi ġimgħat ilu attendejt lejla fejn ġie mniedi rumanz miktub minn awtriċi mara, maqlub għall-Malti minn traduttur u awtur Malti. F'waqt minnhom l-awtriċi sostniet li ħasset li żewġha t-traduttur tjieb bħala raġel wara l-qari tar-rumanz tagħha li ttratta t-tema tal-vjolenza fuq in-nisa. Ħassejt li kellha raġun, anki għax dan ħassejtu jiena wkoll wara li qrajt fid-dettall u iktar min darba x-xogħlijiet letterarji ta' kittieba oħra, Elena Ferrante. Dan kollu jintrabat mal-fatt li matul dawn l-għaxar snin li IL-PONT ilu joħroġ u li qed jiċċelebra proprju din is-sena, kbir u regolari kien il-kontribut tal-kittieba nisa, kemm Maltin, kif ukoll ta' nazzjonalitajiet oħra. Ma ninsewx li l-letteratura, miktuba minn irġiel u nisa, żgur tgħinna nifhmu aħjar min aħna bħala bnedmin, u dan jakkwista dejjem iktar importanza fi żminijiet imwiegħra bħalma qed ngħixu fihom bħalissa.

Okkażjoni letterarja oħra li kelli x-xorti nattendi għaliha seħħet f'Għawdex f'Mejju. Din kienet taħdita minn Dr Immanuel Mifsud dwar xogħlijiet inediti tal-kittieba Għawdxija Mary Meylak (1905-1975). Din hija kittieba mara ewlenija tal-ġenerazzjoni tal-poeti Romantiċi Maltin, u hija minn Għawdex. Hija kitbet rumanzi, novelli, u poeżiji, xi wħud minnhom ippubblikati u oħrajn le. Hija idea sabiħa u meħtieġa ferm dik li x-xogħlijiet kollha tagħha jinġabru u jerġgħu jiġu ppubblikati ladarba llum dawn ma jinstabu mkien. Hu xogħol fejjiedi ferm dak li jinħarġu għad-dawl u għall-poplu biex igawdihom ix-xogħlijiet letterarji ta' diversi kittieba Maltin li maż-żmien twarrbu jew intesew minħabba raġunijiet differenti.

IL-PONT qed ikompli jfakkar ukoll il-50 sena mill-mewt ta' kittieb Għawdxi ieħor, Ninu Cremona (1880 - 1972), din id-darba permezz tal-kitba tal-poeta Għawdxi Charles Bezzina. IL-PONT ifakkar li parti importanti mill-kultura ta' Art Twelidna hija magħmula wkoll mix-xogħlijiet li nkitbu u għadhom jinkitbu mill-bosta kittieba Maltin. Napprezzaw ix-xogħol tagħhom u nuru rispett lejhom billi naqraw dak li jiktbu.

## KONFERENZA F'ĠIEĦ OLIVER FRIGGIERI



Nhar il-5 ta' Marzu 2022 l-Istitut Karmelitan flimkien mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università u l-Akkademja tal-Malti organizzaw l-ewwel konferenza f'ġieħ Oliver Friggieri, bl-isem ta' "Aħna Ġejna mill-Ġenna. L-ispiritwalità fil-Ħajja u l-Kitba ta' Oliver Friggieri". Taw sehemhom seba' kelliema. Ir-Rev. Dr Glen Attard O. Carm u l-President tal-Akkademja tal-Malti Dr George Farrugia taw il-bidu għall-ewwel sessjoni tal-konferenza. Segwew kelliema oħra, fosthom il-Prof. Adrian Grima, Beverly Agius, Romario Sciberras, u Robert Farrugia. It-tieni sessjoni ġiet immoderata minn Justine Somerville, u qraw l-istudji tagħhom dwar Oliver Friggieri r-Rev. Dr Charlò Camilleri O. Carm, ir-Rev. Dr Jonathan Farrugia u Dr David Aloisio. Is-sit fejn saret il-konferenza kien il-Kunvent tal-Karmelitani fl-Imdina, u attendew numru sabiħ ta' persuni, inkluża bint Oliver, Sara Brincat Friggieri. Hu maħsub li l-atti ta' din il-konferenza jiġu ppubblikati fi ktieb aktar 'il quddiem.

## IMUT IL-KITTIEB U IL-POETA MARIO AZZOPARDI

Nhar il-11 ta' Marzu 2022 tħabbret il-mewt tal-poeta, għalliem u kittieb Mario Azzopardi. Għal aktar minn nofs seklu Mario Azzopardi kien fost il-protagonisti ewlenin li taw spinta lil-letteratura tagħna, speċjalment bl-avangwardja li dehret u nħasset fl-antoloġiji *Antenni* (1968), *Analiżi '70* (1970), *Mas-Sejħa tat-Tnabar* (1971) u *Dwal fil-Persjani* (1972) u tibqa' sejra sal-ġabriet personali tiegħu, minn *Demgħat tas-Silġ* (1976), *Passiflora* (1977), *Tabernakli* (1979), *Monokordi* (1984), san-*Noti mis-Sanatorji tal-Mistiċi* (1995) u bl-aħħar pubblikazzjonijiet tiegħu ta' poesaġġi *Skizzi tal-Karnival* (2010) u *Epistoli mid-deżert (*2014) li fih Mario jiddeskrivi lilu nnifsu bħala: "inġinier tal-kelma, jaħdem bil-prekarjat fil-bini tat-Torri l-Ġdid ta' Babel postmoderna." Mario Azzopardi kien wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju fi tmiem is-snin sittin. Intqal li l-poeti tal-anti-establishment riedu 'l ommhom taġġorna ruħha maż-żminijiet billi tinża' darba għal dejjem l-għonnella u tibda tilbes il-mini-skirt. Għall-poeti miġbura qroqqa ma' djul Dun Karm, dawn iż-żerbinotti storbjużi ma dehrux u ma kinux ħlief ħarbiexa prużuntużi li fi vrushom mhux biss lanqas kien hemm ħjiel ta' metrika imma saħansitra lanqas biss sens ta' ħsieb. Eventwalment mill-protesta storbjuża tas-sittinijiet il-poeta għadda għall-irtir tas-sebgħinijiet. Il-Moviment Qawmien Letterarju niżżel is-siparju imma d-dramm baqa' għaddej, u aktar u aktar fil-każ ta' Mario Azzopardi – li ta kontribut kbir bħala reġista bit-teatru esperimentali kif ukoll bil-mistoqsijiet pertinenti li baqa' jistaqsi bix-xewqa li jisfronda kull sens ta' konvenzjoni. Mario Azzopardi twieled il-Ħamrun f'familja tal-ħaddiema. Studja fil-Liċeo, fil-Kulleġġ tal-Għalliema u fl-Università ta' Malta, mnejn iggradwa M. Phil. b'teżi dwar it-Teatru Komunitarju. Għallem l-arti, id-drama edukattiva u l-letteratura Maltija għal bosta snin fl-iskejjel statali u ħadem fil-Policy Unit tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura bejn l-1998 u l-2004. Meta rtira mis-servizz pubbliku kompla jmexxi ċ-Ċentru tad-Drama ta' Malta. Azzopardi kien jgħallem l-Istorja tat-Teatru tas-seklu 20 fl-Università ta' Malta. Kien kittieb prolifiku u versatili, u aktarx hu l-aktar poeta Malti li



esperimenta bi stili differenti, mill-vers "grafiku" sal-"poesej". Kien attiv ukoll bħala ġurnalista kulturali mill-1967 u ħadem bħala artikolista ma' L-Orizzont, The Malta Economist, The Bullettin, The Malta Independent, In-Nazzjon u Il-Mument. Kien ukoll l-editur tar-rivista letterarja xellugija Neo u tas-supplimenti kulturali Spektrum u Fokus li kienu ppubblikati mal-gazzetta Il-Mument. Bħala reġista dderieġa x-xogħol ta' awturi klassiċi u kontemporanji għat-televiżjoni u fl-1992 kien ħoloq u ppreżenta l-ewwel programm satiriku fuq stazzjon tar-radju. Mill-M.Q.L. beda l-pubblikazzjoni ta' Il-Polz u Sagħtar – ir-rivista għall-istudenti. Kien ukoll ko-fundatur ta' Mis-Sillabu u Analiżi. Fi kliem Oliver Friggieri, "donnu żagħżugħ li ma jixjieħx, bil-ħila tiegħu ta' poeta ħerqan li jissokta jfittex kulma hu sorprendenti, mhux prevedibbli u aktarx ambigwu. Il-poeta riċerkatur, il-kittieb li jissielet mal-kelma tiegħu." [Tagħrif mibgħut mill-Akkademja tal-Malti]

**TMUT L-ATTRIĊI KARMEN AZZOPARDI**



Nhar is-16 ta' Marzu 2022 tħabbret il-mewt tal-attriċi Karmen Azzopardi. Hija kellha 88 sena. Imwielda l-Ħamrun fis-7 ta' Lulju tal-1933, Karmen kienet imnissla mill-familja ta' Mikiel Anton Vassalli. Mingħandu wirtet l-imħabba lejn ilsienna u l-letteratura Maltija. Wara li fl-1952 temmet il-kors tat-taħriġ għall-għalliema fil-Mater Admirabilis Training College, ingħaqdet mal-British Institute Players u hemm bdiet il-karriera fl-arti drammatika. L-ewwel dramm li ħadet sehem fih kien bl-Ingliż, *Crime and Punishment* ta' Fyodor Dostoevsky. Biex dejjem titħarreġ aktar, Karmen marret Londra u ngħaqdet mal-Actors Studio u aktar tard marret fuq kors fix-xandir mal-B.B.C. Lura Malta, Karmen Azzopardi kompliet tieħu sehem fi produzzjonijiet ma' diversi kumpaniji teatrali bħal M.A.D.C., l-M.U.T. Players, mal-Malta Drama League, mal-Maleth u mal-Malta Talent Artistes. Matul is-snin ħadet sehem f'ħafna radjudrammi, dokumentarji u programmi oħra li kienu jinstemgħu minn fuq ir-Redifussion. Fl-1960 kisbet l-ewwel unur tagħha, il-Best Actress Trophy f'konkors teatrali mniedi mill-Malta Drama League. L-unur rebħitu għall-parti ta' Suor Wistina f'*L-Għarusa* ta' Ġużè Diacono. Ħadmet ukoll f'sensiela ta' drammi ma' Francis Ebejer u fl-1974, flimkien mal-mibki Chev. Paul Naudi, li aktar tard iżżewġet, kif ukoll ma' Lino Farrugia, Victor u Antoinette Soler u Charles Arrigo, waqqfu l-kumpanija Atturi Theatre Group. Fost il-partijiet kbar li ħadmet u li Karmen baqgħet issemmi matul is-snin kien hemm dawk ta' Filumena Marturano, Mother Courage, Medea, The Prime of Miss Jean Brodie u A Streetcar Named Desire. Ħadmet f'bosta produzzjonijiet televiżivi bħal *F'Baħar Wieħed*, *Undercover*, *Villa Sunset*, *Aenigma*, *Viva l-Ministru*, *Il-Leħen li Dewa mill-Bir* u *Dejjem Tiegħek*. Karmen kienet sikwit tkun mistiedna mill-Akkademja tal-Malti biex tieħu sehem f'serati letterarji, tnedijiet ta' kotba u kommemorazzjonijiet. Kondoljanzi lill-qraba kollha. [Tagħrif mibgħut mill-Akkademja tal-Malti]

**LEJLA LETTERARJA MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)**



Nhar it-18 ta' Marzu ġewwa Muża, l-Għaqda tal-Malti organizzat "Għidli Mikrostorja", serata ħelwa ddedikata għall-ġeneru tal-mikrostejjer. L-awturi

mistidnin kienu Charles Casha, Ġorġ Mallia, Ġorġ Peresso (skużat), Rita Saliba, u Trevor Żahra. L-atturi John Vassallo u Maria Laura Vella Clark animaw il-mikrostejjer 'Ngħas' ta' Rita Saliba, 'Tentazzjoni' u 'Dikjarazzjonijiet ta' Mħabba' ta' Ġorġ Peresso. Il-mikrostejjer l-oħra nqraw mill-awturi, mill-membri tal-Kumitat tal-Għaqda, u minn qarrejja oħra. Nicole Mangion u Amy Borg ħadu ħsieb il-parti mużikali u flimkien wasslu l-kanzunetti 'Jien ma naħdimx', 'Ilsna Velenużi' u taħlita oriġinali ta' 'Ritmu' u 'Naħseb Fik'.

**LEJLA TA' MUŻA U LETTERATURA MINN MUŻA KARKARIŻA**



[Ritratt ta' Ivan Saliba]

Nhar it-18 ta' Marzu 2022 il-grupp letterarju Muża Karkariża tella' attività ta' Letteratura u mużika bl-isem ta' 'Mill-Beraħ tal-Ħsieb'. Ħadu sehem diversi awturi fosthom Tarċisju Zarb, Ġorġ Peresso, Charles Mifsud, Frans u Ninu Borg, Charles Briffa, Therese Pace, Wayne Farrugia, Philip Xuereb, Louis Briffa, Justin Schembri, Doris Zammit, Ritianne Frendo u Anton Grasso. Il-lejla saret fil-każin tas-Soċjeta Sant'Antnin Birkirkara. Il-parti mużikali kienet f'idejn Mario Debono, Malcolm Pisani, u l-Maestri Emmanuel Giordimaina u Sofia Narmania. Ippreżentat Maria Mintoff, u l-produzzjoni kienet f'id Terry Muscat.

**SEMINAR DWAR OLIVER FRIGGIERI FL-MCAST**

Iċ-Ċentru għall-Iżvilupp Professjonali tal-MCAST nhar il-21 ta' Marzu tella' seminar bl-isem ta' "Illejla Nħallas Jien." Din l-inizzjattiva kienet parti mill-MCAST talks bil-għan li ħsibijiet Oliver Friggieri jmexxu t-tfittxija għall-għerf fil-Kulleġġ. It-taħdita tmexxiet minn Paul Ellul, għalliem tal-Mali u tal-Filosofija.

**FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS**

Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus seħħ bejn it-23 u l-25 ta' Marzu 2002 fil-Kwadranglu tal-Università ta' Malta. Kien avveniment miftuħ għall-istudenti u l-pubbliku ġenerali u ġie organizzat b'ħidma ma' pubblikaturi lokali, Dipartimenti Universitarji u għaqdiet studenteski, filwaqt li inkluda preżentazzjonijiet ta' kotba, żjajjar il-librerija, diskussjonijiet tematiċi u intervisti bil-parteċipazzjoni ta' kittieba u riċerkaturi lokali u internazzjonali. Kampus Kotba xeħet dawl fuq żewġ rebbieħa tal-Premju tal-UE għal-Letteratura (EUPL) b'numru ta' avvenimenti b'Lara Calleja u l-mistiedna internazzjonali tal-Festival, Jan Carson. L-awtriċi Irlandiża hija rebbieħa ta' premji letterarji ewlenin, fosthom bil-ktieb *The Fire Starters (Doubleday)* u l-aktar xogħol riċenti tagħha *The Raptures (Doubleday)*. Leanne Ellul tkellmet dwar ix-xogħlijiet letterarji tagħha u pparteċipat fi klabb tal-kotba ma' studenti mid-Dipartiment tal-Ingliż u mmexxi minn Prof. James Corby li fih iddiskutiet il-ġabra ta' novelli *The Last Resort (Doubleday)*. Carson ingħaqdet mal-kittieba Lara Calleja u qasmu ħsibijiethom dwar l-opportunitajiet li ġew wara r-rebħ tal-Premju kif ukoll tkellmu dwar il-kotba tagħhom f'diskussjoni mmoderata minn Robert Pisani. Kienet sessjoni ta' interess għal dawk li jridu jsiru jafu aktar dwar l-EUPL bis-saħħa tal-intervent ta' Joseph Lia, Kap tal-Uffiċċju Ewropa Kreattiva f'Malta. Il-parteċipazzjoni ta' Carson fil-Festival saret b'ħidma bejn il-KNK u l-Uffiċċju Ewropa Kreattiva f'Malta. Lara Calleja ddiskutiet il-ktieb tagħha *Kissirtu Kullimkien* (Merlin Publishers) fi klabb tal-kotba ma' studenti mid-Dipartiment tal-Malti u mmoderat minn Justine Sommerville. Kampus Kotba wasal fi tmiemu bil-Palk Ħieles organizzat b'kollaborazzjoni ma' Inizjamed u bil-parteċipazzjoni ta' Lara Calleja. Il-Palk offra spazju għal min ried jiġi u jesebixxi l-arti tiegħu bil-kelma. Dis-sena l-Festival tella' għażla akbar ta' kotba hekk kif ospita l-akbar numru ta' pubblikaturi u bejjiegħa tal-kotba li qatt kellu. Għall-bejgħ kien hemm rumanzi, novelli, poeżiji, letteratura mhux fittizja, drama, xogħol tradott u letteratura għaż-żgħażagħ, kif ukoll kotba ta' riċerka u Melitensia ppubblikati lokalment u internazzjonalment. Kampus Kotba kien okkażjoni għall-istudenti u l-pubbliku sabiex jaraw x'inhu jiġi ppubblikat u fl-istess ħin jidħlu għal xi attività. L-esebituri kienu Faraxa Publishing, Horizons, Kite Group, Merlin

Publishers, Klabb Kotba Maltin/Midsea Books, Marvellous Malta, Malta University Press, Mallia & D'Amato Booksellers, Inizjamed, Għaqda tal-Malti – Università, Malta Libraries, u Creative Europe Desk Malta. Il-programm tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2022 ittella' b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti - Università, DESA (l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tad-Dipartiment tal-Ingliż), HoASA (l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Istorja tal-Arti u l-Belli Art), SPS (is-Soċjetà Filosofika tal-Istudenti), Studenti Graffitti, id-Dipartiment tal-Malti, id-Dipartiment tal-Ingliż, id-Dipartiment tal-Filosofija, id-Dipartiment tat-Traduzzjoni, Terminoloġija u l-Istudji fl-Interpretar, u d-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Università ta' Malta.

**IMUT IL-KITTIEB TALJAN VALERIO EVANGELISTI**



Nhar it-18 ta' April 2022 ħalla din id-dinja f'Bologna Valerio Evangelisti. Huwa twieled f'Bologna fl-20 ta' Ġunju 1952. Matul dawn l-aħħar 25 sena hu kien wieħed mill-kittieba Taljani ewlenin fil-qasam tal-letteratura Taljana popolari: fantaxjenza, letteratura tal-biża', tal-avventura, fantasy, u rumanzi storiċi. Il-kotba tiegħu ġew maqluba f'bosta ilsna differenti. Kien jikkonsidra lilu nnifsu bħala kittieb tal-letteratura pulp, imma kien ukoll skular u kritiku stabbilit.

***IT-TNAX-IL EDIZZJONI TAL-KONFERENZA INTERNAZZJONALI "BRITAIN AND ITALY: LITERARY AND CULTURAL RELATIONS"***



Bejn l-20 u l-21 ta' April 2022 saret it-tnax il-edizzjoni tal-Konferenza internazzjonali "Britain and Italy: Literary and Cultural Relations", imtellgħa mill-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani fi ħdan il-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Il-kumitat organizzattiv kien magħmul minn Gloria Lauri-Lucente, Peter Vassallo, Ivan Callus, Fabrizio Foni u Glen Bonnici. Din id-darba ħadu sehem 16-il skular minn universitajiet differenti (Malta, Loughborough, Manchester, Birbeck, Bologna, York, Molise, "G. D'annunzio" Chieti-Pescara, Genova, Milano, u Università Cattolica del Sacro Cuore). Il-parteċipanti kienu bosta: Nigel Wood bl-istudju "Alexander Pope and a Vision of Italy"; Alison Yarrington b'"Anne Seymour Damer: Self-Portrait (1778) 'she her own self, made'"; Hal Gladfelder b'"Pacchierotti, Burney, Stendhal: European Musical Networks in the Late 18th Century"; Peter Vassallo b'"The 'Dantescan voice' in Keat's *The Fall of Hyperion* and Shelley's *The Triumph of Life*", Daniela Cerimonia b'"'Shall I Be the Slave of... What? A Word?': Language, Silence, Beauty, and Justice in the Early Italian Translations of Shelley's *The Cenci*"; Serena Baiesi b'"Leigh Hunt's Green Footsteps from London to Tuscany"; Nick Havely b'"The Captain in the Casentino: Francis Brooke and the Pursuit of Dante"; Francesca D'Alfonso b'"The Country of My Longing': Edward Lear and the Myth of Italy"; Anna Enrichetta Soccio b'"In Conversation with Dante: Gabriele Rossetti and Beatrice"; Stefania Michelucci b'"D.H. Lawrence's Etruscan Seduction and His Late New Means of Communication: A Brush Stroke on a White Canvas"; Fabrizio Foni b'"Re-Mapping the Gothic: For an Emotionally-Centred Italian Suvey"; Gloria Lauri-Lucente b'"Virginia Woolf, Luigi Pirandello and the 'Devilish Talking Machine' of the Cinema"; Francesca Orestano b'"In the Garden We Are All Friends: Maria Teresa Parpagliolo Shephard, A Long Dialogue between Italy and England";

Francesca Caraceni b'"Un'insularità cocciuta': Giorgio Manganelli, the Neoavanguardia, and the 'Other' Ireland"; u Ivan Callus b'"Whimsy and Follia: Misplaced Reflections on Roberto Calasso's *Come ordinare una libreria*". Matul dan l-avveniment ġie ppreżentat ukoll ir-rumanz ta' Cicely Havely bl-isem ta' *A Marble Column: Jane Eyre in India* (Edward Everett Root, 2022).

### JITNIEDA KTIEB FIL-PALAZZ TAL-PRESIDENT F'Ħ'ATTARD



Nhar it-22 t'April 2022 tnieda l-ktieb ta' Paul P. Borg *Oliver Friggieri u jien* (Horizons, 2022) taħt il-Patroċinju tal-ET il-President Dr George Vella fil-Palazz ta' Sant'Anton. Il-ktieb hu n-narrattiva tal-evuluzzjoni tas-sinifikat tal-kelma f'taħdita ta' 'l fuq minn tnejn u ħamsin sena bejn Borg u Friggieri. Il-lejla fetħet b'diskors ta' merħba mis-Segretarju tal-Akkademja tal-Malti, Joseph P. Borg, u wara l-kittieba Rita Borg qrat silta mill-ktieb, bl-isem ta' "Tbeżbiża lill-Għalliem." Dr Mario Thomas Vassallo għamel diskors mill-isbaħ bl-isem ta' "Kif Laqatni Kliem ix-Xjuħ" u segwa diskors qasir minn bint Oliver Friggieri, Sara Brincat Friggieri. Iben Paul P. Borg, il-Prof. Ruben Paul Borg qara siltiet oħra mill-ktieb bl-isem ta' "Il-Ġebla u l-Kelma" u "L-Isbaħ Monument lil Malta" rispettivament. Anki Paul P. Borg stess qal kelmtejn tal-okkażjoni filwaqt li l-attur Mario Micallef qara silta magħmula minn kliem li Oliver kien lissen lil Borg. Lejn l-aħħar saret il-preżentazzjoni tal-ktieb lill-President ta' Malta li fl-assenza tiegħu kien irrappreżentat minn Sandro Debono, filwaqt li Joseph P. Borg għadda xi pubblikazzjonijiet għal-Librerija Anton Buttigieg li tinsab fl-istess Palazz. Il-mistednin kienu mistednin għal bibita fl-aħħar tal-lejla. Il-lejla kienet kollaborazzjoni bejn l-Akkademja tal-Malti u Horizons.

### *TAĦDITA DWAR STEJJER U ĦREJJEF TAN-NANNA KARMENA SUBAN*

Nhar il-25 ta' April 2022, Mons. Louis Suban ta taħdita pubblika fuq "L-Istejjer u l-Ħrejjef tan-Nanna Karmena Suban." Din it-taħdita li saret mil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta u ntweriet diretta fuq Zoom u Facebook, kienet parti mis-sensiela fuq It-Tradizzjoni Orali mmexxija mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università. Dan il-proġett qed isir bl-għajnuna tal-Fondi ta' Riċerka tal-Università ta' Malta u l-Klabb Kotba Maltin. In-nanna Karmena kienet mara ta' ftit kliem imma meta n-neputi tagħha Louis kien jistaqsiha dwar l-istorja tal-familja Suban kienet tibda tirrakkonta u ma tiqafx. Meta kienet tirrakkonta ħrafa, kienet kapaċi żżejjinha u minn darba għal oħra tagħtiha bixra ġdida u eċitanti. Kellha wkoll ħabta tgħid il-ħwejjeġ moħġaġa u ġġiegħel lin-neputijiet tagħha jissieltu mal-misteri intelliġenti tagħhom. Imma n-Nanna Karmena kellha wkoll ħabta tagħżel dak li trid tirrakkonta u dak li ma tridx, bħall-istorja tal-arluġġar tal-familja li kien ġenju f'xogħlu imma kellu d-difett li "tebba'" l-isem tal-familja. U għalhekk ikkanċellatu mill-ġrajja tagħhom. Mons. Louis Suban jirrakkonta lil nanntu Karmena, u dak li tgħallem mill-ħrejjef u mill-istejjer veri li qaltlu, u minn dawk li ma qaltlux. "Jien minn ċkuniti kont ninteressa ruħi fl-istorja u b'mod speċjali fl-istorja tal-familja Suban. Dan l-interess kien imqanqal mill-ħafna stejjer li kont nisma' dwar Andre u l-ewwel Subanijiet miz-zijiet u m'għand in-nanna Karmena li tant kienet tħobb tirrakkonta. Dawn l-esperjenzi ta' tfuliti li jien għożżejt, meta kbirt għamilt riċerka dwarhom u mlejt il-vojt li kien fadal bejn storja u oħra u skoprejt li l-istejjer li kont nisma' kollha kienu veri u fihom kien hemm moħbi wkoll dak li bħala tfal kien moħbi



**Mons. Louis Suban**

għalija. Grazzi għal ħafna kuntatti minħabba l-ministeru tiegħi skoprejt ħafna aktar milli qatt kont nissoponi." Mons. Louis Suban twieled fis-16 ta' Jannar 1959. Huwa rċieva l-formazzjoni għas-saċerdozju fis-Seminarju tal-Arċisqof f'Tal-Virtù, ir-Rabat, u studja fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-istess seminarju. Ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 1984. Dun Louis kien għalliem fis-Seminarju Minuri u serva bħala viċi kappillan fil-parroċċa ta' Bormla. Fl-1994 inħatar kappillan tal-parroċċa tal-Imsida u fl-2003 beda jservi bħala arċipriet tal-parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat. F'Awwissu tal-2020 tħabbar li l-Arċisqof Charles Scicluna ħatar lil Dun Louis Suban bħala prepostu arċipriet tal-parroċċa ta' Sant'Elena, Birkirkara. **[Kitba u ritratti: Adrian Grima. Minn www.tradizzjonioralі.org]**

### *THE SEA REMEMBERS ME* - QARI MINN STEPHANOS STEPHANIDES




Nhar id-29 ta' April 2022 l-Istitut għall-Istudji Mediterranji organizza laqgħa mal-kittieb Stephanos Stephanides, vuċi prominenti fil-poeżija u l-promozzjoni tal-poeżija fir-reġjun tal-Mediterran. Stephanides qara mix-xogħlijiet l-aktar reċenti tiegħu, partijiet mill-ġabra bilingwi ta' proża u poeżija *The Wind Under My Lips* (Athens: To Rodakio, 2018), u anki kitbiet varji oħra. Stephanides qasam flimkien mal-udjenza l-kitbiet u ħsibijietu dwar il-Mediterran. Dan l-avveniment seħħ fir-Razzett tal-Ħursun. Stephanos Stephanides hu poeta, saġġista, kittieb ta' memorji, traduttur, etnografu, dokumentarista fil-qasam tal-film u ex Professur tal-Letteratura Komparattiva fl-Università ta' Ċipru. Xi wħud mill-publikazzjonijiet tiegħu huma *Translating Kali's Feast: the Goddess in Indo-Caribbean Ritual and Fiction* (2000), *Blue Moon in Rajasthan and other poems* (2005), u *The Wind Under My Lips* (2018). Fost il-films ta' natura etnografika tiegħu *Hail Mother Kali* (1988) u *Kali in the Americas* (2003).

### KONFERENZA F'ĠIEĦ OLIVER FRIGGIERI FIL-PARLAMENT MALTI



**[Ritratt DOI]**

Lejn l-aħħar ta' April 2022, is-sala tal-Parlament kienet miftuħa biex tilqa' diversi akkademiċi u studenti għal konferenza nazzjonali li tat ġieħ lil Oliver Friggieri, li minkejja li qatt ma kien involut fil-politika letteralment, kien politiku fil-ħsieb, ladarba f'mumenti ta' kunflitti politiċi nazzjonali ħeġġeġ lill-Maltin biex jingħaqdu u jaħdmu għall-ġid komuni. Il-konferenza ngħatat l-isem ta' 'Il-Poter tal-Kelma Politika u Letteratura f'Oliver Friggieri' u ttellgħet mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika u d-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università. L-akkademiċi parteċipanti analizzaw il-ħsieb progressiv ta' Oliver Friġġieri. Ġew moqrija siltiet mill-ktieb *Fil-gżira taparsi jikbru l-fjuri* li Oliver Friggieri ppubblika fl-1991. F'din il-ġabra ta' stejjer, uħud serji u oħrajn satiriċi, Friggieri ppreżenta s-soċjetà Maltija u l-istituzzjonijiet tagħha f'dawl inkwetanti ħafna, fejn spikkaw l-ipokresija, il-falsità, in-nuqqas ta' rispett lejn iċ-ċittadin, l-egoiżmu, l-impożizzjoni – elementi li mexxew il-ħajja politika f'Malta. George Vital Zammit, lettur fid-Dipartiment tal-Politika Pubblika fl-Università, qara numru ta' siltiet minn *Fil-gżira taparsi jikbru l-fjuri* u appella biex ktieb bħal dan jerġa' jiġi ppubblikat u jitpoġġa fil-ħwienet, fil-libreriji u fil-kurrikulu tal-iskejjel biex ikun aċċessibbli għal kulħadd. Sara Brincat Friggieri, bint Oliver Friggieri, tkellmet dwar missierha bħala l-kittieb li ħabb lil familtu u lil Malta, u semmiet tifkira mill-1984 meta f'moħħ missierha twieldet l-idea li jikteb ir-rumanz *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*. L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anglu Farrugia, faħħar il-ħidma ta' Friggieri biex il-lingwa Maltija tikseb l-għarfien li jistħoqqilha permezz ta' inizjattivi

ewlenin, fosthom it-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju, ir-rivista 'Sagħtar' għall-istudenti fl-iskejjel, u tad-dar tal-pubblikazzjoni tal-kotba bil-Malti, Klabb Kotba Maltin. Iddeskriva lil Friggieri bħala ħassieb, għalliem tal-filosofija, edukatur u anki politiku, minkejja li qatt ma kien Membru tal-Parlament ta' Malta, iżda emfasizza kemm-il darba fuq l-importanza li l-Maltin iħabirku għall-ġid komuni.

## LAQGĦA MA' KITTIEBA TALJANA FIS-SEDE TAS-SOĊJETÀ DANTE ALIGHIERI



**Il-Kav. Paola Stranges tintroduċi l-lejla fis-Soċjetà Dante Alighieri**

Nhar il-5 ta' Mejju 2022, is-Soċjetà Dante Alighieri ta' Malta, taħt il-patroċinju tal-Istituto Italiano di Cultura, laqgħet fis-sede tagħha l-Belt il-kittieba u ġurnalista Taljana Irene Chias, awtriċi tar-rumanz *Esercizi di sevizia e seduzione* li ħareġ fl-2013 minn Mondadori, u rebaħ il-Premju Mondello sena wara. Ipparteċipaw fid-diskussjoni l-kittieb u traduttur Malti, Mark Vella, li ttraduċa għal ilsienna r-rumanz ta' Chias bl-isem ta' *Mur Ġibek... Eżerċizzji ta' Tortura u Seduzzjoni* (Horizons, 2022), u Maria Grazia Strano, li mexxiet l-event. Waqt din il-laqgħa Strano staqsiet xi mistoqsijiet lil Chias li permezz tat-tweġibiet tagħha xeħtet dawl fuq it-tematika tar-rumanz tagħha. Inqraw ukoll siltiet mir-rumanz, l-ewwel fl-ilsien oriġinali, imbagħad Mark Vella stess qara l-istess siltiet bil-Malti. Dawk preżenti setgħu jistaqsu l-mistoqsijiet tagħhom kemm lill-kittieba Taljana kif ukoll lit-traduttur Malti, kollox f'atmosfera informali u familjari. Preżenti kien hemm ukoll Mallia&D'Amato booksellers li qed jieħdu ħsieb il-promozzjoni u bejgħ tal-kotba. Il-Kav. Paola Stranges, direttriċi tas-Soċjetà Dante Alighieri, fetħet b'diskors qasir is-serata u fl-aħħar stiednet lil dawk preżenti għal bibita fejn iż-żewġ kittieba tkellmu magħhom u ffirmaw kopji tal-kotba bit-Taljan u bil-Malti.

## WIRJA DWAR IL-ĦAJJA TA' ANNE FRANK FIL-FORTI SANT'IERMU

Il-wirja dwar il-ħajja ta' Anne Frank bl-isem 'Let Me Be Myself: The Life Story of Anne Frank', organizzata mill-Fondazzjoni Tayar għall-Patrimonju Lhudi f'Malta, b'kollaborazzjoni mad-Dar ta' Anne Frank f'Amsterdam, qed tittella' f'diversi postijiet f'Malta u Għawdex. Qabel il-Forti Sant'Iermu, ittellgħet fl-Università ta' Malta (il-Kampus tal-Belt) u fl-MCAST ta' Raħal Ġdid, u minn Sant'Iermu se tmur fil-mużew 'Il-Ħaġar' tar-Rabat, Għawdex. Il-wirja kienet fil-Forti Sant'Iermu sal-1 ta' Ġunju, u hi mmirata l-aktar lejn tfal u żgħażagħ ta' bejn il-11 u t-18-il sena, iżda nies ta' kull età jistgħu jħossu affinità ma' dak li għaddiet minnu Anne Frank kif spjegat permezz ta' ritratti, artefatti, filmati u mudell tal-post fejn it-tfajla nħbiet min-Nazi mal-familja tagħha. Dawn ikopru l-ħajja qasira ta' Anne Frank minn twelidha fl-1929 sa mewtha fil-kamp tal-konċentrament ta' Bergen-Belsen fl-1945. Anne Frank twieldet fi Frankfurt, il-Ġermanja, u kienet ta' nisel Lhudi. Matul iż-żmien li hija kienet moħbija ma' familtha, żammet djarju fejn kienet tikteb ħsibijietha regolarment. Meta missierha - l-uniku membru tal-familja li baqa' ħaj - mar lura Amsterdam wara l-gwerra, huwa sab id-djarju u ppubblikah fl-1947. Is-suċċess tiegħu kien fenomenali, tant li ġie tradott f'aktar minn 70 lingwa u bis-saħħa tiegħu d-dinja kollha saret taf il-ġrajja ta' Anne Frank.



**[Minn www.heritagemalta.org]**



**Email mingħand John A. Consiglio, it-2 ta' Marzu 2021**

Insellimlek Patrick,

Damma ta' 62 paġna li assolutament taqtagħlek nifsek jekk tazzarda biss tipprova taqraha f'jum wieħed... Prosit tassew ta' din il-ħarġa ta' IL-PONT. Hija verament ħaġa tal-għaġeb kif irnexxielek, għal darb'oħra, tagħtina tant materjal dwar id-dinja tal-letteratura u pubblikazzjonijiet importanti, ħafna minnhom anki ta' nisel mhux biss Malti.

Il-letteratura jiena dejjem sostnejt li hija ġid dinji, u nagħmlu żball kbir li nadottaw viżjoni limitatament lingwistika jew "jingoistika" meta nippruvaw inħarsu lejha bħala xiħaġa limitatament ta' pajjiż wieħed.

Jiena ser nieħu gost indum naqra din il-ħarġa kemm jista' jkun, għax irrid ingawdiha sew.

Prosit Patrick.
John

**Email mingħand Paul P. Borg, it-2 ta' Marzu 2021**

Grazzi Patrick,

Jien wieħed minn dawk li ma nsibx ħin naqrah kollu! Imma l-aħbarijiet li jkun fih u l-intervisti nagħmel mezz ma nitlifhomx. Issa nifthu bil-kalma għax bħalissa msallab. Imma IL-PONT hu oażi ta' kalma li tirrilassani, tferraħni u tgħallimni. U nistennieha! Bħal dejjem proset u grazzi tal-ħafna xogħol li qed tagħmel toħroġ l-uniku magażin letterarju fil-pajjiż. J'Alla jkollok saħħa tibqa' sejjer.

Paul P. Borg

**Email mingħand Mary Chetcuti, it-2 ta' Marzu 2021**

Għażiż Patrick,

Illum tajtna abbundanza ta' qari u ta' dan nirringrazzjak tax-xogħol li jiena ċerta inti tagħmel b'imħabba u dedikazzjoni kbira. Semmejt lil Wilbur Smith, wieħed mill-kittieba favoriti tiegħi: fil-fatt m'ili xejn li qrajt *Vicious Circle* tiegħu, storja mimlija azzjoni li tħallik bla nifs!

Grazzi mill-qalb li ppubblikajtli l-ewwel parti tal-kitba li bgħattlek 'Il-Maltempata'. Ma għandix il-livell letterarju tal-bravi kittieba li tikteb dwarhom u li tintervista, però meta nara kitba tiegħi ppubblikata tagħmilli kuraġġ ta' sur biex inkompli.

Saħħa u Paċi lilek,
Mary Chetcuti

**Email mingħand Mario Griscti, it-2 ta' Marzu 2021**

Għażiż Patrick,

Irċevejt IL-PONT, ħarġa ta' Marzu 2022, li tiegħu niżżik ħajr qatigħ. Affaxxinanti t-tagħrif mid-dinja letterarja. Naturalment, mewt ta' kittieba tqanqal sentimenti ta' diqa u fl-istess waqt u b'xi mod, ukoll solidarjetà. L-informazzjoni fuq pubblikazzjonijiet ġodda u studji fuq oħrajn li minn fuqhom għadda ċertu żmien, għandhom ikunu apprezzati. Stejjer u poeżiji, intervisti u internazzjonaliżmu f'kuntest fratern fil-qasam tal-ħsieb u l-kitba jibqgħu jingħataw importanza ġusta f'IL-PONT. L-editorjal hu l-kuxjenza ta' dan kollu. Grazzi Patrick talli inkludejtli poeżija f'dan il-magażin letterarju stabbilit. Insellimlek u nixtieqlek saħħa, paċi u ġid.

B'Imħabba,
Mario



**Email mingħand Michael Zammit, it-3 ta' Marzu 2021**

Għażiż Sur Sammut,

Ħajr kbir minn qalbi. Kemm nammirak għal dil-ħidma hekk kbira favur ilsienna. 62 paġna oħra mimlijin b'aħbarijiet, intervisti, poeżiji, kotba ġodda u kitbiet oħra.

Tgħaġġibni tassew. Naf u nifhem kemm dil-battikata teħodlok ħin. Iżda għax tagħmilha bil-qalb, jirnexxilek tibqa' għaddej u ħarġa tissupera oħra.

Ħajr ukoll li sibt post għall-kitba li kont bgħattlek.

Michael

**Email mingħand Carmel G. Cauchi, it-3 ta' Marzu 2021**

Għażiż Patrick,

Grazzi mill-qalb tal-ħarġa 65 ta' IL-PONT, Marzu 2022.

Bħas-soltu din il-ħarġa hi mimlija u mburġata b'materjal letterarju lokali u barrani. Għal darb'oħra nifraħlek għal dan il-kotribut regolari tiegħek b'risq il-letteratura tagħna. IL-PONT qiegħed iservi ta' vetrina għall-kittieba ġa stabbiliti u ta' pjattaforma għal dawk emerġenti.

Prosit tassew. Grazzi mill-ġdid u tislijiet.

Carmel

## ĠMIEL IS-SEĦER TAN-NATURA

Qalbi jisraq
sema iżraq,
mingħajr ċirċ, mingħajr ħajbura,
ruħi tifraħ
meta nimraħ,
qalb is-seħer tan-natura.

Xemx ħanina
żżiegħel bina
b'dawl l-imrieżaq, bla ma tkiddna,
l-għomma mbewġa
ma' kull fewġa,
li qed trewwaħ biex tfissidna.

Waqt li tbewwes
u titmelles,
ma' kull żbula fuq il-qiegħa,
ma' kull fjura
li n-natura,
tnibbet biex nithennew biha.

Medda ilma,
firxa sielma,
mera tilma bis-sbuħija,
ġmiel il-baħar,
bih niftaħar,
nieqa ħelwa tat-tfulija.

Għotja mkewna,
debħa mlewna,
sema nir, qiegħa bil-ħdura,
ħolqien għani,
dan li tagħni,
ġmiel is-seħer tan natura.

**CHARLES MIFSUD**

## IT-TIENI PARTI TAL-INTERVISTA MA' JOSEPH W. PSAILA DWAR *KANNIBALI DEMOKRATIĊI U DRAMMI OĦRA* (2021)

**Spiss id-drammaturgi lokali ttrattaw il-kwistjoni jekk, minkejja l-akkwist tal-Indipendenza, ir-Repubblika u l-Ħelsien, illum aħniex verament poplu nazzjon. X'taħseb dwar dan? Għad hemm bżonn ta' "palk nazzjonali" jew dan għadda żmienu? Kemm qed jingħata spazju palk ta' dan it-tip?**

Mill-Indipendenza, li ġabet fi tmiemha l-ħakma kolonjali, u mbagħad bir-Repubblika u l-Ħelsien li komplew isaħħu s-sovranità, minn dak iż-żmien sal-lum, baqgħet tqum din il-mistoqsija tiegħek, "aħniex verament poplu nazzjon."

Minflok nidħol fid-definizzjonijiet, inqiegħed taħt il-lenti l-attittudnijiet tal-lum tal-Maltin u l-Għawdxin. Skont Alain Finkielkraut, "Aħna ma ngħixux biss biex inkunu għexna. Mhux kollox jerġa' jibda mill-ġdid ma' kull ġenerazzjoni: aħna nirċievu u ngħaddu lill-oħrajn. Il-ħajja tiżvolġi ġo patrija, fil-kuntest ta' lingwa, f'kuntest li aħna responsabbli li nħarsu b'għożża u forsi wkoll b'imħabba". Jidhirli li din it-twissija tgħodd għalina jekk irridu nkunu tabilħaqq poplu nazzjon. Nanalizzaw l-attitudnijiet tan-nies Maltin madwarna u jkollna tweġiba jekk jixraqilniex nissejħu hekk. It-tweġiba xjentifika, imbagħad, għas-soċjologi.

Illum meta hawn ħafna li jħossuhom ċittadini Ewropej  - u xi wħud ukoll ċittadini tad-dinja – jien tal-fehma li għad hawn bżonn ta' "palk nazzjonali", mhux tant biex iħeġġeġ il-patrijottiżmu kontra xi ħakma barranija, imma biex l-imħabba għal Malta u għal dak li hu Malti tingħata dimensjoni ġusta u xierqa... u biex lill-patrijottiżmu jonġru u jsaffih min-nazzjonaliżmu radikali li jtalla' ħitan u jiżra' firdiet u mibegħda. Dan in-nazzjonaliżmu huwa għan-nazzjon bħalma l-artrite hi għall-artikolazzjonijiet tal-ġisem.

Jekk jingħatax spazju għal dan "il-palk nazzjonali" – u mhux biss għall-palk imma wkoll għal-letteratura ta' dan it-tip – għandi f'moħħi eżempju tal-ktieb ta' Charles Briffa *Temenos*. Dan il-ktieb, li partijiet minnu jistgħu jkunu addattati għall-palk, jippreżenta l-eroj Malti u lil Malta bħala territorju ta' għaqal u qlubija ta' ħsieb. Il-poeżija narrattiva fih turi "ir-relevanza kreattiva tal-lingwa Semitika llum".




U dan iwassalni għall-kliem ta' Alain Finkielkraut li kkwotajt aktar qabel. Kieku dan il-ktieb, pereżempju, jiddaħħal fis-sallabu tal-Matsec, kieku dan jista' jgħin liż-żgħażagħ tagħna biex jagħrfu li l-ħajja tiżvolġi ġo patrija, fil-kuntest ta' lingwa, f'kuntest li aħna responsabbli li nħarsu b'għożża, u forsi wkoll b'imħabba. Imma kif imdorrijin ngħidu, "il-kieku waqa' u kiser siequ".

**Inti tikteb ukoll dwar "palk reġjonali". Kemm hu meħtieġ f'Għawdex - li llum qed jiġi invaż minn kuntratturi u speklulaturi li jemmnu biss fil-valur monetarju u materjalistiku - palk bħal dan? Aktar milli reġjonali, din hija problema fuq kollox nazzjonali. Ma taħsibx li t-tikketta "palk reġjonali" ġġorr magħha sens diminuttiv jew peġġjorattiv?**

Biex ngħaqqad mal-mistoqsija ta' qabel, id-diskors dwar kemm inħassu mill-Għawdxin l-effetti tal-kisbiet kostituzzjonali għandu jkun differenti minn dak li jsir għall-Maltin. Minkejja l-fatt li l-Għawdxin ivvutaw fil-maġġuranza tagħhom għall-Indiupendenza u erbgħa mir-rappreżentanti tagħhom fl-Assemblea Leġislattiva vvotaw favur il-kostituzzjoni tagħha – l-ikbar numru mid-distretti kollha – l-effetti tat-tmiem tal-ħakma kolonjali ma setgħux iħallu f'Għawdex impressjoni ta' għarfien patrijottiku bħalma ħallew fuq in-naħa l-oħra tal-fliegu. F'Għawdex qatt ma kellna drydocks... u lanqas Strada Stretta u l-għajxien ta' ħafna



Għawdxin ma kienx jiddependi direttament mill-infiq tal-forzi tar-Reġina u lanqas kien hawn fis-snin ta' qabel l-Indipendenza viżibilità tal-membri ta' dawn il-forzi bl-uniformi fit-triqat.

Il-ġrajjiet kbar tal-Istorja ta' Malta dejjem waslu Għawdex bħal diwi li jinstama' mill-periferija. Biex taqgħad, paġna li kienet kultant tissemma' dwar Għawdex kienet disfatta, dik tal-1551. U jista' jkun li biex tinħeba din il-paġna, trabbiet, ftit jew wisq, indifferenza lejn l-Istorja kollha kemm hi. Imqar żewġ paġni glorjużi ma rċevewx il-mertu li jixraqilhom. L-għoti tad-Djoċesi kienet paġna glorjuża imma għad hemm illum f'Malta min jiddejjaq biha u min f'Għawdex stess jibqa' indifferenti għaliha, għalkemm matul is-snin ħarġu minn din id-Djoċesi żgħira għadd ta' isqfijiet u għexieren ta' missjunarji. Il-paġna l-oħra hi dik tal-qawmien tal-Għawdxin kontra l-Franċiżi fl-1798. Imma riedu jgħaddu aktar minn żewġ sekli biex, Saverju Cassar, il-mexxej tal-Għawdxin f'dik il-ġrajja glorjuża, ikun imfakkar b'monument.

Għaldaqstant, palk reġjonali għadu jista' jagħti sehem għall-formazzjoni tal-kuxjenza, għat-tiftix tal-għeruq biex il-poplu jagħraf min hu tabilħaqq, illum meta lanqas ma hawn kuxjenza biżżejjed, ukoll fost l-amministrazzjoni ċentrali f'Malta, li Għawdex mhux biss Reġjun, iżda Gżira-Reġjun.

In-nuqqas ta' kuxjenza fost l-Għawdxin tidher ukoll fl-indifferenza ta' ħafna lejn l-iżvilupp esaġerat ta' bini b'ħames u sitt sulari, meta l-vokazzjoni ta' Għawdex kienet darba, u suppost għadha waħda rurali. Matul is-snin tnedew policies ta' Eko-Għawdex li mbagħad saru karikatura bil-kjuwijiet tal-karozzi u trakkijiet tar-ready-mix jonfħu l-exost u jonħru l-ħsejjes. Minflok tħeġġet il-biedja, splodiet l-industrija tal-kostruzzjoni. U r-reazzjoni tal-Għawdxin, bħal tal-Maltin, x'inhi? "Għarukaża dal-bini kollu!" waqt li f'qalbhom ikunu jlissnu: "Imma fuq il-biċċa art tiegħi  rrid intella' sitt sulari; u bis-sewwa jew bl-imbrolji, hekk se nagħmel."

Jidhirlek int, li din mhix tema għall-kummiedja soċjali bl-isem: "Evviva l-Eco-Gozo!"? Palk reġjonali – u diminuttiv – kemm trid, imma li jitwessa' għal skala nazzjoinali.

**Il-bżonn ta' "atturi sagri" jew "transluminarji" li jgħinuna naraw lil hinn minn dak li hu prettament materjalistiku u egoistiku. Xi tgħid dwar dan?**

Tnejn mid-drammi fil-ġabra *Kannibali Demokratiċi u Drammi Oħra* jippreżentaw żewġ "atturi sagri" jew "transluminarji" – persuni b'din il-kariżma misterjuża li joħorġuna mid-drawwa jumiena, mill-ġarr mal-kurrent u mill-gara tar-*rat race*, li bdiet meta l-ispermatozoj tellqu bejniethom min l-ewwel fosthom se jilħaq il-bajda, u bqajna bil-vizzju sal-lum. It-transluminarji jitfgħulna ħarsitna lil hinn minn ħalqna u mneħirna, lil hinn minn żaqqna u minn ta' taħtha u juruna l-għan tal-għomor (li mhux il-ħajja fl-eternità) neħtieġuhom illum, x'aktarx iżjed minn qatt qabel.

Is-soċjetà tagħna llum tgħix mgħarrqa fl-informazzjoni, vera u *fake*. L-informazzjoni tkun ġdida biss fl-ewwel mument tagħha, imbagħad aktar ma jgħaddi ż-żmien, u forsi l-ħin, aktar titlef l-impatt sakemm informazzjoni oħra teħdilha postha. Bla ma nintebħu ninqabdu mill-ġibda irreżistibbli "tal-hawn u issa". Villemessant, il-fundatur ta' Le Figaro, kien iddiskriva hekk il-karatteristika tal-informazzjoni: "Għall-qarrejja tiegħi, nirien f'kamra tal-bejt fil-Kwartieri Latini huma aktar importanti minn revoluzzjoni f'Madrid."

Din tal-"hawn u issa" bewġet minn quddiem għajnejna l-kunċett tal-eternità. Xi ħassieba jsostnu li mat-twarrib gradwali tal-eternità minn moħħna,

seħħet ukoll gradwalment stmellija għall-impenn sostnut. Għalhekk ukoll għandna bżonn transluminarji, bħal dawk li nsibu f'dawn id-drammi.

**Parti mdaqqsa mill-personaġġi fid-drammi tiegħek huma nisa. Għaliex dan?**

Il-femminiżmu radikali jsostni li fil-kultura patrijarkali, l-ordni li tqiegħed fi grad taħtieni lill-femminil f'konfront mal-maskil hija l-ingranaġġ biex il-makna soċjali tiffunzjona. U jsostni wkoll li matul iż-żmien in-narrattiva letterarja ġibdet lejn din il-filosofija. Din l-assjoma ma tippermettix daqqa t'għajn ħafifa u timplika studju interessanti ferm. Madankollu biex nagħmel biss aċċenn, Mary Ann Cross (1819 – 1880) – li madankollu kitbet, "the happiest women, like the happiest nations, have no history", kellha tbiddel isimha għal George Eliot biex tkun aċċettata bħala awtur. Imma x'kien ikun Dante mingħajr Beatrice? X'kien ikun Petrarca mingħajr Laura?

U ladarba hawn qegħdin nitkellmu mit-teatru, Shakespeare kien itella' fuq il-palk xi *fair youth* u jagħtih il-parti ta' tfajla – meta kien hemm kritika qawwija puritana kontra t-teatru għaliex li mara tilbes ta' raġel u viċiversa kien projbit fis-soċjetà. Imbagħad Shakespeare kien isibha komda li liż-żagħżugħ jagħmillu *cross-dressing* u hekk jidher raġel quddiem il-personae l-oħra fil-plott imma għall-udjenza jibqa' mara. Hekk pereżempju fil-*Merchant of Venice* ilibbes lil Portia ta' żagħżugħ... ukoll biex juri li l-mara kellha ħila tkun avukat bravu.

Niftakar fi tfuliti, id-drammi fuq il-palk tas-Salesjani tal-Belt Victoria, l-uniku teatru fil-gżejra dak inhar, u wieħed mill-priem fost dawk li hawn illum f'Għawdex, lill-guvintur jaħdmu il-partijiet tan-nisa. Hekk sar, pereżempju, meta tul Randan sħiħ inħadmet "Il-Passjoni" bil-ġuvintur fil-partijiet tal-Madonna u Marija Maddalena.

Dan kollu qed ngħidu biex niddefendi l-fatt li għadd ġmielu tal-personaġġi f'din il-ġabra ta' drammi huma nisa. Ħafna drammaturgi, illum aktar minn dari, ma jistgħux jippreżentaw ir-realtà tal-ħajja soċjali mingħajr il-preżenza tal-personaġġi nisa. U hekk ukoll jien f'din il-ġabra. Il-mara, f'dawn id-drammi tista' sempliċiment isservi ta' ispirazzjoni għall-azzjoni tar-raġel, tista' tkun ko-eroj miegħu, tista' tkun saħansitra hi l-eroj u r-raġel l-anti-eroj jew tkun hi l-protagonista fuq il-palk, il-fulkru li jħaddem madwaru ċorma rġiel. Fl-aħħar mill-aħħar m'aħniex ħafna 'l bogħod minn din is-sitwazzjoni fir-realtà soċjali.

**Meta wieħed jipparaguna l-poplu Malti fl-imgħoddi ma' dak tal-lum jinduna li l-Maltin u l-Għawdxin tal-preżent huma "mejtin" fis-sens li nħakmu minn ċerta indifferenza u apatija u m'għadhomx jirribellaw bħal fil-passat. Dan jista' jkun riżultat ta' żewġ fatturi: aljenazzjoni fuq naħa, jew sitwazzjoni fejn ma jinħassx il-bżonn ta' qawmien jew ribelljoni. Xi tgħid dwar dan?**

Il-Maltin u l-Għawdxin illum qegħdin jitbennu fl-aljenazzjoni tal-kumdità u l-konsumiżmu. Ħadd m'għadu jsemmi d-dittatura tar-relattiviżmu. L-iskala tal-*credit ratings* tiżboq kollox. Jekk tmissilna l-kumdità biex tnaqqashielna, hemmhekk forsi noqomsu. Dak li kien neċessità lbieraħ, hu kumdità llum, u l-kumdità tal-lum toħloqilna n-neċessità ta' għada. Il-livell tal-għajxien iva jogħla, imma wasalna fi stat li minħabba f'hekk il-kwalità tal-ħajja qiegħda titbaxxa.

Il-massma ta' René Descartes, *Cogito, ergo sum*, (I think, therefore I am) illum għal ħafna Maltin u Għawdxin hija *I shop, therefore I am*. F'pajjiż mingħajr riżorsi, il-konsum huwa forza qawwija biex iddawwar ir-roti tal-makna ekonomika. F'din l-alenazzjoni ma nsibux ħin biex nagħrfu, nifhmu u nħobbu l-għeruq tagħna. Lanqas l-edukazzjoni li nagħtu fl-iskejjel tagħna – minn fuq s'isfel - ma tagħmel dan. Iżda hu fatt li jekk ma nsostnux il-memorja ħażin għalina, għaliex mingħajr il-memorja ma hemmx identità.

Kif jipparaguna l-poplu Malti llum ma' dak tal-imgħoddi? Alessandro Manzoni, fil-poeżija "Marzo 1821" kien ta definizzjoni tal-Italja li b'varjazzjoni żgħira nistgħu napplikawha għal Malta: "una d'arme, di lingua, d'altare / di memorie, di sangue e di cor". Tista' tidher definizzjoni antikwata għas-seklu wieħed u għoxrin. Imma ma hemmx dubju li f'Malta tal-imgħoddi, dawn il-karatteristiċi ukoll kienu jagħnu lill-poplu Malti. Illum, ukoll jekk jittieħdu f'konsiderazzjoni l-irjieħ li għas-sewwa u għad-dnewwa jonfħu fostna, liema waħda minn dawn il-karatteristiċi għandna ngħożżu?

**IL-PONT IKOMPLI JITKELLEM MA' MARIO PACE DWAR IL-KTIEB *CARLO MAGRI. DRAMMATURGO MALTESE (1617-1693). VITA E OPERE*, Midsea Books, 2018 – IT-TIENI PARTI**



**Xi tgħid dwar il-letteratura Maltija miktuba bit-Taljan? X'fadal minnha fil-preżent?**

It-tradizzjoni letterarja Maltija bil-lingwa Taljana laħqet il-qofol tagħha fis-seklu 17 meta bil-wasla u l-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri ġewwa l-gżejjer tagħna tat lok għall-ħolqien ta' letteratura sħiħa, speċjalment bit-tlestija tal-bini tal-belt Valletta li malajr saret ċentru kulturali. Ħafna drabi l-awturi kienu jieħdu spunt għax-xogħol letterarju tagħhom jew minn xi rebħa militari tal-Ordni, jew f'okkażjonijiet speċjali bħal, ngħidu aħna, il-wasla ta' Gran Mastru ġdid jew it-twelid ta' xi wild nobbli jew għeluq snin il-Gran Mastru. Okkażjonijiet oħra li taw spinta lil din il-letteratura kienu wkoll dawk marbutin mal-festi reliġjużi fuq livell nazzjonali jew ta' raħal kif ukoll festi marbutin ma' xi kongregazzjoni partikulari. Biex insemmi biss eżempju wieħed, l-aħwa Giacomo u Giovanni Ottone Bosio, li kienu jgħixu Malta fl-1577 bħala ambaxxaturi mal-Gran Mastru tal-Ordni, biex jiċċelebraw ir-rikonċiljazzjoni li kienet intleħqet bejn l-Ordni u r-Re ta' Franza, ikkomponew kuruna ta' sunetti li imbagħad inġabru fil-volum ta' M. Filippi li jġib l-isem *Lettere sopra il Furioso dell'Ariosto*.

Meta inħarsu lejn il-letteratura Maltija tal-età barokka, peress illi kien hemm rabtiet qawwija ħafna bejn Malta u Sqallija (jew aħjar kif kien magħruf il regno delle Due Sicilie) mhux biss ta' natura politika u amministrattiva imma anke kulturali, malajr nindunaw illi din kienet issegwi l-mudelli u l-eżempji ta' dik Taljana. U ma ninsewx li f'din l-epoka, il-lingwa Maltija ma kenitx għada awtonoma u li t-Taljan u l-Latin kienu jiddominaw fil-komunikazzjoni letterarja. Aktar 'il quddiem diġà semmejt min kienu l-awturi Maltin li fis-sekli li qegħdin nitkellmu dwarhom kitbu x-xogħlijiet tagħhom bil-lingwa Taljana u li ħallew patrimonju kulturali u letterarju imprezzabbli.

B'diqa kbira jkolli nammetti li llum 'il-ġurnata l-affarijiet inbidlu ħafna u l-letteratura Maltija miktuba bit-Taljan naqset sew. Fl-istess ħin però, wieħed irid jagħraf l-importanza tal-letteratura bil-lingwa Maltija u l-iżviluppi kbar li saru f'dan il-kamp minn meta l-lingwa Maltija saret il-lingwa uffiċċjali ta' pajjiżna. Huwa naturali li awturi Maltin iħossuhom iktar komdi jesprimu l-ideat u s-sentimenti tagħhom bil-lingwa materna u dan, fl-istess ħin, huwa xhieda tal-passi kbar li għamlet il-lingwa tagħna matul is-snin. Sa mill-1796 Mikiel Anton Vassalli, awtur ta' diversi xogħlijiet, fosthom il-*Vocabolario Maltese*, kien jitkellem fuq l-idea ta' Malta bħala nazzjon u fuq il-lingwa Maltija bħala l-lingwa nazzjonali ta' Malta. Awturi bħal Dun Karm, pereżempju, għalkemm urew imħabba u passjoni kbira lejn il-lingwa Maltija, xorta segwew il-mudelli tematiċi u stilistiċi ta' awturi Taljani bħal Manzoni, Monti u Foscolo. Apparti Dun Karm, wieħed ma jistax ma jsemmix lil Karmenu Vassallo u Rużar Briffa (1906-1963) li kienu fost l-akbar esponenti tat-tematika romantika, ereditata direttament minn qari b'ħafna reqqa ta' xogħlijiet ta' awturi kbar Taljani, fosthom il-Leopardi. U għalkemm illum din il-letteratura bit-Taljan u mnebbħa mill-awturi Taljani ħaditilha postha l-letteratura bil-lingwa Maltija, xorta wieħed għadu jista' jilmaħ traċċi li ġejjin minn tradizzjoni li għadha ma mititx. Dan ngħidu għax minkejja l-fatt li llum 'il-ġurnata ħafna huma l-awturi Maltin li jsibu l-ispirazzjoni tagħhom mid-dinja Anglosassona u Amerikana, xorta waħda l-viċinanza fiżika u ġeografika tal-Italja tibqa' aspett importanti ħafna u kulturalment aħna nibqgħu Mediterranji.

**Kemm huma importanti monografiji bħal din tiegħek dwar letterati Maltin li kitbu b'ilsna oħra fl-imgħoddi?**

Jiena nemmen bis-sħiħ li bħala akkademiċi u studjużi m'għandniex inħallu li patrimonju kulturali, artistiku u/jew letterarju li ħallewna missirijietna imut mewta naturali. Qiegħed ngħid dan peress illi personaġġi bħal Carlo Magri, li l-kontribut tiegħu imur lil hinn minn dak ta' sempliċi saċerdot jew kittieb, mhumiex magħrufa lanqas f'pajjiżna stess. Hija ħasra kbira li anke fost studenti universitari li jistudjaw il-lingwa Maltija, lingwi barranin, letteratura Maltija u dik barranija, hemm nuqqas kbir ta' għarfien dwar dan il-patrimonju u dan jien inqisu bħala lakuna kbira. U jekk tippermettili, nixtieq nikkwota lill-Imħallef Giovanni Bonello li fil-premessa tal-monografija li ktibt jien jghid hekk:

"Carlo Magri ha finalmente trovato il suo Omero. Trascurato nei secoli, offuscato nell'ombra del suo più celebre fratello Domenico, era maturo il tempo per proporre un atto di giustizia e di riparazione nei confronti della sua vita, della sua opera e di tutto ciò che esse rappresentano.

Troppo militava a spingere la memoria del Magri verso l'oblio: il lungo trapasso di tempo; l'essere stato forestiero nell'Italia dove operò più creativamente; l'ostilità in una colonia inglese verso tutto ciò che legava l'antica cultura di Malta alla sue radici italiane; la sua vocazione religiosa respinta come anacronistica in tempi laici, agnostici e avversi al clericalismo; l'identità minore e subordinata al fratello Domenico che egli si auto-impose: Carolo eius frate, si firma e si squalifica. Un intralcio di circostanze le più disparate hanno cospirato a far ciò che di Carlo Magri fossero sbiadite le orme leggere lasciate dal suo passaggio sulle sabbie della vita… Non si dimentica così il primo drammaturgo di una nazione che, già nel 1672, diede la sua opera al mondo."

Barra minn hekk, jien iddeċidejt li nippubblika l-ktieb bil-lingwa Taljana biex dan il-patrimonju jkun jista' jitgawda wkoll lil hinn minn xtutna. U hawnhekk ta' min wieħed jgħid li l-interess li din il-monografija qajmet ġewwa l-gżira ta' Sqallija kien wieħed kbir. Nemmen li monografiji bħal din jistgħu jservu ta' pont bejn il-passat u l-preżent kif ukoll bejn pajjiżi li huma tant viċini ta' xulxin u li kellhom esperjenzi kulturali, politiċi u letterarji passati komuni.

**Is-saħħa tal-ilsien Taljan f'pajjiżna fl-imgħoddi, u s-sitwazzjoni tiegħu issa. Reazzjonijiet tiegħek?**




Minghajr tlaqlieq nistgħu ngħidu li s-sitwazzjoni tat-Taljan f'pajjiżna fl-imgħoddi u llum inbidlet totalment. Għaddejna minn żmien (kif diġà tkellimna) fejn għal diversi sekli, il-lingwa Taljana, ma' dik tal-Latin, kienu l-lingwi tal-komunikazzjoni soċjali u letterarja. Anke meta l-Malti beda jintuża sew u laħaq status ta' lingwa nazzjonali, it-Taljan xorta kien baqa' popolari, kemm miktub u kemm mitkellem.

Illum, b'xorti ħażina ngħid jien, it-Taljan sar meqjus bħala lingwa barranija fuq l-istess livell ta', ngħidu aħna, il-Ġermaniż jew l-Ispanjol. Dan għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, fejn sa 20 jew 30 sena ilu, tfal, żgħażagħ u adulti kienu jsegwu l-programmi fuq l-istazzjonijiet tat-Televizjoni Taljani, u allura kien ikollhom *exposure* għal-lingwa, illum il-ġurnata is-sitwazzjoni nbidlet. Qabel xejn irridu ngħidu li t-tfal illum jippreferu l-midja soċjali mit-televiżjoni. Facebook, Instagram, Google u oħrajn joffru ħafna iktar varjetà u possibilitajiet ta' interazzjoni soċjali mit-TV. It-tieni, minn meta daħlet is-sistema tal-

*cable TV* kif ukoll tas-satellita, l-għażla tal-istazzjonijiet mhux biss żdiedet imma żdiedu wkoll il-lingwi li wieħed jista' jsegwi bihom. B'riżultat ta' hekk, fejn qabel iż-żgħażagħ li jibdew l-iskola sekondarja kienu kważi kollha jifhmu bit-Taljan (u xi wħud anke jitkellmuh), illum il-maġġoranza assoluta tagħhom ma tifhimx kelma b'din il-lingwa. U għalkemm il-lingwa Taljana għadha l-iktar lingwa popolari magħżula mill-istudenti Maltin fl-iskejjel sekondarji (fil-fatt 60% tal-istudenti għadhom jagħżlu Taljan), dan ma jfissirx li sa tmiem l-istudji tagħhom fl-iskola sekondarja dawn jitgħallmu jitkellmu din il-lingwa. Tant hu hekk illi ta' kull sena madwar 50% ta' dawn l-istudenti jew jiddeċiedu li ma jmorrux għall-eżami ta' tmiem l-iskola sekondarja (is-SEC) jew inkella jeħlu minn dan l-istess eżami. U s-sitwazzjoni ssir aktar inkwetanti fost l-istudenti li jkomplu bl-istudju tagħhom fis-settur post-sekondarju u Universitarju, fejn in-numru ta' dawk li jagħżlu li jkomplu jistudjaw it-Taljan naqas b'mod drammatiku. Raġuni oħra li wasslet għal din is-sitwazzjoni hija l-perċezzjoni żbaljata ta' ħafna, inklużi ġenituri u żgħażagħ, li għadhom jaħsbu u jemmnu li biex wieħed ikun f'pożizzjoni li jsib karriera tajba jkun aħjar jekk minflok lingwi jistudja x-xjenzi jew matematika jew IT. Illum diversi studji internazzjonali juru li dan mhux minnu u li min jistudja l-lingwi jista' jkollu orizzonti kbar quddiemu. Fil-fatt, anke f'pajjiżna, huma ħafna l-opportunitajiet ta' xogħol għal dawk iż-żgħażagħ li kapaċi jitkellmu u jifhmu bit-Taljan, fosthom fis-settur turistiku, dak tal-gaming, tar-ristorazzjoni u oħrajn.

**Ktieb bħal dan għandu wkoll ir-rwol li jħajjar studjużi barranin li ma jifhmux bil-Malti joqorbu lejn il-letteratura Maltija. Carlo Magri hu fost dawk il-kittieba Maltin li qiegħdu lil Malta fuq il-mappa letterarja dinjija. X'taħseb dwar dan?**

Waħda mir-raġunijiet ewlenin għalfejn iddeċidejt li l-monografija dwar Carlo Magri niktibha bit-Taljan hija proprju biex anke studjużi barranin ikunu jistgħu jaqraw, jitgħallmu u joqorbu lejn il-letteratura Maltija. Kif għedt iktar qabel, hija ħasra li xogħlijiet missirijietna jibqa' mistur fil-biblijoteki jew, agħar minn hekk, jintesa għalkollox. Mill-esperjenza tiegħi nista' ngħid illi din il-monografija qanqlet interess kbir fost studjużi u akkademiċi, speċjalment Sqallin, li kitbuli u staqsewni mhux biss dwar Carlo Magri u x-xogħlijiet tiegħu imma anke fuq il-letteratura Maltija bil-lingwa Taljana b'mod ġenerali. Dan huwa ta' sodisfazzjon kbir għax hija turija ta' kemm il-prodott letterarju Malti huwa validu u jagħti kontribut siewi ħafna fil-qafas tal-letteratura internazzjonali. Carlo Magri, permezz taż-żewġ kummiedji li kiteb u ppubblika ġewwa l-Italja, mhux biss poġġa lil Malta, forsi għall-ewwel darba, fuq il-mappa letterarja dinjija, imma witta t-triq għal ta' warajh. Is-suċċess u l-popolarità li kisbu ix-xogħlijiet ta' Magri u l-isem tajjeb li għamel kemm dam jgħix u jaħdem ġewwa Ruma, żgur li servew ta' passaparola u wittew it-triq għal-letterati u studjużi oħrajn Maltin li segwew fuq il-passi tiegħu.

## MINFLOK TINŻA'

Jagħtik li tinża',
imma x'tinża' ma tafx sew
- għax ikun ilhom l-elementi
li ddivorawlek ilbiesek -
u tibqa' hemm
wieqaf
b'sidrek skandaljat
mill-kwiekeb.

Etern il-vjaġġ
li fih maqbud.
Eterna l-waqgħa.

Minflok tinża'
taħfen il-ħaxix
u mill-għeruq taqilgħu.

Mis-sema
għadha nieżla n-nida.

Tħoss ġbinek jiksaħ
u timmuta.

**GIOELE GALEA**
**(minn *Għera*, Horizons, 2018)**




**IL-PONT JINTERVISTA LIL ALFRED REALE DWAR IR-RUMANZ *IS-SIGRIET TAS-SIĠILL***

**Kif twieled rumanz bħal dan? Liema kienet l-ewwel leħħa li mbuttatek biex tibda tiktbu?**

Meta bdejt nitlef id-dawl, ħassejt li peress li kien ser ikolli aktar ħin fuq idi u x'nista' nagħmel huwa limitat, bdejt nikteb. Imbagħad ġie avveniment f'ħajti u ddeċidejt li nikteb dan ir-rumanz għar-raġunijiet li se nsemmi iktar 'il quddiem. Mill-bidu kont naf li kien ser ikun orjentat dwar il-paranormali u l-istorja. Waqt li kont qed naħseb l-plot u nilgħab bl-ideat f'moħħi, rajt xi ħaġa fuq l-internet, dwar siġill speċjali u għaġintu fl-ideat tiegħi.

**Kemm joħodlok żmien biex rumanz bħal dan fl-aħħar mill-aħħar joħroġ għad-dawl? Fil-qosor, liema huma l-fażijiet li tgħaddi minnhom biex ir-rumanz bil-mod il-mod joħroġ għad-dawl?**

Bejn wieħed u ieħor ħadli sena. Kif għedt qabel, l-ewwel bdejt naħseb l-istorja u nagħmel ir-riċerka meħtieġa. Imbagħad il-mument speċjali li bdejt nikteb l-ewwel sentenza, dak huwa l-aktar pass importanti. Għalkemm jien kelli l-istorja f'moħħi, ma kellix id-dettalji kollha għax dawk ġew waqt li qed nikteb. Għalkemm tista' tinbidel xi ftit, qabel nibda nikteb, jien ikolli diġà t-tmiem tar-rumanz f'moħħi. Wara li spiċċajt il-kitba mbagħad qratu marti Lourdes u tatni l-opinjoni tagħha, urietni partijiet li forsi ma kinux ċari u korrezzjonijiet. Imbagħad mar għall-qari tal-provi, issettjar u fl-aħħar il-mument li tant kont qed nistenna, l-istampar. Il-qoxra tal-ktieb saret minn ibni Amante.

**F'dan ir-rumanz inti użajt numru ta' ingredjenti interessanti tassew: it-thriller, l-okkult, il-paranormali, it-taħlit bejn ħolm u realtà, imma anki elementi storiċi li joħduna lura sal-Medjuevu. Żgur li dan ried riċerka kbira min-naħa tiegħek. Xi tgħid dwar dan? U minn fejn ġej dan l-interess tiegħek f'dawn l-oqsma?**

Iva, għamilt ħafna riċerki, anke pereżempju x'ismijiet kienu jintużaw f'ċerti perjodi. Ovjament ir-riċerka baqgħet sejra tul il-kitba tar-rumanz. Sa minn żgħir, jien bdejt naqra u filwaqt li minn naħa dejjem kont interessat f'dak li fil-fatt ġara u issa sar parti mill-istorja, min-naħa l-oħra dejjem kont interessat f'dak li hu misterjuż u mhux jew lanqas jista' jiġi spjegat.

**Inti tipprovdi anki bosta ritratti ħajjin ta' numru ta' mkejjen tipikament Maltin permezz tal-pinna dinamika tiegħek. Għaliex dan u kif jgħin fil-kitba tar-rumanz?**

L-idea hi li npoġġi lill-qarrej fl-istampa, f'post li jaf. B'hekk il-qarrej jersaq eqreb tas-sitwazzjoni msemmija dak il-ħin fir-rumanz.

**Huwa anki rumanz b'għadd ta' mini-rakkonti inklużi fih, flimkien ma' tmiem li jħalli lok għal sequel ukoll. X'inhuma r-reazzjonijiet tiegħek għal dan kollu?**

Kif għedt tajjeb int, ir-rumanz għandu numru ta' stejjer qosra, iżda fl-istess waqt hemm storja li qed isseħħ tul ir-rumanz kollu. Fir-rigward tas-sequel, għandek raġun għax fil-fatt diġà qed naħdem fuqu.

**Inti u r-rabta tiegħek mal-Malta Guide Dogs Foundation? Dan hu rumanz li inti ktibt biex il-qligħ li tiġbor minnu jmur kollu għal din il-fundazzjoni. Mela l-letteratura li tagħti daqqa t'id lil min hu fil-bżonn ukoll. Xi tgħid dwar dan?**



Madwar 4 snin ilu bdejt nitlef id-dawl b'mod drastiku u għamilt kors ta' mobilità u orjentazzjoni mal-Malta Guide Dogs Foundation (MGDF) sabiex inkun nista' nuża b'mod effiċjenti l-bastun abjad. Wara li għamilt applikazzjoni, l-MGDF tawni lil Adel, kelba gwida adorabbli li bidlittli ħajti. Apparti li d-dar hi pet, hija wkoll għajnejja għax tiggwidani kull fejn inkun irrid immur. Ġejt bl-idea li bl-għodda li għandi tal-kitba, nikteb dan ir-rumanz biex nagħti xi ħaġa lura lill-MGDF, li hija organizzazzjoni mhux governattiva, ħalli jkollhom aktar fondi biex jixtru kelb gwida ieħor li jkun jista' jagħmel il-ħajja ta' persuna nieqsa mid-dawl aktar faċli. Illum jien ukoll membru tal-kumitat tal-MGDF.

**Min hu Alfred Reale llum: passatempi, sfidi u proġetti futuri?**

Jien imwieled Ħal Qormi minn ommi Catherine u missieri Carmelo. Jiena l-fustani fost ħuti Anna u Carmen. Ftit wara li lestejt is-sekondarja minn St Albert the Great College, ta' 18 ingħaqadt bħala klarinettista, mal-banda tal-Forzi Armati ta' Malta. Apparti l-banda, jiena ħdimt f'sezzjonijiet differenti tal-armata u rtirajt bħala Staff Sergeant wara li servejt għal 32 sena.

Illum jien għandi 57 sena, miżżewweġ lil Lourdes u għandna żewġt itfal Amante u Roxaine. Kif għedt qabel jien nieqes mid-dawl imma apparti l-għajnuna kontinwa li nsib minn marti, nipprova ma nħallix din id-diżabbiltà tfixkilni milli nkun attiv. Mhux qed ngħid li xi kultant ma nkunx frustrat bis-sitwazzjoni tiegħi, imma l-ħajja trid tkompli. Immur nimxi kuljum mal-kelba gwida Adel, nikteb (waqt li nisma' mużika klassika, soundtracks u mużika tas-snin erbgħin), nisma' l-audiobooks u ndoqq ftit il-klarinett.

Bħala proġetti għall-futur, ser inkompli nikteb sabiex bħalma għamilt bir-rumanz *Is-Sigriet tas-Siġill* inkun nista' ngħin għaqdiet oħra.

## JA RIĦ KATTIV

Ja riħ kattiv,
miġjietek xkora trab
u pjazza karti jtiru friefet ballerini,
miġjietek tfal imqarba jnittfu l-ward
fil-kożmos tal-ġnien tiegħi
petali-qlugħ imbandla -
maqbuda ħesrem, fil-qilla tan-nofs tiegħek.

Li mqar li meta tiġi
minflok tqalleb il-baħar u tqalleb l-ilmijiet
u taħsad dawn is-siġar minn għeruqhom
iġib mill-bogħod tal-bieraħ
l-għanjiet tan-nisa kampanjoli
u l-għanjiet ta' kull serena
li nħabbet fuq ix-xtut mimlija ħolm,
li mqar li meta tiġi
minflok taqleb il-qsari
u ssabbat il-persjani
tħallini nbexxaq din it-tieqa
ħa tfur u tfur kamarti
bin-nifs tal-ġiżimin
issellem lil kull naħla.

**JOE SALIBA**
**(minn *Spirali*, Klabb Kotba Maltin, 2011)**

## ĦAJKU

Iljieli kiefra
imqajjem ngħaddi nhewden:
x'ser iseħħ minna?

**PATRICK SAMMUT**

### *DEATH BY PICTURES*, Kite Group 2021 – IL-PONT JINTERVISTA LILL-AWTUR PAUL V. AZZOPARDI

**Meta u x'kienet l-okkażjoni li wasslitek biex tibda tikteb rumanz bħal dan?**

Il-karattru u l-ideat prinċipali kienu ilhom iberrnu f'moħħi u fir-rebbiegħa tat-2019 sibt ftit ħin u bdejt nippjana u nirriċerka dan ir-rumanz. L-ewwel abbozz ħa sal-bidu tat-2020, nikteb biċċa kuljum.

Kont sibt żmien biex niktbu għax iċ-ċirkostanzi ġew hekk. Sa dak iż-żmien kont għamilt xi tliet snin ġej u sejjer bejn Malta u l-Kanada fuq xogħol. Tiġi Malta u tibda ħajja hawn imma mbagħad trid tippakkja ħalli tmur Toronto. Terġa' tibda ħajtek hemm u malajr ikollok tippakkja biex tigi Malta. Ħajja daqsxejn skabruża għalkemm ix-xogħol kien jogħġobni ħafna.

Imma mbagħad il-Bank Malti għall-Iżvilupp kellu bżonn Deputat Kap Eżekuttiv u ddeċidejt li napplika għal din il-kariga. Xi snin qabel kont wieħed mill-Working Committee li ħejja abbozz ta' liġi biex jitwaqqaf il-Bank u dan ix-xoghol fuq żvilupp ekonomiku dejjem kien għal qalbi. Infatti l-ewwel xogħol prinċipali tiegħi kien mal-Malta Development Corporation, l-istituzzjoni li bdiet l-industrijalizzazzjoni f'Malta u li minnha ħarġu ħafna istituzzjonijiet importanti, inklużi l-Malta Enterprise u l-INDIS Malta.

Bejn dawn iż-żewġ karigi nzerta kelli xi xhur naqra ħfief mix-xogħol u għalhekk ħtaft l-opportunità u bdejt naħdem fuq *Death by Pictures*. L-ewwel kapitli tar-rumanz ktibthom Toronto u l-aħħar kapitli meta ġejt lura noqgħod Malta qabel bdejt il-kariga l-gdida.

**X'inhu l-proċess u mil-liema fażijiet tgħaddi inti u taħdem u tikteb rumanz?**

Ngħid għalija, kemm f'dan ir-rumanz kif ukoll f'novelli oħra li ktibt, l-ewwel ma jkun hemm hija ideħa u għall-ewwel din tkun qiegħda timraħ fi sfond xejn ċar. Inkun nista' nara l-idea ċara imma mhux x'hemm madwarha. Mad-dawra kollu mċajpar u vag. Qisha, biex ngħid hekk, din l-idea waqgħet mis-sema minn imkien u bla ebda raġuni. L-idea tista' tkun ta' karattru ta' tip mhux tas-soltu, jew azzjoni, jew farka ta' ġrajja, jew anki sentenza jew tnejn minn djalogu.



Imbagħad, jekk din l-idea togħġobni, nikteb nota malajr ħalli ma ninsihiex, imma n-nota tkun pjuttost niexfa. Allura din l-idea noqgħod indawwarha ġo rasi għal xi żmien ħalli nara jekk taqbadx ideat oħra magħha u hekk tibda tiġġenera ideat oħra hi stess. Jista' jkun tmut ukoll. Imma jekk ma tmutx, wara ċertu żmien, dawn l-ideat li jinġabru flimkien jibdew jifformaw storja.

Jekk dan iseħħ, noqgħod bilqiegħda, u nagħmel pjan u noti fuq il-karattri. Però mhux pjan fid-dettal għax meta tibda tikteb ir-rumanz propju kemm l-istorja u kemm il-karattri jieħdu l-ħajja tagħhom – ħafna drabi kemxejn differenti milli nkun ħsibt jien. Wara li nikteb l-ewwel abbozz, inħalli xi ftit żmien jgħaddi u nibda nirrevedi u nirfina.

Fil-każ ta' *Death by Pictures*, naħseb l-idea oriġinali kienet ta' pittur *happy go lucky* li spiċċa bla flus u beda jikkopja pitturi famużi ta' oħrajn. Imma l-idea oriġinali ħafna drabi tintilef meta l-istorja tibda tieħu l-ħajja.

Għalija l-istorja hija tal-akbar importanza u tiddomina. Nemmen li jekk rumanz ma jagħtix gost jew, għallanqas, esperjenza ġdida lill-qarrej, m'għandekx int bħala kittieb titlob lill-qarrej jagħtik ħinu jew ħinha. U wkoll, t'importanza ugwali,

nemmen li ħajjitna hija storja u l-istejjer huma ħajjitna. Meta naqraw storja, ngħixuha. Il-bniedem jitgħallem bl-istejjer. Jitgħallem bl-esperjenza ta' ħaddieħor.

"Surely you know that pleasure soon evaporates,
into thin air?
Then all we are left with are stories."
— Hanan Al-Shaykh

Qis kemm inkitbu volumi ta' filosofija, teoloġija, u għerf ieħor li ftit jafu bihom – imma l-istorja ta' Adam u Eva, u tal-Iben il-Ħali, u anki ta' Scrooge, mhux biss jafuhom ħafna, imma wkoll laqtu l-ħajja ta' biżibilju nies. Il-bniedem – ħajtu, ħsibijietu – huwa storja. U għalih, anki dawk ta' madwaru huma storja.

U meta naqraw l-istorja tax-xjenza nsibu li ħafna skoperti kbar ġew minn storja – pereżempju, Albert Eistein jimmaġina lilu nnifsu riekeb fuq raġġ dawl li wasslu għat-Teorija tar-Relattività; August Kekule, għajjien, iħares fin-nar, u jimmaġina serp jigdem denbu u hekk wasal biex jispjega kif l-elementi jirreaġixxu ma' xulxin fil-kimika...

**Kemm ħadlek żmien rumanz bħal dan mill-bidu sal-aħħar?**

Minbarra l-ħin biex nirfina u nikkoreġi l-manuskritt u l-proofs, minn meta bdejt nikteb, kif għidt, xi sena.

**Inħoss li dan hu rumanz li għandu taħlita ta' elementi mit-thriller, mir-rumanz tal-imħabba, u dak soċjali, filwaqt li ma jonqsux partijiet xi ftit umoristiċi (eżempju, permezz tal-personaġġ ta' Clementina) u oħrajn riċerkati li jagħtuna tagħrif dwar id-dinja wiesgħa tal-arti b'dak kollu marbut magħha. Xi tgħid dwar din ir-riċetta?**

Għalkemm nikklassifikaw il-kotba f'ġeneri differenti – thrillers, detective stories, romance, mystery, avventura – biex malajr inkunu nafu x'tip ta' storja hi, il-ħajja propja mhix hekk ; il-ħajja bla klassifika.

Kif għidt int, Patrick, *Death by Pictures* ma jaqax faċilment ġo kategorija imma għandu elementi minn diversi ġeneri. Ma nistax ngħid li ktibtu hekk konxjament, sempliċiment ħareg hekk.

Jekk naqblu li l-ħajja ta' kull bniedem hija storja, fil-ħajja ta' kull bniedem hemm spektrum sħiħ ta' stejjer – hemm l-aspett umoristiku, hemm ġrajjiet u affarijiet li l-bniedem iġib b'idejh, oħrajn li jagħmillu ħaddiehor, oħrajn li jaqgħu mis-sema (kif ngħidu, 'kellu jkun hekk'), ferħ, imħabba li tiġi jew tmur għal-għarrieda, diqa, trijonfi, ġrajjiet ta' swied il-qalb, koinċidenzi li ma jitwemmnux!

U allura, meta *Death by Pictures* beda jieħu l-forma, u ndunajt li ma kellu ebda ġeneru partikolari, ma ħabbiltx rasi, u bqajt għaddej. Ħsibt li hekk ikun aktar awtentiku għall-ħajja.

Ħajja essenzjalment assurda, imma xorta n-natura tal-bniedem iġġiegħlu jissara biex inaqqax minnha tifsira. Għalhekk il-bniedem isalva u jibqa' jgħix. U l-letteratura trid tirrifletti dan.

**Dan hu rumanz miktub bl-Ingliż, imma xorta jibqa' rumanz Malti ladarba jissemmew elementi varji bħall-baħar, ir-rizzi, il-ħarruba, il-luzzu, plattijiet tipiċi bħall-fenek, spazji partikolari bħall-intern ta' knejjes u kappelli, u anki lokalitakiet partikolari. Għaliex dan?**

Ċertament rumanz Malti - l-Ingliż li użajt ma jfissirx li hu rumanz barrani. U grazzi talli ħrigt dan il-punt importanti.

Bħalma n-negozjanti tal-Mediterran, minn pajjizi differenti, għal sekli sħaħ, kienu jiftiehmu bejniethom b'tip ta' Taljan simplifikat, deskritt bħala *lingua franca*, hekk ukoll illum, il-*lingua franca* prinċipali hija l-Ingliż li ddomina lingwi oħra minħabba l-Imperu Ingliż, l-Istati Uniti, u pajjiżi importanti oħra fil-Commonwealth. Imma l-*lingua franca* prinċipalment biex tikkomunika ma' barra u m'għandhiex tieħu post lingwi indiġini. Għalhekk għandna nimbuttaw 'il-lingwa Maltija kemm nifilħu imma ma jfissirx li ma nużawx l-Ingliż bħala *lingua franca*, lingwa li ilna nużaw u nitħarrġu fiha mitejn sena, biex nikkomunikaw l-esperjenza Maltija u l-istejjer tagħna ma' pajjizi oħra. L-Ingliz huwa għodda importanti li għandna nużaw biex nesebixxu lil Malta u l-letteratura tagħha lil hinn minn xtutna.

Personalment, inħoss li aktar fhimt l-esperjenza Maltija meta kont il-Kanada, għax tħares lejn Malta minn barra u l-karateristiċi u kuntrasti li jagħmlu Malta tant unika joħorġu aktar ċari. Tista' tikteb volumi fuq hekk, kif aħna żviluppajna differenti, għat-tajjeb u l-ħazin, u għalkemm jien m'iniex




kompetenti biex nagħmel dan, xi ftit osservazzjonijiet sabu ruħhom fir-rumanz.

**Kemm hu importanti l-ħolm li jkollu l-protagonist Ray Spriss fir-rumanz?**

Fakkartni fl-linja li kien kiteb Jorge Luis Borges meta qal: "At first, his dreams were chaotic; a little later, they became dialectical."

M'iniex psikologu imma naħseb li fil-ħolm il-moħħ jipprova jitnaddaf mill-imbarazz li jġemma' waqt li dak li jkun għaddej jgħix ħajtu u fl-istess ħin jipprova jsib bilanċ. Jitnaddaf billi jkun hemm ħolm qisu maltempata, riħ u xita li jkaxkru kollox magħhom u jħallu l-art pristina. Ħolm ta' tgerfix u tara affarijiet ma jagħmlux sens. Ukoll, fil-ħolm insibu bilanċ – jekk għaddej minn żmien feliċi, toħlom ikrah; jekk għaddej minn żmien ikrah u frustranti, toħlom affarijiet sbieħ. Qisu l-moħħ għandu mekkaniżmu biex inaddaf lilu nnifsu u jevita li jmur fl-estrem.

F'*Death by Pictures* hemm ftit elementi ta' realiżmu maġiku fejn xi drabi diffiċli tkun taf jekk dak li qed jiġri hux realtà, thewdin, ħolm, jew xi tip ta' spiritwaliżmu. Imma mhux abbundanti, li jtellef mill-istorja.

Naħseb li dan il-livell fil-ħajja m'għandniex ninjorawh. Għax kieku kif nispjegaw esperjenzi ta' *deja vu*, premonizzjoni, perċezzjoni esterna għas-sensi (ESP) – bħal meta omm tħoss li bintha ġralha xi ħaġa, min-naħa l-oħra tad-dinja - u fenomini li x-xjenza qed tiskopri permeż tal-*quantum physics*?

**Innutajt ukoll li valur importanti fir-rumanz huwa l-familja u l-bżonn li l-bniedem iżomm il-wegħdi li jagħmel. U dan kontra l-qerq u l-ħażen li jixirfu sewwa fir-rumanz. Xi tgħid dwar dan?**

Forsi f'dawn iż-żminijiet fejn hemm tendenzi li ngħixu skont moralità relattivista, tajjeb li niftakru li għalkemm l-ebda filosfu s'issa ma rnexxielu jagħti definizzjoni robusta ta' x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, il-bniedem iħoss ġo fih innifsu x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. U dejjem hemm dan is-sarar bejn it-tajjeb u l-ħazin – jekk tagħmilx il-ħazin għax jaqbillek jew jekk tagħmilx it-tajjeb avolja tmur minn taħt. Kulħadd jiżloq xi ftit jew ħafna 'l hawn jew 'l hemm.

Mhux kulħhadd sensittiv ugwalment għal x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Hawn min l-etika tiżloq minn fuqu bħall-ilma minn fuq papra. U hawn min hu sensittiv iżżejjed, biex ngħid jekk. Għal żmien twil kont naħseb li kulħadd għandu kuxjenza ħerqana ndaqs imma ż-żmien għallimni mod ieħor – u jekk toqgħod taħseb din ħaġa naturali, bħal hawn min jisma' labra taqa' f'kamra oħra u hawn min lanqas trikki trakki jfaqqgħu taħt is-siġġu li qiegħed fuqu ma jisma'.

Ray Spriss, il-protagonist f'*Death by Pictures*, kien għamel wegħda lil ħuh, u żammha. Ir-rumanz miktub fit-tielet persuna imma minn għajnejn Ray Spriss biss u allura din il-wegħda issir importanti anki għall-qarrej. Mhux kulħadd kien imur sal-estremitajiet li mar Ray, imma Ray mar, bil-konsegwenzi kollha...

**Kemm huma importanti għalik il-bosta riferimenti li tagħmel għal xogħlijiet artistiċi oħra mhux biss mid-dinja tal-pittura, imma anki tal-letteratura (Tomasi di Lampedusa u Li Po) u taċ-ċinema?**

Jekk qed ngħidu li l-istorja – fittizja, rakkont mill-passat – tagħtina esperjenza li nistgħu ngħixu u nitgħallmu minnha allura storja, fi kwalunkwe medium, tinfluwenzak.

Ħafna mill-pittura ta’ Cornelius Krieghoff, li ħafna drabi hija pellikola waħda minn storja, tagħti stampa tal-ħajja meta l-Amerika kienet qed tiġi kkolonizzata ħafna differenti minn dik ta’ Hollywood li tikkonsisti fi ġlied kontinwu bejn il-cowboys u l-“Indjani”. F’Toronto hemm esebizzjoni permanenti tax-xogħlijiet ta’ Krieghoff u meta rajtha l-ewwel darba impressjonatni ferm. Għalhekk għamilt lil Ray Spriss jikkopja lil dan l-artist. L-arti tbiddel kif inħarsu lejn ir-realtà.

Jekk trid tifhem kif raġel ta’ mezz’età jħossu meta familtu, is-soċjetà, kif isir in-negozju, u dak kollu ta’ madwaru, inkluż kważi kulma kien imrobbi jemmen fih, jinqalbu ta’ taħt fuq fi żmien qasir, u minn bniedem ta’ qawwa jispiċċa kważi inkapaċi, trid taqra *Il Gattopardo* ta’ Giuseppe Tomasi di Lampedusa.

Biex tipprova tifhem l-għawġ li jġibu magħhom it-tpattija, l-għira u l-isterja, trid taqra *The Crucible* ta’ Arthur Miller (jew aħjar tara l-film dirett minn Nicholas Hytner) fuq dawk in-nisa mixlija li kienu sħaħar f’Salem, Massachusetts, fl-1692.

U biex tifhem kif il-kriminalità teqred pajjiż, tkisser kull mhu tajjeb, u ġġib pajjiż għarkopptejh, u x’jiġri jekk ma tgħaffiġx is-serp meta jkun għadu fil-bajda, forsi m’hemmx aħjar milli taqra l-istejjer ta’ Leonardo Sciascia. Għal xi raġuni, kittieb kbir li qajla nafu bih hawn Malta, avolja kien min-naħa t’isfel ta’ Sqallija.

**L-element kromatiku fis-siltiet deskrittivi huwa wieħed importanti ħafna fir-rumanz tiegħek. Huma wkoll ilwien li jintrabtu ma’ spazji lokali. Xi tgħid dwar dan?**

Bħad-djaletti, il-kuluri huma lokali. Jiddependu fuq it-tip ta’ dawl, fuq ix-xemx u s-sħab, l-umdità fl-arja, ir-riħ, u anke l-burdata ta’ dak li jkun.

Il-kuluri ta’ Malta dejjem saħħruni u forsi l-aktar ħaġa li kont nieqes minnha meta ma kontx noqgħod hawn. Il-kuluri Maltin u l-bini antik. Kif il-ġebla Maltija tibdel il-kulur hi u tixjieħ, kollox minn kważi abjad sa isfar u aħmar sa kannella-griż. Baħar kbir - minn trasparenti u tara l-ħajja u l-ġebel minnu sa ikħal fond kważi iswed. Sema ikħal jixgħel iservi ta’ palk għal sħab tajjar, duħħan, u xi drabi iebes ċomb. Il-bnazzi u t-tempesti ljuni feroċi. Id-dlam u d-dwal tal-lejl. Il-kliem jixxabbat imma ma jwassalx...

Xi kultant naqbad il-pinzell u ftit kuluri imma l-ħin dejjem jinki u jtir u ftit pittirt.

**Lejn l-aħħar tar-rumanz għandna wkoll l-idea ta’ pittura mhix mitmuma. Dan jista’ jfisser li hemm possibiltà li dan ir-rumanz m’għalaqx kompletament. Kemm hu minnu dan?**

L-ebda pittura mhi kompleta, imma fl-aħħar ta’ *Death by Pictures*, dak il-*portrait* kien baqagħlu ħafna xogħol! Minħabba f’dak li għadda minnu Ray Spriss, ma setax jispiċċah. Kien hemm wisq emozzjonijiet jissaraw ma’ xulxin.

**Proġetti oħrajn għall-futur?**

Nispera! Għandi numru ta’ novelli bil-Malti u oħrajn li qed nikteb li nixtieq jaraw id-dawl. U moħħi qed iberren fuq l-avventura li jmiss ta’ Ray Spriss...

## LILL-MUŻA

Ejja, ejja Muża - imxi warajja
idħol fil-kamra - fejn sejjer jien
ejja quddiemi - minn fejn int qiegħda
idħol, bilqiegħda - u ħoll l-ilsien.

Idħol kellimni - ħożż fuq il-karti
toqgħodx titnikker - jien u int ħbieb
ejja jaħasra - ejja kellimni
għaddi għallimni - u agħlaq il-bieb.

U ibqa’ quddiemi - mgħannqa ma’ ħsiebi,
idħol ġo fija - ġib l-hena u s-sliem,
onfoħ ġo ruħi - tanbar f’widnejja
ħalli mn’idejja - nagħġen il-kliem.

**CHARLES COLEIRO**
**(minn *Janus Miljard*, 2004)**




***IL-LETTERATURA FIT-TRADUZZJONI/ LITERATURE IN TRANSLATION MINN MEMBRI AKKADEMIĊI TAD-DIPARTIMENT TAL-ISTUDJI TAT-TRADUZZJONI, IT-TERMINOLOĠIJA, U L-INTERPRETI TAL-UNIVERSITÀ TA' MALTA,*** **Faraxa Publishing, 2013**

**IL-PONT F'INTERVISTA MA' TLIET KONTRIBUTURI**

**IWIEĠEB PROF. ANTHONY AQUILINA**

**Kif twieldet l-idea ta' dan il-ktieb?**

*Il-Letteratura fit-Traduzzjoni/Literature in translation* (2013) hija sal-lum l-unika pubblikazzjoni li ħareġ id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, Terminoloġija u Interpretar fl-Università ta' Malta, bil-kontribuzzjonijiet tal-membri kollha tiegħu skont l-ispeċjalità tagħhom. Dal-ktieb kien intiż biex tiġi mfakkra l-għaxar sena mit-twaqqif tal-korsijiet tat-traduzzjoni fi ħdan il-Fakultà tal-Arti. Niftakar li għall-okkazjoni kont stedint f'isem id-Dipartiment lill-Professura ħabiba tiegħi Christina Scaeffner mill-Università ta' Aston, illum irtirata. Id-Daħla tar-Rettur ta' dak iż-żmien, Prof. Juanito Camilleri, tispjega dan il-għan. L-editjar tiegħu, imbagħad, ġie afdat f'idejja billi jiena kont, kif għadni, immexxi il-kullana tat-traduzzjonijiet tad-Dar tal-Pubblikazzjoni Faraxa. Marti Salvina kienet ħejjiet il-kopertina tiegħu. Il-lingwi magħżula jirriflettu dawk li kien qed joffri d-Dipartiment dak iż-żmien (jiġifieri Ingliż għall-Malti / Franċiż għall-Malti / Ġermaniż għall-Malti / Spanjol għall-Malti / Malti għall-Ingliż). Kont żidt il-Malti għat-Taljan biex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tal-membri kollha tad-Dipartiment. Il-pubblikazzjoni kienet verament suċċess u l-idea tiegħi kienet li bħala Dipartiment nibqgħu noħorġu pubblikazzjoni fis-sena taħt forma ta' *journal*. Għal ragunijiet li sal-lum għadhom misteru għalija, il-proposta tiegħi ma sabitx l-appoġġ meħtieġ u għaldaqstant ma kellhiex segwitu.

**F'dan il-ktieb inti ttraduċejt għall-Malti direttament mill-Ġermaniż (Gertrud Fussenegger) u mill-Franċiż (Albert Camus). Fis-sengħa tat-traduzzjoni hemm ilsna li joffru sfidi ikbar minn ilsna oħra meta tiġi biex taqleb għall-Malti?**

Jien kont ittraduċejt rakkont mill-Ġermaniż għall-Malti ta' Gertrud Fussenegger ('Dame am Steuer - Mara bl-Istering ġo Jdejha'), u tliet testi ta' Albert Camus ('Les muets', 'Le minotaure ou la halte d'Oran' u 'L'envers et l'endroit'). Dan hu dovut għall-fatt li ż-żewġ ilsna passivi li kont nieħu ħsieb tagħhom jien dak iż-żmien kienu il-Franċiż u l-Ġermaniż. It-testi mill-Ingliż għall-Malti li kont inħejji kienu kollha testi non-letterarji. Issa billi l-Ġermaniż tiegħi mhux tajjeb daqs il-Franċiż allura iva, aktar diffiċli għalija nittraduċi mill-Ġermaniż għall-Malti. U waqt li mill-Malti għall-Franċiż ma nsib ebda diffikultà speċjali, mill-Malti għall-Ġermaniż lanqas biss nazzarda. Fi ftit kliem jiddependi kemm wieħed ikun speċjalizzajt fl-Ilsna li jaqleb minn u għalihom, kif ukoll il-prattika li jkollu bħall-famużi flying hours tal-piloti. Ma neskludix b'danakollu li hemm ilsna li tajjeb kemm tkun tajjeb fihom ma joffrux sfidi akbar lil traduttur. F'moħħi jiġuni l-Latin, l-Aramajk, u l-Grieg klassiku, ngħidu aħna.

**Il-bżonn li letteraturi żgħar bħal dik Maltija jinqalbu f'ilsna barranin differenti. Kemm hu**



Il-Prof. Anthony Aquilina

**importanti dan, u għaliex?**

Inkwantu għat-tieni mistoqsija, ikolli ngħid issirli ta' spiss. Jien dejjem inwieġeb l-istess. Mingħajr traduzzjonijiet, letteraturi żgħar m'għandhomx iċ-ċans jistagħnew bit-tħaddim tal-lingwa sa fejn tista' tasal. Kif jista' jkun l-erba' awturi tajbin li għandna jiktbu testi oriġinali bil-Maltin li jistgħallu lsienna sew. Impossibbli. Bir-riżultat li nibqgħu bis-sens ta' inferjorità li għandna fir-rigward tiegħu meta niġu biex inħaddmuh għal skopijiet mhux letterarji. Il-problema mhix li l-Malti hu dgħajjef jew nieqes minn xi ħaġa. Min iħaddmu nieqes minn xi ħaġa. L-ewwel li għandhom għax igawdu minn traduzzjonijiet tajbin (ninsisti, tajbin...) huma l-awturi Maltin stess. Xi minn daqqiet jiġi x'għidli li l-agħar għedewwa tat-traduzzjoni fostna huma l-kittieba tagħna. Biex wara daż-żmien kollu li ilna naqilbu kotba importanti minn ilsna differenti għadek issib min jgħidlek li hu ħela ta' ħin! M'ilux wisq, persuna kienet fuq bord ta' ġurija għall-premju tat-traduzzjoni u l-uniku kumment li kienet kapaċi tagħmel fuq ktieb partikulari kien dan li ġej: "Traduzzjoni inutli għax is-suġġett jinteressa lil qarrejja li jafu sew bl-Ingliż." Tal-mistħija, le!? Ma sab xejn fuq it-teknika, ma sab xejn xi jgħid fuq it-tħaddim tal-Malti. Imma ta' prużuntuż li kien inkixef li daħal għal biċċa xogħol li ma jifhem xejn fiha. Il-lingwa Maltija meta mħaddma tajjeb tgħinna nifhmu test barrani aħjar, u ngħarbluh aħjar għax nifhmuh aħjar. Tgħinna wkoll intejbu l-Malti mitkellem u mhux għadna niġġustifikaw il-geġwiġija ta' Ingliż u Malti li nitkellmu biha. Minbarra milli nnaqsu mill-prużunzjoni klassista li għandna. Kif naħseb indunajt ma qgħadtx insemmilek ismijiet ta' awturi kbar barranin. Il-kapaċità li jinqalbu f'ilsienna diġà wrejnieha. Ejja nittraduċu awturi barranin iżjed u dejjem iżjed b'mod professjonali. Flus għal mitt elf ħaġa oħra hemm.

Ippermettili nagħmel żewġ suġġerimenti żgħar: Għaliex il-Kunsill Nazzjonali tal-ktieb ma jikkummissjonax it-traduzzjoni kull sena tax-xogħlijiet tar-rebbieħa tal-Premju Nobel? Il-għala l-Matsec ma tinkludix fil-lista tas-suġġetti li toffri *Literature in Translation / Il-Letteratura fit-Traduzzjoni*?

**IWIEĠEB PROF. CHARLES BRIFFA**

**Laqtitni s-silta li kkwotajt minn David Crystal li tgħid li fi traduzzjoni estetika hu importanti li t-traduttur iżomm kemm jista' jkun leali għall-kontenut emozzjonali u kognittiv tax-xogħol letterarju oriġinali, flimkien ma' ċerta ekwivalenza ta' livell stilistiku. Kemm taqbel ma' dan kollu? X'tqiegħed fl-ewwel post: l-emozzjoni, il-kognittiv jew l-istil?**

Ma tantx tista' tweġibha fil-qosor din il-mistoqsija għax dawn l-aspetti jridu jaħdmu id f'id, fit-traduzzjoni letterarja speċjalment. Din il-ħidma trid issir minħabba li traduzzjoni letterarja taħdem fuq il-prinċipju li kull test sors huwa struttura organika speċjali bil-karatteristiċi lingwistiċi partikulari tagħha, u jissawwar minn sistema kumplessa ta' elementi relatati. It-tradutturi jinxteħtu f'ħidma ta' attività dinamika huma u jippruvaw jifhmu l-kontenut tat-test sors u jiskopru l-kumplessità strutturali biex jaraw kif l-elementi jaħdmu fuq xulxin.

Dan kollu jridu jagħmluh bħala qarrejja intelliġenti u attivi tat-testi letterarji u qabel jibdew jittraduċu. L-interpretazzjoni tagħhom tiddependi fuq il-qari tagħhom, u l-kullana ta' avvenimenti tinkludi l-qari, il-perspettiviżmu, l-interpretazzjoni, u t-traduzzjoni li tippermetti xi ftit tal-kreattività, għax test sors letterarju m'għandux jitqies bħala test invarjanti (li qatt ma jinbidel). Test tekniku jista' jitqies invarjanti imma test letterarju kapaċi joffri perspettivi differenti. It-tradutturi huma wkoll produtturi ta' testi (jiġifieri, ta' testi targit) u fil-limiti tal-prudenza jistgħu jikkonsidraw li jespandu xi aspetti tal-oriġinal fil-proċess tal-interpretazzjoni

tagħhom li twassalhom biex jerġgħu jikkowdjaw il-kontenut sors bit-tieni lingwa – din hija l-interpretazzjoni li tirrikowdja t-test sors. Jekk it-tradutturi, fit-tlaqqigħ dinamiku tagħhom, ma jikkonsidrawx bi sħiħ is-sistema kumplessa ta' elementi relatati, jistgħu jintilfu xi aspetti sinifikanti (bħall-ironija, ngħidu aħna) fit-traduzzjoni tagħhom.

Jeħtieġ nifhmu sew id-differenza ewlenija bejn test tekniku u test letterarju. F'test tekniku għandna t-transmissjoni ta' informazzjoni kwantifikabbli (li tista' titqies); l-awtur jaħdem b'informazzjoni f'sens tekniku u l-messaġġ (jew it-tagħrif) jista' jkun ikkwantifikat jew assessjat bla problemi. Għaldaqstant it-traduttur irid iżomm grad għoli ta' fedeltà mat-test sors, għax il-messaġġ irid jilħaq lill-udjenza targit mingħajr ma jinbidel u allura m'għandux ikun hemm interpretazzjoni.

F'test letterarju, mill-banda l-oħra, sikwit niddiljaw ma' informazzjoni li ma tistax tkejjilha u biex nifhmuh għandna bżonn il-perspettiviżmu u l-interpretazzjoni; l-awtur juża l-perspettiva u l-fokalizzazzjoni li l-qarrej huwa mistenni li jinterpreta – u allura anki t-traduttur (li hu, qabel kollox, huwa nnifsu qarrej) huwa mistenni li jinterpreta t-test sors letterarju. Il-mistoqsija li nistgħu nistaqsu f'dan il-kuntest hija x'ammont ta' fedeltà għall-forma jew għat-ton oriġinali huwa mistenni li jkun hemm fi traduzzjoni letterarja? U biex inwiġbuha malajr ngħidu li aktar ma t-test laqqiegħi jżomm mat-test nissieli aħjar.

Il-proċess tat-traduzzjoni letterarja jeħodna lejn mistoqsija oħra: X'nifhmu meta ngħidu "sistema kumplessa ta' elementi relatati"? Minbarra l-karatteristiċi lingwistiċi normali li jridu jkunu tradotti, fil-proża s-sistema tista' tinkludi d-deskrizzjoni, ir-rapport narrattiv, ir-rappreżentazzjoni tal-ħsieb, u d-diskors dirett, filwaqt li fil-poeżija tista' tinkludi l-forma, il-metru, u r-ritmu. It-traduttur jista' jibda b'analiżi stilistika tat-test sors sabiex joqrob, kemm jista' jkun, lejn din l-analiżi tat-test sors fil-produzzjoni tiegħu tat-test targit. Għalkemm ekwivalenza kompleta fi traduzzjoni letterarja x'aktarx li mhix possibbli, aktar ma jkun hemm livell għoli ta' approssimazzjoni aktar it-traduzzjoni tkun xierqa. Imma dak li t-traduttur jirrikowdja huwa ddeterminat mill-potenzjalitajiet tal-lingwa mira.

Minn dan kollu nistgħu naraw li hemm proċess ta' erba' stadji fit-traduzzjoni letterarja. L-ewwel stadju huwa l-iddekowdjar tat-test sors; irid ikun hemm il-komprensjoni tat-test sors; jiġifieri, it-traduttur irid jifhem sew l-oriġinal u jekk janalizzah bir-reqqa jifhmu aħjar – fil-qosor ngħidu li l-ewwel stadju jrid ikun il-qari + l-analiżi tat-test sors.

It-tieni stadju huwa l-interpretar tat-test sors; irid ikun hemm l-identifikar tal-puntodivista u l-emfasi tat-test sors; jiġifieri, meta t-traduttur jifhem sew l-oriġinal ikun f'qagħda tajba biex jinterpretah skont il-perċezzjoni u skont fuqiex jiffoka l-aktar – mela t-tieni stadju jħaddan fih il-perspettiviżmu + il-fokalizzazzjoni tat-test sors.

It-tielet stadju huwa l-irrikowdjar tat-test targit; dan ifisser it-tiswir tat-test mira kif ikkondizzjonat mill-ewwel żewġ stadji u mibni biex ikun aċċettat fil-kultura mira; jiġifieri, it-traduttur jibni u joħloq test li jiddependi fuq kif fehem u interpreta l-oriġinal u skont ma tippermettilu l-kultura targit – dan it-tielet stadju huwa l-bini + it-transfer kreattiv fit-tiswir tat-test targit.

Ir-raba' stadju huwa l-editjar tat-test targit; din il-ħidma tinkludi t-tqabbil tat-test mira mat-test sors fuq il-livelli possibbli kollha; jiġifieri, it-traduttur iqabbel dak li jkun ittraduċa hu mal-oriġinal billi



Il-Prof. Charles Briffa

jikkonsidra l-aspetti kollha li jista' tat-testi biex jirrevedi kemm jista' xogħlu – f'dan l-istadju jkun hemm ir-reviżjoni + l-approssimazzjoni tat-test targit lejn it-test sors.

Dan ifisser li (a) l-iddekowdjar tat-test sors jitlob il-komprensjoni tat-test sors permezz tal-qari u l-analiżi tiegħu; (b) l-interpretar tat-test sors jeħtieġ l-identifikar tal-puntodivista u l-emfasi permezz tal-perspettiviżmu u l-fokalizzazzjoni tat-traduttur; (ċ) l-irrikowdjar tat-test targit isir bit-tiswir tat-test mira li hu kkondizzjonat mill-ewwel żewġ stadji u mill-kultura mira; u (d) l-editjar tat-test targit jinvolvi tqabbil tat-test targit mat-test sors biex kemm jista' jkun it-traduttur jirrevedi u joqrob lejn l-oriġinal. Il-prodott li jirriżulta minn dan il-proċess ta' traduzzjoni ġeneralment jirrifletti l-espożizzjoni kreattiva li t-traduttur jagħmel tal-oriġinal. Dan isir evidenti hekk kif nibdew niflu xi rumanz jew xi poeżija tradotti. Imma t-traduttur irid jittratta biċċa xogħol letterarja bħala ħaġa sħiħa organika u ma jridx jemfasizza żżejjed xi aspett aktar minn ieħor. U dan jitlob li t-traduttur jagħmel analiżi stilistika xierqa tat-test sors u tat-test mira biex ikun f'qagħda li jikkonċentra fuq l-aspetti kollha tal-oriġinal.

**Il-bżonn li letteraturi żgħar bħal dik Maltija jinqalbu f'ilsna barranin differenti. Kemm hu importanti dan, u għaliex?**

Jekk nippruvaw naraw xi skop għandha t-traduzzjoni letterarja hawn Malta, insibu li hemm tliet skopijiet ewlenin. L-ewwel nett insibu t-traduzzjoni għall-esportazzjoni. It-traduzzjoni mill-Malti għall-Ingliż jew għal xi lingwa barranija għandha l-għan li tesporta lill-awtur Malti barra minn Malta; tesporta l-kultura Maltija (bħat-traduzzjonijiet tiegħi ta' Oliver Friggieri, *The Lie* u *The Misfit*). Imbagħad insibu t-traduzzjoni għall-forinizzazzjoni. It-traduzzjoni minn lingwa barranija għall-Malti tista' tibgħat lill-qarrej barra minn Malta; jiġifieri, tħalli ħafna mill-kultura oriġinali (bħat-traduzzjonijiet tiegħi, *Beowulf*, *Poter u Glorja*, u x-xogħlijiet tal-Kullana tal-Klassiċi). U, mill-banda l-oħra, insibu wkoll it-traduzzjoni għad-domestikazzjoni. It-traduzzjoni minn lingwa barranija għall-Malti tista' ġġib lill-awtur barrani Malta (fir-Requiem *għal Sieħbi Faxxista*, ġibt lill-awtur Malti, Francis Ebejer, lura Malta).

It-traduzzjoni ta' xogħlijiet Maltin għall-Ingliż turi li aħna neżistu u li għandna mentalità bħala poplu. U t-traduzzjoni ta' xogħlijiet barranin għall-Malti tiftħilna dinja sħiħa: hekk tgħallimna l-letteraturi barranin ħafna minna. Mela t-traduttur qed jagħti servizz utli lill-komunità intellettwali.

Bl-esportazzjoni tal-letteratura Maltija permezz tat-traduzzjoni nħeġġu d-djalogiżmu kulturali. Din ix-xorta ta' traduzzjoni tagħmel il-kultura tagħna (inkluża l-mentalità) aktar komprensibbli għal dawk li ma jafux bil-Malti. Eventwalment ikun hemm aktar barranin jifhmuna. U barra minn hekk, it-traduzzjoni ta' xogħlijiet Maltin għall-Ingliż (lingwa internazzjonali) għandha wkoll l-għan siewi ta' żvilupp intellettwali. It-traduzzjoni tingħata sehem kruċjali, mhux biss biex il-barranin jaslu jifhmu l-mentalità tagħna aħjar, imma wkoll biex it-traduzzjoni tagħti sura lill-għarfien tad-dinja tagħna (fit-tama ta' futur aħjar). It-traduzzjoni turi d-dinamika tat-tiswir kulturali tal-identità umana. Iddaħħal il-ħsieb Malti fi djalogiżmu ma' qarrejja barranin, u b'hekk il-kultura tagħna tistagħna intellettwalment.

L-esportazzjoni permezz tat-traduzzjoni hija għamla ta' komunikazzjoni u mezz ta' kontinwità. B'hekk tassigura li test jibqa' jgħix; jibqa' kważi l-istess b'libsa oħra. Bit-traduzzjoni test jibqa' jintiret. Il-komunikazzjoni ssir interkulturali u intertemporali; u t-tradutturi jagħtu forma lit-tifsir. It-traduzzjoni twassal ħsieb fejn ma jkunx hemm dak il-ħsieb, u mingħajrha dak il-ħsieb jibqa' nieqes. Pereżempju, il-Maltin Awstraljani li ma jafux bil-Malti, kieku ma jaqrawx letteratura Maltija bl-Ingliż qatt ma jaslu jifhmu l-bidliet fil-mentalità u l-perċezzjoni tal-Maltin kontemporanji. U l-istess il-barranin li ma jafux bil-Malti. Imma t-traduzzjoni timla dak il-vojt u tgħinhom jaslu jagħrfu lill-Maltin tal-lum.

**IWIEĠEB PROF. SERGIO PORTELLI**

**Tħoss li hemm xi differenti ewlenin meta tittraduċi mill-Ispanjol jew mit-Taljan għall-Malti rispettivament?**

Il-ħiliet tekniċi meħtieġa għat-traduzzjoni huma l-istess għal-lingwi kollha. Id-differenzi huma fil-kompetenza lingwistika u kulturali tat-traduttur fil-lingwa sors, jiġifieri fil-lingwa li qed jaqleb minnha. Li tkun taf il-lingwa mhux biżżejjed. Irid ikollok għarfien tajjeb ħafna tal-kultura marbuta mal-lingwa, għax



Il-Prof. Sergio Portelli

trid tagħraf il-metafori, l-allużjonijiet u dawk l-elementi kollha li huma speċifiċi għal dik il-kultura. Trid tkun żgur li ma qabiżlek xejn, però mbagħad l-istrateġiji tat-traduzzjoni ma jiddependux mil-lingwa, iżda mit-tip ta' test li qed taqleb u l-iskop tat-traduzzjoni. Fil-każ tat-traduzzjoni tiegħi minn Borges u Unamuno, minkejja li ż-żewġ testi huma bl-Ispanjol hemm differenzi bejniethom li kienu jeħtieġu approċċi differenti. Filwaqt li t-test ta' Unamuno huwa bl-Ispanjol ta' Spanja, li ma tanix wisq problemi, iżda dak ta' Borges huwa taħlita ta' Spanjol Arġentin u Lunfardo, li huwa tip ta' lingwaġġ li oriġinarjament kien jintuża fl-ambjenti kriminali ta' Buenos Aires fil-bidu tas-seklu għoxrin, iżda li wara nfirex ħafna aktar. Dan kien jeħtieġ ħafna riċerka ta' riżorsi lingwistiċi tal-Lunfardo biex inkun nista' nifhem sew il-kliem ġergali u naqilbu b'mod xieraq.

**Traduttur li jittraduċi għall-Malti mhux mill-ilsien oriġinali (eż. Taljan, Spanjol, Ġermaniż) imma mill-Ingliż hu 'l bogħod darbtejn minn dak li kiteb il-kittieb oriġinali? Xi tgħid dwar dan?**

Meta wieħed jaqleb minn lingwa li mhijiex l-ilsien oriġinali tat-test sors, fil-verità jkun qed jaqleb traduzzjoni, jiġifieri t-test sors kif ġie interpretat u maħluq f'lingwa oħra minn traduttur ieħor. Dan fih innifsu mhux ħażin, iżda huwa importanti li dan il-proċess jiġi mistqarr b'mod ċar lill-qarrej. Dan tal-aħħar għandu d-dritt li jkun jaf x'qed jaqra u li jiddeċiedi jaċċettax jew le dan il-patt mat-traduttur. It-traduzzjoni indiretta hija komuni speċjalment meta jkun diffiċli ssib tradutturi li jistgħu jaħdmu direttament bejn żewġ lingwi partikolari, pereżempju l-Ungeriż u l-Malti. F'dawn il-każijiet m'hemmx x'tagħmel u ma jfissirx li t-traduzzjoni bilfors mhux se tkun tajba. L-ideali jkun li jekk se taqleb traduzzjoni mill-Ingliż, ikollok l-għajnuna ta' traduttur mil-lingwa sors (fl-eżempju tagħna l-Ungeriż) li jkun jista' jiggwidak billi jgħidlek fejn il-verżjoni Ingliża jkollha xi difetti u fejn tista' toqgħod fuqha. Ta' min jgħid ukoll li mhux dejjem il-verżjoni Ingliża hija l-aħjar traduzzjoni. Jekk wieħed jaf aktar lingwi, ngħidu aħna l-Franċiż jew it-Taljan, ikun tajjeb li jqabbel it-traduzzjonijiet qabel ma jagħmel l-għażla tiegħu.

**Il-bżonn li letteraturi żgħar bħal dik Maltija jinqalbu f'ilsna barranin differenti. Kemm hu importanti dan, u għaliex?**

It-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji minn lingwi inqas użati mill-oħrajn hija importanti għax twassal ilħna ġodda u differenti lil firxa ħafna usa' ta' qarrejja madwar id-dinja. It-traduzzjoni tal-letteratura Maltija f'lingwi oħra toffri opportunitajiet ġodda lill-kittieba lokali biex iqiegħdu xogħolhom fil-beraħ tax-xena internazzjonali u jaraw x'reazzjoni jkun hemm fost il-qarrejja u r-reċensuri barranin. Dan għandu jwassal ukoll għal proċess aktar mgħaġġel ta' maturazzjoni, kif dejjem jiġri meta wieħed iħalli l-kumdità ta' daru u jaffaċċja sfidi ġodda.

**TEBGĦA**

Illejla jiena u nqarbnek
bl-inċens primittiv
ta' mħabbti mixtrija,
bla ma taf tajtek tixrob
buqar mirra trasformata
li tellajt bit-tarjola mummja
f'barmil mill-bir tas-solitudni
li hemm tissaddad taħt il-pjanċi
mielħa u mherrija ta' ruħi
li kompliet ittabba'
'il-ħmira ta' ġisem bla identità.

**JIMMY BUHAGIAR**
**(minn *Ħsusi u Mħabbti*, The Farsons Foundation, 2017)**




**IL-PONT JINTERVISTA LILL-POETESSA TALJANA PAOLA MARA DE MAESTRI DWAR IL-ĠABRA TA' POEŻIJI ĠDIDA TAGĦHA *FIORITA DI STELLE* (Aletti Editore, 2022)**

**Perché il titolo *Fiorita di stelle*?**

"Fiorita di stelle" è la poesia che apre questo mio ultimo florilegio, un inno alla rinascita, un invito a riprendere in mano le fila della propria esistenza nonostante il buio che ognuno di noi può incontrare, a più riprese, sul proprio cammino. Ho voluto estendere questo titolo a tutta la raccolta di quaranta liriche, perché come scrive Hafez Haidar nella prefazione in questo libro forte è il richiamo a "credere nella vita e ad accoglierla come un dono prezioso".

**Quando e dove sono state scritte queste poesie?**

Le poesie contenute in questa raccolta sono il frutto di un intenso lavoro di introspezione e di riflessione sulle tematiche che più mi stanno a cuore. Sono state scritte negli ultimi quattro anni. Questa è la settima raccolta che pubblico. *Un noce fa primavera*, la precedente raccolta, risale al 2018.

**Vita, amore, ricordo, donne, il legame con la terra natia, la madre. La poesia che nasce dal personale per arrivare all'universale. Cosa ne pensi?**

La poesia è sempre qualcosa di personale, perché generalmente è frutto di moti interiori, è il racconto in versi dei vissuti del poeta. La poesia è comunicazione è in quanto tale, per essere compresa e divenire universale, deve toccare le "corde intime" del lettore. Il poeta, in pratica, con il suo linguaggio speciale deve riuscire ad entrare in contatto con l'altro. Non sempre accade. Non tutti si emozionano allo stesso modo e per le stesse cose, perché ognuno di noi è un pianeta a sé e vive quotidianamente realtà differenti. Nelle mie poesie descrivo il mio mondo interiore fatto di pensieri e sentimenti che abbracciano anche i grandi temi esistenziali e fotografo con il mio sentire quello che incontro, con uno sguardo privilegiato verso l'ambiente e a tutto ciò che mi circonda. L'amore per la famiglia che è anche ricordo è un esempio di temi personali che possono diventare universali. Il mio modo di scrivere evoca immagini e questo a mio parere facilità la condivisione con gli altri. La poesia, come tutte le forme artistiche, è fondamentale per tutti noi uomini, ci spinge a riflettere sulle varie problematiche, ci consente di affinare la nostra sensibilità, stimola l'empatia e ci insegna ad essere più umani.

**Quando e come è nato il tuo rapporto con Hafez Haidar? A parte il fatto che ha scritto la prefazione a *Fiorita di stelle*, ci sono stati altri progetti con questo poeta, docente e traduttore libanese?**

Ho avuto la fortuna di entrare in contatto con Hafez Haidar, persona di straordinaria cultura e umanità, grazie alla casa editrice Aletti, mio punto di riferimento da tanti anni. Dovevo pubblicare la mia nuova raccolta e l'editore mi ha prospettato la possibilità di scegliere tra autorevoli nomi del panorama letterario contemporaneo colui che avrebbe ne avrebbe scritto la prefazione. Ho indicato Hafez Haidar, in quanto aveva un curriculum di grande rispetto, non solo scrittore, traduttore, accademico emerito, ma anche più volte candidato al Premio Nobel. Sono rimasta felicemente sorpresa quando ha voluto condividere quanto aveva scritto, prima di inserirlo nel libro, sentendomi personalmente al telefono. Una telefonata piacevolissima, durante la quale abbiamo avuto modo di condividere anche aneddoti relativi alle sue vacanze in Valtellina. Un'altra importante

collaborazione con Hafez Haidar l'ho realizzata sempre tramite Aletti Editore, che ha realizzato dei cd con sette mie poesie declamate da Hafez Haidar. Spero in futuro di avere altre occasioni.

**Quand'è che scrivi le poesie? È vero che la vicinanza alla natura, in questo caso alle Alpi, ai laghi e fiumi, e ai boschi, aiuta tanto?**

La poesia è espressione e condivisione. L'ambiente nelle mie poesie ha un ruolo importantissimo e a volte diventa anche metafora di profondità ed elevazione spirituale. Sicuramente vivere immersa in un territorio straordinario come quello Valtellinese mi consente di entrare in contatto più facilmente con il mondo naturale e di sentire con più genuinità il richiamo della terra. Generalmente cerco di assorbire come una spugna e poi di fissare nella mente e nel cuore sensazioni, stati d'animo, emozioni, pensieri per poi metterli su carta nei momenti di apparente pace. Come recita una bellissima poesia di Alda Merini "i poeti scrivono… quando tace il rumore della folla e termina il linciaggio delle ore. I poeti lavorano nel buio…".




**L'importanza per i giovani di conoscere da vicino il territorio nel quale crescono e vivono. Questo lo vivi anche tu con tuo figlio. Cosa ne pensi?**

Ogni territorio ha le sue peculiarità. Io mi sento molto fortunata a vivere in Valtellina, una terra ricca di bellezza, tradizione e cultura. Purtroppo non tutti però riescono ad apprezzare il proprio ambiente di vita. Quello che dico sempre a mio figlio Gioele, abituato fin da subito a girare, ad esplorare il mondo è bello o brutto a seconda di come lo si guarda. Siamo noi, con il nostro sguardo, a fare la differenza. È sicuramente importantissimo far conoscere ai giovanissimi il proprio territorio per far sì che questi imparino ad apprezzarlo e a rispettarlo. È una questione di educazione che dovrebbe in primis partire dalle famiglie per poi allargarsi a tutte le agenzie educative, come la scuola, la parrocchia, le associazioni sportive e culturali. Come Laboratorio Poetico di èValtellina abbiamo infatti ideato e promosso, quest'anno scolastico soprattutto nelle scuole, un concorso letterario-figurativo dal titolo "Alla scoperta di paesi e città: i tesori del nostro territorio", un'opportunità di approfondire la conoscenza del nostro patrimonio ambientale e artistico attraverso la produzione di poesie e disegni.

**C'è un filo comune tra l'essere donna, poeta e madre? Le tue reazioni?**

La questione femminile per me è sempre stata una priorità, come riconosce la scrittrice Donatella Bisutti, autrice della prefazione della mia raccolta *Il pane del sorriso* quando dice che le donne nei miei componimenti sono "vessillo si amore e purezza… Un'immagine femminile… che non solo corrisponde a uno degli archetipi su cui si basa da sempre la nostra civiltà, ma che oggi rappresenta anche, effettivamente, la forte speranza nel femminile che esiste in varie forme nel mondo". Sicuramente essere donna mi permette di sperimentare anche sulla mia pelle tutte le fatiche e le sfide alle quali la donna da sempre deve far fronte quotidianamente, seppure in modo diverso a seconda dei periodi storici e delle culture. L'essere diventata mamma, in particolare in tarda età, mi ha aperto nuovi orizzonti emotivi e di responsabilità.

**Progetti futuri?**

Ho tante iniziative in fase di realizzazione anche quest'anno, in particolare come responsabile del Laboratorio Poetico di èValtellina. Continuo a scrivere e a partecipare ad alcuni concorsi. Mi piacerebbe avere la possibilità di presentare il mio libro *Fiorita di stelle* in provincia e magari anche fuori. Sono sempre molto presa con il lavoro, la famiglia e dalle tante iniziative in campo culturale e della solidarietà, che spesso trascuro le opportunità che mi si presentano come scrittrice. Il mio desiderio sarebbe quello di riuscire a seguire con maggiore costanza la mia carriera artistica.

## MARIO AZZOPARDI (1944-2022) – A COMPLEXITY

**Jikteb Charles Briffa**

**Introduction**

Mario Azzopardi's public life was an architectural complexity of cultural endeavour within the bounds of human venture and he was at his best when imbued with a poetic mood.

**Biographical note**

Born in a working class family on 11th September 1944 at Hamrun (Malta), Mario Azzopardi was the first of six siblings, one of whom died when she was two. He was educated at the Lyceum and then he attended St Michael's Training College for Teachers from where he graduated as a teacher with distinction in the theory and practice of education. From the University of Malta he later graduated with M.Phil. with his thesis "It-Teatru u l-Komunità: Il-Funzjoni Soċjo-Politika tal-Azzjoni Drammatika f'Malta fit-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin" (The theatre and the community: the socio-political function of dramatic action in Malta during the second part of the 20th century). He became a teacher in 1964 and taught art, educational drama, and literature in state schools. He later joined the Drama Unit of the Education Department and in 1996 he was asked to be one of the coordinators at the Policy Unit at the Ministry of Education and Culture, where he researched and wrote Malta's first cultural policy (2001). He was the Maltese author of the ERIC arts national report, published in association with the Council of Europe. He lectured in socio-political theatre at the University of Malta (Faculty of Arts and Faculty of Economics and Management). He also conducted practical workshops for the Department of Adult Education and Further Studies within the Division of Education. Azzopardi was also the incumbent principal-director at the state-run Malta Drama Centre.

He took part in international conventions on literary and theatrical subjects and participated in the founding of various institutions connected with literature and the theatre. He is particularly remembered for his being one of the energetic co-founders of the Moviment Qawmien Letterarju (MQL: Movement for the Promotion of Literature)



which helped to reorientate Maltese Literature after a long period of romanticism. His interest in the theatre led him many a time to act as director of performances, coordinating all aspects of a production and being responsible for deciding on the interpretation of scripts. He avidly worked in the field of journalism as a columnist and as an editor of literary and educational journals. He worked at the cultural section of the Ministry of Education and co-ordinated projects for drama programmes run under the auspices of the European Commission.

Azzopardi had three unsuccessful marriages, and from his first marriage he had a son, Yevgeny (born in 1968) and a daughter, Shalom (born in 1971). Both children were born in Malta but today they live in Australia: Yevgeny in Adelaide and Shalom in Melbourne. Azzopardi maintained an excellent relationship with both children despite the geographical distance that separated them.

**Character**

Azzopardi had a revolutionary temperament which is reflected in his radical writings and for a time he was even anti-academics. He started at an extremist position but, by time, he became more moderate. He has been the most rebellious of Maltese poets in the second half of the 20th century but he developed from *enfant terrible* to prudent protester. He started in the 1960s being subversive and very untraditional in form and content; by the end of the 1970s his work had become more intellectual than




emotional and very economical in his deviations; by the 1980s he became very psychologically analytical (and consequently very intimate) and stylistically more controlled; and in the 1990s and afterwards he became extremely critical of human suffering and he remained meticulously controlled in subject and style. Each decade built upon the previous one, but some of these points may be taken as seminal generalisations to be expanded further by all those who want to analyse his writings.

**Political Disposition**

At the age of 15 Azzopardi was an activist within the Catholic Action movement. He was enrolled as an action leader with the Diocesan Junta militating against Dom Mintoff (1916-2012) and his politics. At that time his birthplace, Hamrun, was the hub of militancy in the political conflict between the Church in Malta (led by Archbishop Michael Gonzi, 1885-1984) and the Malta Labour Party (MLP, led by Mintoff whose archaic brand of socialism and anti-clericalism characterised Maltese politics for a very long time). Besides the Catholic Action there were other organisations involved in this politico-religious conflict on the side of the Church. Foremost among these was the Young Christian Workers movement where one could find people like Peter Serracino-Inglott (1936-2012) and Karmenu Mifsud Bonnici (b.1933) who later became influential figures of Maltese society: Prof. Rev. Serracino-Inglott became the Malta University Rector and Dr Mifsud Bonnici Malta's Prime Minister in the eighties. The ironic twist here was the fact that Mifsud Bonnici in the sixties was anti-MLP on the side of the Church, but when he entered politics he crossed over to the side of the MLP and when he became Mintoff's successor as Leader of the MLP he led a notorious battle against local Church schools.

So Azzopardi's youth had an anti-Mintoff formation ¾ a situation he still maintained till the end of his life. His first direct involvement with a political party was with the Nationalist Party (NP) when in the beginning of the seventies he contributed to educational and cultural journalism, particularly with his column "Ulied il-Poplu" (Children of a Nation). A story is told that illustrates the tense atmosphere of the political scene in the seventies. In 1974 he was in charge of organising the artistic and cultural activities of the tenth anniversary of Independence amidst great political tension. For these activities he put up an art exhibition at the Malta Hilton and directed a performance at the Alhambra Theatre in Sliema. As a consequence, he and his friends were viciously attacked during a political march marking Independence Day when they reached the Valletta Labour Party Club.

Ironically then in 1987, when Labour lost the elections, MLP Leader Mifsud Bonnici called Azzopardi and other writers and intellectuals to help him change the violent profile of his party with some intelligent strategy. When some of these personalities met Mifsud Bonnici, the latter showed a genuine feeling to change his party for the better and this prompted Azzopardi to propose a plan of action using theatre as an instrument for change. It was during this period that Azzopardi founded Politeatru, an enterprise that functioned simultaneously as a performing company and a school for theatrical training. The Politeatru idea was a great success drawing large crowds, including Nationalists, but the importance of this enterprise is seen in the first seeds for neutralising the violent image that had characterised the MLP for decades. After five years of directing Politeatru, with a repertory that was also very critical of the violent streaks within the Labour movement, Azzopardi left

its directorship in the hands of others and returned to cultural journalism when the editors of the Nationalist Party papers invited him to start again contributing regularly to their columns. This was when he started writing the hightly-charged, controversial opinion page, "Kontrokurrent" (Counter-current), launched in November 1993 and commanded great attention. At the same time, Azzopardi took charge of the cultural magazine Spektrum (later renamed Fokus) issued as part of the Sunday paper Il-Mument.

**A radical**

He was a committed pro-European intellectual, and could be considered as a moderate radical who believed in improving the social and political conditions of those who were powerless. He had no hesitation to criticise traditional institutions like governmental ministries and the Church if he believed that there could be some social adjustment. Even when writing in the pro-government media, he held no brief for issues that went against what he believed in. Thus, for instance, he would lobby for the removal of a minister who arbitrarily had released from jail a drug baron on grounds of ill-health or decry the spoilage of a natural habitat to make way for a tourist project or attack a national cultural institution for lack of vision and initiative. This revolutionary character made his subjectivity dialogic ¾ by which is meant his subjectivity (or as Bakhtin calls it, his self) entered into a relation with the object of his criticism (i.e. the Bakhtinian other).

**Health**

He passed through a difficult phase because of health reasons which affected his writing. In August 2005 he described this difficult phase in the following words:

"In these last years I lost much of my self-confidence after two cardiac operations, another two on my eyes, my third marriage failed like the previous ones, and every line I write seems to be assaulted by an oppressive shadow. Nothing pleased me and I destroyed many drafts. It was as if I could not find the stamp of originality and relevance, not even within myself. It seemed I could not find any receptacle for the ideas that visited me, that crashed




into and pushed each other. Every poem I wrote became 'a common thing' that should not have been written at all, that had nothing to say about humanity…" (email 03.08.2005)

Three weeks after one of his eye operations in January 2004 because of a bi-detachment of the retina (he was very close to becoming completely blind), he wrote "Oftalmija" in a matter of a few minutes.

**OFTALMIJA**

Bħal gwerrier lieżem ħiereġ mill-isptar
fejn jikkuraw l-iskerzi tal-viżjoni.
Sturdut mid-dawl u mneffaħ bl-isterojdi
trawmatizzat u mgħarwen mill-azzjoni.

Kien neċessarju li jsir l-intervent.
Żgur ma setax jippakkja fil-memorja
fehmiet tal-ġenn, li jqallbu l-vista kollha
mingħajr il-fil aċċettat mill-istorja.

Attakk bil-lejżer utli kien, fiċ-ċert,
biex jiskansaw il-gwaj tal-konsegwenzi
ta' lottatur li nissel tant periklu
b'diskors bla ħsieb u taqlib fis-sentenzi.

Sar kollox f'waqtu, ħadu ftit sigħat.
Sterilizzawh u raw li għajnejh fissi,
jaraw għad-dritt, mingħajr il-fantasija
li ma swiet xejn ħlief ħolqot dak l-eklissi.

**[OPHTHALMIA**

Like some active warrior out of the ward
where tricks played by vision are cured.
Dazed  by the lights and bloated by steroids
traumatised and denuded with the action.

They had to intervene.
He couldn't use his memory to pack
crazy opinions, that upset the entire vision
without history's consent.

The laser attack was indeed useful
to avoid the grief of the consequences
of a wrestler who produced so much peril
with his speech of structured sentences.

Everything was made at the right time.
They sterilised him and saw his immovable eyes
looking straight, without that fantasy
that served for nothing except to create an eclipse.]

This is one of his rare moments when he followed the rules of traditional prosody, giving us a poem of four quatrains built with hendecasyllable lines. The first line in each quatrain is truncated and the second and fourth enter a rhyming relationship with each other. This prosodic rigidity added an extra meaning: the clinic where the eye operation was done blends with a political clinic that alters an individual's vision so that the poem becomes a sort of self-parody.

At that stage in his life Azzopardi needed continuous encouragement as he often found himself lacking some of his previous self-assurance.  "If I don't control my moods," he said on one occasion, "I'll tear up ninety per cent of all that I write, if not more!" (email 20.06.2005) Despite this, what struck one most in him was his dedication to principles and causes. When he encountered a situation or condition deserving of support he defended or advocated it wholeheartedly especially when he was filled with the *furor poeticus*.

**Conclusion**

Azzopardi had nevertheless not kept back from searching for new ways of expressing himself. His latest writings ventured into poetic prose, featuring a gallery of fictitious characters which could be traced to reflect a series of alter egos or multiple personae, often obsessed with the leit-motifs of sexuality and death. And towards his last days he turned to painting.

## MIŻIEB

Int miexja fil-masġar
iddur għall-faqqiegħ.
Jien nisma' lil ruħi
titqalleb mill-qiegħ.

Int tgħid li f'dil-gżira
sibt moħba mistrieħ.
Jien ngħid li pitgħada
se jaħbtu l-irjieħ.

Jekk tħabbat xi darba
u ssib bieb magħluq,
ħallejtlek gozz weraq
u biljett tat-tluq.

Iftakar, maħbuba,
fl-imluħa taż-żmien,
fir-riħ u fis-siġar.
U ssejjaħli mkien.

## EPITAFFJU LIL POETA

Jipprova jinħall mir-ritmi li vvinta
hawn midfun poeta
li fehem
li t-triq tan-niket m'għandhiex bżonn fanal
iżda fjamma ċkejkna fil-qalb.

**MARIO AZZOPARDI**
**(minn *Noti mis-Sanatorju tal-Mistiċi*, Independence Print, 1995)**



## LORELLA DE BON – Poetessa Taljana kontemporanja

**Jikteb Alfred Massa**

Nistqarr li lanqas jien qatt ma smajt b'din il-poetessa Taljana kontemporanja sakemm irċevejt xewqitha biex nesprimi l-opinjoni tiegħi dwar il-poeżiji tagħha.

Imwielda fil-provinċja Belluno fl-1968, Lorella hija gradwata fl-Istorja Venezjana. Il-passjoni tagħha huma l-qari u l-kitba, b'mod partikolari l-poeżija. Iżda kitbet ukoll xogħlijiet prożajċi ta' tip polizjesk. Lili għaddietli erba' ġabriet poetiċi u xtaqet il-fehma tiegħi dwar il-poeżija tagħha inġenerali. Wegħedtha li ser nikteb reċensjonijiet dwar kull ġabra u nippubblikahom f'gazzetta lokali; kif fil-fatt għamilt.

L-ewwel ġabra poetika ta' Lorella li rat id-dawl fl-2011 iġġib l-isem ta' *Il sospetto di vivere*. Wara ppubblikat *La geometria del volo*. Imbagħad waslet it-tielet ġabra *La stiamo perdendo?* Bl-aħħar ktieb *Identità minerali*. Irrid ngħid illi wara t-tielet ġabra poetika De Bon ippubblikat ir-rumanz *Dall'abisso*.
F'din il-kitba ser nikkonċentra fil-qosor possibbli dwar il-poeżija.

Tajjeb infakkar li l-poeżija hija bħal statwa: għandha l-korp u l-libsa. Il-korp jibqa' l-istess, imma l-libsa tista' titbiddel. Niftakar meta żort il-knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga persuna mil-lokal qaltli li l-libsa lil dak il-bambin ibiddluhielu kuljum; għalhekk dejjem ilibbsuh waħda differenti. Barra minn hekk, hemm punt ieħor importanti: kull ħaġa ħajja tinbidel, tiżviluppa, minn żmien għal żmien. Dan japplika wkoll għall-versi ta' din il-poetessa.

Kien tkellem dwar l-iżvilupp tal-poeżija kontemporanja, il-poeta Taljan, Eugenio Montale (1896-1981) waqt iċ-ċerimonja meta ngħata l-Premju Nobel għal-Letteratura fl-1975 meta fost ħwejjeġ oħra qal: la poesia si scrive anche in prosa. Fil-fatt, illum ħafna poeżiji għandhom libsa prożajka. Mhux biss, imma l-messaġġ tagħhom jaf ikun magħġun ma' diversi figuri tad-diskors. B'danakollu, s-sustanza tkun hemm: sta għall-qarrej li jiskopriha. Dan il-qarrej jiltaqa' miegħu fil-poeżija ta' Lorella.

Lorella De Bon xejn ma hi kuntenta bl-eżistenza tagħha. Biżżejjed wieħed jirreferi għall-espressjoni li kitbet *vivendo in un letto di tristezza*. Kelmiet u espressjonijiet oħrajn bħal *notti senza sognare*, *dolore, cuore e mente di dubbi*, *solitudini, non c'e' nulla per cui sorridere, il nostro dolore si aspetta domani, un po d'acqua non basta/ a lavare via il dolore* u oħrajn, kollha huma mera tal-mod kif il-poetessa tħares lejn il-ħajja tagħha u ta' madwarha. Forsi ta' min jistaqsi: Dan pessimiżmu jew realtà?

Il-maġġoranza tal-poeżiji ta' Lorella De Bon huma mingħajr isem u qosra. Iżda huma versi li jġiegħlu lill-qarrej jifhem il-profondità tal-ħsieb li hemm warahom. Fuq kollox, l-isqar poeżija Taljana nisiġha l-poeta Giuseppe Ungaretti (1888-1970); fiha biss żewġ kelmiet. Qed nirreferi għall-poeżija *Mattina: M'illumino d'immenso!* Għax is-sustanza ma tinsabx fit-tul, imma fil-kontenut.

Nixtieq nagħti eżempju meħud minn waħda mill-poeżiji ta' Lorella De Bon biex insaħħaħ dak li għadni kif ktibt.

Non spero nella morte
per conquistare fortuna.

Basta una piccola vena

dove sia luce, acqua
e poesia.

Il-kotba ta' din il-poetessa għandhom Prefazioni (Daħliet) minn kittieba awtorevoli fil-qasam letterarju Taljan, bħal Alberto Figliolia u Clirim Muca. Daħliet jew studji kritiċi qosra, imma li fihom tassew x'wieħed jomgħod, kif ngħidu b'ilsienna.

**UN LUNGO VIAGGIO**
**a mio padre**

Se come da un lungo viaggio
tu tornassi adesso
coi piedi di sabbia calda,
vedresti che poco è mutato:
un piccolo cane che corre sul prato,
un osso e una palla,
un altro filo di tristezza
attorno al mio collo,
un graffio nell'occhio
a impedirmi di notare la tua assenza.
Sei silenzio che fa scricchiolare i mobili
come fosse ronzio d'insetti,
sciame d'api di ritorno all'alveare.

**(minn https://www.labellapoesia.info)**

**NELLO SPAZIO RISTRETTO DEL POLSO**

Dico di te adesso. Subito.
Come fosse pronta una partenza.
E intanto getto avanzi, lavo piatti,
riciclo i ricordi. E dico di te adesso
che mezzogiorno si avvicina.
Forse dopo mi risponderai,
ché prima passa il treno delle 15:34,
ché prima scende il caffè in un bicchiere
di plastica, ché forse prima piove
questo solo era previsto non tu.

Tu sei quella luce particolare
del giorno che filtra dai vetri
— piccola foglia di tè e destino —
e graffia la pelle, ma piano,
che non possa avvertire dolore.
La gentilezza ti si addice
e se un giorno potessi entrare
nella tua vita mi precederesti,
per aprirmi la porta con un gesto
dalla grazia innata. Ma tu nascimi




adesso, qui, nello spazio ristretto
del polso e fatti piccola vena azzurra
e linea della vita a disegnarmi addosso
ragnatele di sguardi timidi e galanti.

**(minn http://www.labileabile-traccia.com)**

**TI PORGO LA MIA SCHIENA BIANCA**

Ti porgo la mia schiena bianca
e morbida, ché le cose passate
non facciano rumore e s'infilino
nella terra senza dolore.
Perché ogni viaggio è gioia
che al ritorno annega nel ricordo
e un abbraccio non basta
a coltivare le distanze.
E non mi resta che catturare
insetti per impararne il canto
infinito e regalartelo a piccoli
passi, come una dolce cura
o un frutto di stagione.

**(minn http://larosainpiu.ilcannocchiale.it)**



## L-AĦĦAR ĠURNATA TAL-ISKOLA

**Kitba ta' Daniel Mangani**

Niftakar meta kienet iddoqq l-aħħar qanpiena tal-aħħar lezzjoni kien jibda dellirju sħiħ. Kulħadd kien ikun ilu jistenna sew dak il-mument. Fl-aħħar daqsekk studju u daqsekk eżamijiet! Quddiemna konna naraw biss vaganzi, baħar u divertiment għal ħin twil.

Qabel Settembru ma konniex ser nerġgħu nidħlu f'dawk il-kmamar. Il-basket li fil-bidu tas-sena kien ikun b'riħa tfuħ, issa kien anke tilef il-forma tiegħu, u probabilment b'xi riħa tinten ġo fih ta' meta kont insejt it-tazza tal-ħalib maħmuġa ġo fih. Il-pitazzi kienu issa nofshom mikulin, u l-karti li fadal kont tużahom biss għal xi ajruplan jew tpinġija. Fil-ġranet ta' qabel kont tibda tieħu l-kotba lura għand il-librar, u li min-naħa tiegħu jara li tajtu lura kollox u f'kundizzjoni tajba. Mhux l-ewwel darba li kont issib xi ħadd ifittex elf skuża għaliex kellu ktieb nieqes, jew inkella kif spiċċa folja folja.

Kien ikun iż-żmien li l-għalliema jibdew iżarmaw il-klassi minn kull chart u stampa mwaħħla. Ħafna minnhom ma kinux ikunu ċerti jekk fiż-żmien tas-Sajf hux ser jiġu kkonfermati fil-post, allura kull ħaġa kienet tiġi mneħħija daqslikieku dak kien it-tmiem ta' kollox. Bosta studenti kienu jieħdu l-proġetti u ċ-charts li kienu għamlu matul dik is-sena. Xi arloġġ tax-xemx, xi mudell ta' vulkan... u oħrajn. Xi wħud ma kienx jinteressahom fihom, u minn hemm kienu jispiċċaw fil-landa tal-purtinar, li issa kien xogħlu li f'dawk il-klassijiet kien itella' s-siġġijiet fuq l-imwejjed, jaħsel ħasla l-art u jsakkar sa meta jerġgħu jiftħu din id-darba b'studenti ġodda.

Il-kbar, jew dawk li kienu fl-aħħar sena, kont tarahom jużaw il-flokk minflok album tat-tifkira. Tibda titlob il-firma ta' kulħadd u ta' kull min xtaqt tibqa' tiftakar fih. Festa sħiħa li issa kbirt u daqsekk dħalt hemm ġew. Iż-żgħar kienu jibżgħu għall-uniformi għax kemm jista' jkun ridt li kollox iservik għas-snin kollha li kien fadallek.

Minn hemm tieħu r-ruħ... u għalkemm tad-dar kienu jgħidulna sabiex is-Sajf nużawh sew, u il-ktieb xorta nibqgħu nħobbuh... għid li l-ħbieb... il-baħar... ir-rota... u l-ballun kienu jieħdu preċedenza qawwija!

Issa tlaqna ħa ngawdu s-Sajf!

**Minn: https://niftakarmeta.blogspot.com/2021/06/l-aar-gurnata-tal-iskola.html**
**Ara wkoll: https://www.facebook.com/niftakarmeta**

### ĦAJKU

L-imħabba xħin
mill-maħbubin tintiżen?
fuq liem miżien?

Xħin fit-tgħanniq
f'għaxja jintilfu f'piż
il-gravità?

Jew xħin jissieħbu
f'refgħa salib li jgħaffeġ
'l min solu jqandlu?

_______________

Ma xulxin ħlomna
u ma konniex ħalliema,
id-dmir rebaħna.

Issa ħlomt bik
qed nagħmel profezija
nerġgħu noħolmu

final bla temma
b'separju velu jkun
ta' mistoħbija.

**JOSEPH W. PSAILA**
**(minn *Ħajku ta' Hi w Hu - L-Ambigwita Sagra u Skandaluża tal-Imħabba*, 2022)**



## L-ISBAĦ POST

**Kitba ta' Victor V. Vella M.A. (mill-Awstralja)**

Qabel ma rajtu kont naħseb li kull parti tal-gżira li tmiss il-baħar tillanċja ruħha ħelu ħelu lejn il-baħar. Kont tista' taqbad timxi mill-art għall-baħar u d-differenza ta' bejn waħda u l-ieħor ma kontx tħossha. Sew f'daħla ramlija bħall-Armier jew tqalleb ftit ċagħaq jew timxi fuqhom u ssib ruħek ġol-ilma, l-ilma ċar u s-saqajn malajr isibu ruħhom qalb il-ħaxix iswed jew kafellatte jilgħab ma' xi barma jew mewġa **furana**. Imma l-ewwel darba li rajtu mill-għoli fuq in-naħa l-oħra tal-gżira kont twaħħaxt għax il-baħar tant kien ikħal li kien jidher iswed u fond u ma tantx kien jistiednek li togħdos u tgħum fih jew tersaq qribu. Ħassejtu bogħod minni u fond bħal dragun kbir tiela' u nieżel jonfoħ u jagħmel ftit ragħwa bajda donnha ragħwa tar-rabja ħierġa minn ħalqu.

Il-blat li kont miexi fuqu kien ċatt imma ma kienx lixx... Kien isfar b'xi ħofra 'l hawn u 'l hinn u tant kien maqtugħ dritt u għoli ħdejn il-baħar li kont tibża' tersaq qrib ix-xifer. Biex jikser is-sfurija tal-blat naqra 'l boghod mix-xifer, kull blata ġgantija kienet tkompli tbeżżgħek bid-dell u bil-kobor u l-guffaġni tagħha. Fuq wara kien hemm l-irdum, irdum li jieħdok sas-sema. Kienet dinja żgħira u magħluqa, bla siġar u mingħajr xi xitla jew ħajt li jikser il-witja tal-blat. F'rokna kien hemm naqra ta' nixxiegħa ta' ilma ċar iktar taqtir jistenna il-ħajja tax-xita ta' Jannar. Post għeri bla ħajja, fejn kont tħossok magħluq u fgat u mrekken bejn il-baħar u l-art għolja u wieqfa ta' warajk.

Kieku dak iż-żmien kont naf bil-Kolossew ta' Ruma kont nistenna xi tigra jew xi pantera li toħrog mid-dellijiet ta' dawk l-iskolli kbar u taħtaf jew tiġġieled mal-gladjaturi.

Ma ngħidx li laqatni meta wasalt l-ewwel darba l-Qammieħ, post li jigi n-naħa l-oħra tal-Għadira, fejn ir-ramel u l-baħar jilagħbu flimkien u jistednuk għall-għum. Il-bajja tal-Għadira kienet miftuħa u mdawra bil-ħdura u bil-veduti fejn kont tasal bil-karozza sa ħdejn l-ilma. Il-Qammieħ mhux hekk. Kien qrib... għal Malta, imma jieħdok 'il bogħod minn dak l-għagħa tan-nies u l-istorbju tal-traffiku... għall-kwiet biex tgawdi ċertu seħer tal-post. L-Ghadira kien hemm is-seher tal-awrora tax-xemx tielgħa bil-mod mill-baħar tidher eżatt fin-nofs imbiegħda, f'nofs id-daħla kbira tal-Mellieħa. U jekk iddawwar wiċċek lejn il-Punent u l-vista taqa' n-naħa l-oħra, jigifieri il-Qammieħ, tara dik ix-xemx ħamra nieżla filgħaxija għas-serħ ta' billejl. U jaqa' d-dlam u taqa' ħemda mdawra bil-mostri magħluqa bil-baħar u bl-irdumijiet, u l-Qammieħ jintilef fid-dlam bla naqra dawl ħlief xi mużbieħ il-lejl moħbi qalb il-blat u l-ġebel tal-irdum ta' wara.

Konna naslu kmieni wara mixja twila mir-raħal; konna nitilqu fid-dlam ninżlu għall-wita tal-Għadira, naqsmu wilġa żgħira kkurata u msoqqija u ngħaddu xi razzett mudlam u waħxi u nerġgħu naqbdu l-passaġġ għat-telgħa biex imbagħad nerġgħu niżżerżqu mal-passaġġ wieqaf fejn tħoss li jekk tiżloq tispiċċa titgerbeb sal-baħar... U ninżlu u naslu fil-witja safranija qisha platt krema mitluqa u **tillarja** fid-dawl taż-żerniq. Għajjenin għax mgħobbijin b'qoffa mimlija għalf għalina u għall-ħut u b'qatta' qasab tixxengel fuq spallti u mmorru nfittxu n-nixxiegħa ta' ħdejn il-Ponta biex niffriskaw wiċċna u l-gerżuma.

"Sewwa għax s'issa ma hawn ħadd... u dalgħodu se mmur nipprova l-lok tal-Ponta...", kien iħobb jgħid missieri. Fil-lok tal-kaħli fil-Ponta kien hemm barma tgħaxxqek biċ-ċaqliq li kien għadu dieħel mil-Lbiċ. Bir-riħ Tramuntana kiesaħ għax ġej mill-Alpi nipprova nitgezzez wara blata, imgeżwer fi xkora tigref u ssaħħan. F'kemm ili ngħidlek missieri kien jibda jagħlef u x'ħin jara kaħlija tfawwar għal loqma ħobż imbilla fil-ġobon jinten li jaqsam pjazza bir-riħa, malajr jobrom sigarett u jarma r-rangu li jilħaq sal-qniepen tal-Knisja. U jitfa u jixxabbat u jdaħħan u jgħarrex biex jara kif sieħbu għadu ma wasalx u

wkoll jibda jinnota li l-ħut donnu xeba' mill-għalf.

Immur nara biex nara l-qabda kif sejra u nara erba' ħutiet ġmielhom jgħumu fil-ħofra ċara ta' ħdejn il-lok. Noqgħod indur mal-inħawi u nibda ninnota ħafna speċi ta' biċċiet ta' rizzi u mħar antik imwaħħlin fil-blat... u jagħtik li tghid li dik il-biċċa blat dejqa u twila u lixxa xi darba kienet taħt il-baħar. Meta tħares madwarek tinnota li din il-medda blat kemm bil-kulur kemm fl-istatura tagħha ma tixbah xejn l-irdumijiet ta' madwarha... mimlija b'ġebel kbir iswed u għoli li jasal sal-baħar... Tkun il-Qammieħ u tħossok u taħseb li qiegħed fuq ħuta kbira li żmien ilu donnha ħarġet mill-baħar u sfaret bix-xemx u twittiet bix-xita u bil-wied li jinżel jiġri mill-irdum ta' wara, imdawwar bl-elementi u bil-misteri.

Immur malajr inferkex taħt blata fl-irdum u noħroġ il-platti tal-enamel u l-borma: landa tal-kunserva, bl-**għalaq** tal-fildiferru. Naqra 'l fuq kien hemm roqgħa raba' daqs maktur bix-xitel tal-patata mejjet u niexef... ta' Ġakku, ħabib tagħna, u li tiegħu kien tagħna. Kellu għajn tal-ilma mbaqqna fi blata kbira biex jiġbor l-ilma ħa jsaqqi n-nagħniegħ u l-ġidra u xi tadama tax-xitwa, ħelwa u bnina bit-togħma tat-tafal li tistagħġeb kif ħarġet minnu. Żewġ ġebliet żgħar bi ftit ħatab bejniethom u l-kenur kien lest għall-borma u għall-patata u għall-ħut frisk li kien għadu jitħabat qabel ma jħoss il-misħun.

Sadattant, jasal Ġużeppi li kien jistagħad u jgerger fit-tarf l-ieħor... u hekk kif ix-xemx tikkarga u d-dellijiet jiċkienu ninġabru mal-'mejda' għall-pranzu ta' nofsinnhar imxarrab b'naqra nbid minn ta' Ġużeppi li x'ħin idduqu tinsa fejn int u jkollok tinqaleb biex tħares u tgħarrex hemmx kwiekeb fis-sema.

**Noti tal-awtur:**
**FURANA** - kelma marittima jew tal-ajru. Konna nużawha għal meta jkun hemm żiffa ħelwa li kemm kemm tkemmex il-baħar jew iċċaqlaq il-weraq. Hemm l-idea ta' *lightness*.
**TILLARJA** - tiżfen, taqbeż, tiċċaqlaq fuq ċint, bejt jew xifer. Hemm is-sogru u ċ-ċaqliq jew moviment. Ridt infisser iċ-ċaqliq tal-baħar u l-blat fix-xemx li jagħtik is-sens li bl-Ingliz jagħtik l-idea ta' *shimmering,* bħall-idea ta' *mirage* li tħares u tgħammxek ix-xemx.
**GĦALAQ** - "A rough handle usually made of a piece of wire to carry a homemade bucket before the invention of plastic." Użajta iżjed biex noħroġ "the roughness of a homemade object or pot." Hi tifsira li jagħtiha Busuttil fid-dizzjunarju tiegħu *IL-KALEPIN*.



## NINU CREMONA (1880-1972) - 50 sena minn mewtu

**Jikteb Charles Bezzina**

Għawdex, għalkemm ċkejken, kellu nies li kisbu bil-ħila ta' ħidmiethom prominenza fl-istorja tal-gżejjer Maltin. Hekk ngħidu pereżempju dwar Mary Meylak, Wistin Camilleri, Ġorġ Pisani, l-Isqof Ġużeppi Mercieca, Ċensu Tabone, Sir Michael Angelo Mercieca, l-Isqof Pietru Pace, Dun Alwiġ Vella, Ġużè Aquilina, Anton Buttigieg, u bosta aktar li mhux possibbli nsemmihom kollha. Ma' dawn ma rridx inħalli barra lil Ninu Cremona, li kien il-kolonna biex fassal, fi ħdan l-Għaqda Kittieba tal-Malti, li dis-sena tagħlaq mitt sena, ir-regoli tal-Ilsien Malti fuq prinċipji xjentifiċi. Din l-ortografija, magħrufa uffiċjament mill-Gvern fl-1934, swiet bħala sies taż-żonqor li fuqu tħawlu u kibret is-siġra tal-Malti

Ninu Cremona, lingwista, twieled fi Triq Santa Marija, ir-Rabat fis-27 ta' Mejju 1880, bin Felice u Margerita Pace. Ta' sitt snin, fl-1886, safa' ltim minn missieru, u Achille Pace, ħu ommu, ħadu miegħu Tuneż fejn dam tliet snin. Lura Malta ssokkta fit-tagħlim tiegħu fil-Kulleġġ ta' Flores il-Belt, u meta kellu madwar 10 snin daħal is-Seminarju ta' Għawdex. Minn Għawdex, Ninu mar Malta u daħal is-Seminarju tal-Furjana, fejn tħarreġ sew f'dawk l-elementi ta' edukazzjoni li tant kienu rari dik il-ħabta. Fl-1904 huwa għadda mill-eżami għal spettur sanitarju, u fl-ewwel snin tiegħu ħadem Ħal Tarxien minn fejn fl-1912 darba minnhom għadda bil-karozzin il-kittieb Ġużè Muscat Azzopardi, u ħajru

biex jibda jiktiblu xi ħaġa bil-Malti fuq ir-rivista 'Il-Ħabib'. Ninu għoġbitu l-idea, u l-ewwel poeżiji li kiteb kienu 'Għannej ta' Wara l-Bjut' u 'Qdumijiet Tagħna' li propju kitibhom f'Ħal Tarxien. Dun Karm ħarrġu sew fil-Metrika Maltija, u mas-snin Ninu rnexxielu jidħol sew fil-qalba tal-istudju tal-Malti u tal-letteratura, u tana kemm poeżiji, u kemm novelli ta' livell għoli. Kien għalliem tal-Malti fil-Liċeo, u fl-1928 inħatar traduttur tal-Malti fl-istamperija tal-Gvern, sakemm irtira fl-1941. Kien eżamitaur tal-Malti fl-eżamijiet pubbliċi, u wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tal-Malti, mitt sena ilu.

Jerġa' darba minnhom f'Ħal Tarxien, resaq bidwi fejn Ninu, jismu Wenzu, u qallu li fir-raba' tiegħu hemm ħafna ħaġar kbir. Is-Sur Nin, kif kienu jsibuh, ħajru biex imur ikellem lil Temi Zammit, u l-istess Cremona stess għarraf lil Temi b'din is-sejba. Kien il-bidu tal-kixfa tat-Tempji ta' Ħal Tarxien, li mbagħad ġew skavati mill-bravu Temi Zammit b'għaqal u b'mod xjentifiku. Cremona kiteb ħafna bijografiji, ta' nies prominenti fil-gżejjer Maltin, u li hu kien jaf. Kiteb bl-endekasillabu d-dramm storiku u poetiku daqskemm klassiku *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, proża, poeżiji, filoloġija u folklore. Kien bniedem bravissimu, imma fl-istess ħin umli, u dejjem b'ras baxxuta għaddej fit-triq, kif niftakru fi tfulitі... dejjem b'qalziet skur biċ-ċingi li jilħaq sa sidru. Fl-1947 kien ingħata l-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi, u fl-1960 l-Università ta' Malta żejnitu bil-ġieħ ta' Onoris Causa, ġieħ li jingħata lill-għorrief kbar u letterati magħrufin.

Ninu Cremona miet fl-4 ta' Jannar 1972, fir-Rabat, Għawdex, u ndifen f'qabar nru. 152 fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija, ir-Rabat, limiti tax-Xewkija. Fuq il-qabar tiegħu hemm skrizzjoni qasira li tfakkar ħidmet dan l-Għawdxi kbir. Il-Kumitat Festi Nazzjonali u Reġjonali għal Għawdex, li jien membru tiegħu, se jfakkruh b'mod xieraq. L-Akkademja wkoll se tipparteċipa. Imma fuq kollox ikun ukoll mistħoqq li għaqdiet oħra, bħall-Għaqda tal-Malti (L-Università), ifakkru li dan il-bniedem kolt, f'għeluq il-50 sena minn mewtu.

Ninu Cremona, kien l-intellettwali li qatt ma daqq trombi, jew ftaħar b'rixu. Meta rċieva l-Onoris Causa, huwa stess sqarr li qatt ma ppretenda xejn, għax dak li għamel kien għall-ġid tal-ilsien Malti... u xejn aktar. Iżda kien minn ta' quddiem li ddefenda 'l-Malti, meta kien hemm pressjoni politika kontra l-lingwa Maltija. Ninu Cremona huwa kolonna ta' lsienna, li sfortunatament ftit għandu rikonixximent, u llum bosta Maltin u Għawdxin qajla jafu tul ħajtu x'għamel, u kemm stinka, ħela enerġija, u ħabrek, mingħajr interessi, b'risq l-ilsien Malti fi ħdan l-Għaqda Kittieba tal-Malti.

## IL-FIRDA

Minnek mifruda l-qalb toħlom tiċċejjaq…
narak quddiem għajnejja: għalxejn ħallejtek…
u għalkemm, int taħseb, s'issa jien insejtek,
għadni sal-lum narak bi ħsieb imdejjaq:

bil-ħsieb mitluf li qatt ma sab jitrejjaq
ħlief b'ħarsa tiegħek meta jien ħabbejtek.
Tlabtni biex niġi ħdejk... Jiena ftit ġejtek.
Int kont marida u 'l qalbek tlabtni nfejjaq...

Kellek għajnejk miksura kollhom ħniena
siekta bħal qamar li tal-lejl mas-sirda
jaħbat mal-wiċċ u jidħol f'qalb għażżiena.

Għajnejn weqfin u kbar li fuqi ntfajtu
tagħkom inħoss illum oh kiefra l-firda!
Dell iswed tal-imgħoddi miegħi bqajtu.

## LIL ĠORĠ PISANI

B'versi ħelwin ħallejt l-isbaħ tifkira
ta' xtut, għoljiet, ta' wileġ u widien.
L-għanja li ħriġt minn qalbek kullimkien
tismagħha tidwi mas-smewwiet tal-Gżira.

L-Art, li għaġnitlek moħħok bl-itjeb ħmira
f'kull għanja li għannejt kollha nirien,
Inti żejjintha bil-ġawhar tal-Ilsien:
fiċ-ċokon ta' sbuħitha wrejtha kbira!

Imwaqqfa fuq il-madbaħ tal-Ġgantija,
baqgħet tixgħel f'idejk it-torċa tagħna:
ta' kull ġrajja qalbiena tarmi d-dija.

Hekk illum rajna tissemma u tistagħna
fost l-għana Malti l-għanja tiegħek Għawdxija,
ta' seħer u ta' ġmiel dejjem sultana.

**NINU CREMONA**
**(minn *Mis-Siġra ta' Ħajti. Weraq Mar-Riħ.* Malta University Press, 1970)**

## ĠRAJJA LI GĦADHA TINKITEB

**Kitba ta' Carmen Refalo**

**Il-Maskra (fil-bidu ta' Marzu 2020)**

Għamilt lejl nitqalleb u rqadt ftit li xejn. Kif inżilt 'l isfel u sibt 'l uliedi fil-kċina dort lejhom; mhux is-soltu tiegħi għax sakemm nofsni rieqda ma nlissinx kelma.

"Intom tafu x'qed jgħidu fl-aħbarijiet? Dan x'virus hu? Imma jista' jilħaqna u jkollna nilbsu l-maskli?" staqsejt waqt li mlejt tazza te.

"Mur arani mmur nixtri bil-maskra; x'ħass ħażin".

"Mhux kulħadd bil-maskra joħroġ ma, għal quddiem in-nies, biex jgħatti dak li ma jridx juri," bdiet Lea qabel ma telqet għax-xogħol. Jien bqajt niċċassa lejha tippoża u tagħmel mossi qisha fuq il-palk.

"Tagħtix kasha ma, lil dik il-biċċa silġ. Ara issa ejja maġenbi ħa nfiehmek jien," u mort ħdejn Dion quddiem id-desktop tiegħu.

"Ħares lejn il-mappa ma. Din iċ-Cina u hawn hu l-post fejn qed jimirdu n-nies; issa nsibu fejn hi l-Ewropa..." Imma qbiżtlu jien,

"U iva mela ma nafx. U Malta qiegħda 'l bogħod, mhux hekk!" u tlaqt inkompli.

Imma meta minn Wuhan il-virus sab fuq min jirkeb u b'titjira wasal sal-Ewropa bqajna kollha miblugħin. Fuq it-televixin, hekk kif bdew jgħaddu l-ġranet, bdew jidhru l-Barranin lebsin bil-maskli. Sadattant aħna bqajna b'wiċċna mikxuf, friski daqs ħassa. Imma ftit jiem wara Lea daħlet minn barra u ħaffet lejja.

"Ibda ħithomlna ma! U m'hemmx ħin x'titlef; ħitilna mill-inqas tnejn għal kull wieħed. Niżżiltlek żewġ tifsiliet li sibt fuq YouTube." "Issa ħallik mit-tindif għax s'issa ħadd m'għandu għall-bejgħ. Għandek drapp biex tibda?" U ma tajthiex risposta.

Għax fil-fatt kelli kollox għal-lest. L-iżjed li ħabbilt moħħi fuq it-tip ta' drapp li kelli nuża; ried ikun tal-qoton mija fil-mija. U ma nafx kif u x'fatta ġew quddiem għajnejja sett investi bojod, irrakkmati fit-truf li kienet tatni ommi; mid-dota t'ommha meħjutin mal-mitt sena ilu. Kont ili ngħożżhom bħala tifkira tagħhom it-tnejn. Issa kien wasal il-waqt li nużahom! U fassalt u ħitt.

Meta ġew jippruvaw dal-maskli, kollha kellhom xi ħaġa x'jgħidu! Ikolli ngħid għall-ewwel ma tantx ħadu gost bihom.

"Din żgħira għalija; qed taqtagħli nifsi u tqabbiżli l-gangala," qalli r-raġel.



"Lili qed tgħattili san-nofs t'għajnejja u l-oħra qed taqagħli taħt imnieħri," u Lea bħallikieku għamlet il-buri.

"Aħjar tnaqqasli l-lastku ta' din u ċċekkenli l-oħra," qalli t-tifel.

U min riedha żżomm bil-lastku madwar il-widnejn u min riedha bil-lastku jdur mar-ras. U kelli noftoq u nċekken, inżid u nnaqqas. Sakemm qtajt nifsi u xbajt.

"Ma bil-maskra qed jittappanli n-nuċċali u għoddni tgerbibt it-taraġ," qaltli Nina qrempuċa ta' seba' snin. U l-għada meta ħadtha miegħi s'għand in-nanna, kif bdiet tgħidilha li kienet ser titgerbeb fl-aħħar tliet tarġiet, omm żewġi tgħidx kemm daħket u qaltilha,

"Għad fadallek ruħi; trid tikber iżjed biex issir xebba."

Insomma Rożarja ħadet gost meta newwiltilha żewġ maskli u tgħidx kemm staqsietni dwar il-virus jekk itirx minn fuq persuna għall-oħra. Ma kellix ħjiel u qtajtilha fil-qasir.

Meta bil-liġi kellna nilbsu l-maskra bilfors indunajt li għalija, dejjem magħluqa ġewwa, kont għadni m'għamiltx waħda. Ma ridtx nerġa' nfassal oħra, assolutament. Ma ridtx nerġa' ngħaddi mit-tbatija li bdiet tgħaddini minnha l-magna tal-ħjata; kull darba li toħroġli l-ħajta mil-labra ma nkunx nista' ndaħħalha bl-ebda mod. Għax it-toqba fil-labra nibda naraha doppja waqt li t-truf tal-ħajta jibdew jinferquli fi tlieta; għalxejn inxarrabhom bil-bżieq. Għalhekk qbadt infittex fil-basket tal-fdalijiet u sibt waħda li kont warrabt; kienet tgħaffġet taħt kollox. Minflok lastku kellha ċingi tad-drapp mitnijin irqaq li jduru mal-widna; meta kont ħittha ħadd ma riedha. Lili ġietni bl-eżatt!



U xħin intqal li l-aħjar noħorġu bla maskra għax, "Ma tistax tmissha; qatt QATT, u QATT", armejt it-tifsiliet kollha.

**L-ewwel mewġa (Marzu /April)**

U daru kollha fuqi jgħiduli, "Issa rridu nilbsu l-maskra; bilfors, bil-liġi."
"Lili qed tgħidu; ħadt ruħi sakemm lestejt xi tletin waħda." U ma tawx kasi,
"U l-maskra mhux biżżejjed! Trid taħsel u togħrok idejk għal għoxrin sekonda qabel ma tmiss wiċċek... l-ikel... insomma kollox! U tagħlaq il-vit bil-'kitchen paper' għax ikollok terġa' tibda. U iftaħ il-bibien b'minkbejk għax ..."
"Ikun kollu ta' xejn!" komplejtilhom jien, "Issa ġibuli l-pazjent ħalli nibda l-operazzjoni," u tlaqtilhom 'l hemm.
"Dan mhux ċajt ma. Aħsel idejk, aħsel idejk spiss ... u ara li ma tmiss ma' xejn."
U ġabu l-qies u bdew juruni, "Ara ma, daqshekk trid iżżomm 'il bogħod mill-oħrajn."
"Mela hekk sew; itilqu minn madwari u ħalluni waħdi fil-kwiet."
U r-raġel tħajjar minnhom u ħareġ l-ordni li,
"Min joħroġ barra jrid jaħseb minn qabel u jpoġġi l-papoċċ wara l-bieb ta' barra. Qabel nidħlu lura ninżgħu ż-żarbun u nħalluh fil-parapett," u wara li ħa nifs qawwi ddeċida li,
"Hemm bżonn li naħslu t-twapet kollha kuljum bid-disinfettant; ta' barra kif ukoll ta' ġewwa. Għal meta tkun ix-xita u ma jilħqux jinxfu, nixtru par oħra."
U kontra qalbi staqsejt xi ħaġa jien,
"Imma nista' mmur nixtri jew se noqogħdu msakkrin u mmutu bil-ġuħ?"
"Ftakar li wara trid tgħaddi x-xirja kollha... għandu jkun bid-disinfettant! Trid timsaħ il-boroż, taħsel il-bottijiet, u tlaħlaħ il-ħaxix! U tħallasx bil-flus f'idejk ma; ngħallmuk tuża ir-Revolut", u din tal-aħħar għaqqdet il-bubun! Ma ridtx nisma' iżjed. Ħassejthom se jġennuni!

U meta sibna ruħna msakkrin ġod-dar waqajna fil-muta nduru bil-papoċċi, inħarsu 'l barra mit-twieqi. It-tfal bdew jaħdmu d-dar, it-tnejn f'kamrithom u ż-żgħira bil-mowbajl tkellem lil ħbiebha. Qatt ma kellna daqstant kwiet fit-toroq u ħadna r-ruħ. U tgħidx kemm sajjart u tgħidx kemm kilna; daqslikieku qabadna l-ġuħ li ma tistax tbattih.
"Jien ma rridx intella' iżjed piż," qabżet Lea, waqt li rajtha ddaħħal żaqqha quddiem il-mera fil-kurutur.
"Mur imxi qabel ma jqumu n-nies," qalulha ħutha.
"U jekk niltaqa' ma' xi ħadd b'wiċċu mgħotti? Mela ħej."

Il-knejjes għalqu l-bibien u ċ-ċerimonji tal-Għid ma sarux.
Kien għadu ma bediex is-Sajf. Sadattant konna għamilna kollox sew, irbaħna lill-virus u dendilna l-bnadar tar-rebħa.

**L-Intervall (Il-Visor)**

It-temp beda jisħon u l-Visor ġie mal-Moda. Tħajjarna mmorru xi mixja nuru li l-virus konna qridnieh; bis-sħana tas-Sajf ma kellux ċans magħna. U n-nies ħarġu bi ħġarhom ħdejn il-baħar iħokku ma' xulxin. Kienu leħqu xtraw il-Visor imma ħafna warrbuh ukoll u bdew jgħaddu minn qalb il-folla, kulħadd b'wiċċu mikxuf bla biża' ta' xejn. Mhux talli hekk! Meta jarawni miexja għadni liebsa l-maskra, xi wħud bdew jitbiegħdu minni. Forsi bdew jibżgħu li kelli l-pesta.
"Il-maskra qed taqtagħli nifsi; aħjar tixtruli visor," kelli ngħidilhom. U r-raġel xtrali bott disinfettant u kont inġorru miegħi kull fejn immur. Imma ġieni agħar għax bdejt ninsa li ħalqi kien ikun mgħotti u tgħidtx kemm-il tazza ilma waqqajt fuqi.

**Waslu l-*vouchers***

U f'Awwissu daħlu t-turisti. L-infettati u l-imwiet żdiedu kemm kemm, imma l-uċuħ baqgħu bla maskra. Ma jistax ikun li konna tlifna kollox; kellna fonġa bil-bnadar tar-rebħa għadhom itiru mar-riħ. U fl-istess ħin bdew jidħlu t-turisti u jaslu l-*vouchers*.
"Int kollha ser tużahom ma? Dawk li jifdallek agħtihomlna" qaluli.

**It-Tieni mewġa - Il-Maskra qalbitha lill-Visor.**

“Fejn erfajthom ma? Issa qed jgħidu li huma l-aħjar għax bil-Visor il-virus jaf jgħaddi fl-arja minn taħt jew mill-ġnub.”
U bdejtilhom jien, “Imma ara li ma toqogħdux tmissuha; tinsewx ...” ma ħallewnix nispiċċa.
“U le ma,” qabeż Dion; fil-pront tlaqt kollox minn idi biex nifhmu.
“Il-virus tant hu żgħir li jekk nemla minn dawk l-irqaq li bilkemm tidher, tgħaffġu b’saqajha lanqas biss tinduna. Għalhekk jekk il-virus jinqabad fil-maskra mhux lakemm joħroġ ma’ jdejna għax malajr jinqabad fin-nisġa tad-drapp. U peres li qed nidilku jdejna bid-diżinfettant il-ħin kollu,” u waqaf jaħseb kif se jkompli.
“Insomma nsejt fejn smajtha din; jew qrajtha xi mkien... jew forsi ħlomtha!” U ħallieni b’hekk.

**‘Iż-żiemel leħaq ħarab’**

Għalkemm erġajna koppi u waslet it-tieni mewġa kien hawn ħafna li ma riedu jafu b’xejn. U l-bnadar bjadu, issieltu u tqattgħu.
In-numri tal-morda li bdew jiżdiedu ta’ kuljum, ma bdewx ibbeżżgħuna. U l-imwiet ma baqgħux isewdulna qalbna.
“Mhux kollha xjuħ qed imutu. Mela jieħdu ħsieb huma,” smajthom jgħidu. Waslu l-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena u ridna nixxalaw; x’għala biebna mill-*ispikes*. Saħansitra x-xjuħ bdew jiltaqgħu għat-tombla!

**Il-Vaċċin (Diċ 2020)**

“Bi ħsiebek toħodha ma? Missieri ser joħodha wkoll?” U bdew iħassbuni!
“Ehh noħduha għax naħseb li mhux se neħilsu minnu kif ġib u laħaq. Dal-virus dar id-dinja kollha.”
Bdejna nsaqsu ħafna xorti. “Liema l-aħjar il-Pfizer, l-Astrazeneca jew il-Moderna... ir-Russi għandhom l-Isputnik... Il-vaċċin ma jagħmilx il-ħsara... imma qatel xi wħud... bit-tilqim biss nistgħu nirbħulu... aħjar nibdew nieħdu l-Vitamina D.... waħda tal-elf kuljum... LE mhux mal-ilma... noħduha mal-ħalib... ma’ xi biċċa ġobon... LE mhux mal-meraq tal-frott għax ma taħdimx... kulha ma’ biċċa bejken bil-grass!!”

**2021**

Ħafna ħadu l-vaċċin waqt li xi wħud ma riduhiex . Il-



virus baqa’ ikkakkmat magħna imma l-imwiet naqqsu sew. Sa wasalna biex drajnieh; nistennew lit-tielet doża waqt li s-sitwazzjoni bdiet turina li kienet sejra għall-aħjar. Għax issa kellna naħsbu fl-Ekonomija; ridna nġibuha fuq saqajha.

**2022**

Fl-aħħar ħadna r-ruħ u l-ħajja bħallikieku bdiet tersaq lejn in-normal. Imma wasal Frar Fawwar u mela l-imħuħ tal-Maltin bl-Elezzjoni Ġenerali; naħsbu sew lil min jixraq in-numru 1.
Xi wħud, fid-dagħdiha ma qiesu xejn u rikbu l-Covid. Dawn l-isfortunati kellhom joqogħdu kwarantina ġo djarhom meta ġie jżurna l-Eċċellenza tiegħu il-Papa Francesco, ftit jiem wara. Insomma hekk suppost li għamlu!
U ma kellniex naraw iżjed numri tal-morda, tal-imfejqin u tal-mejtin. Kien moħħna fl-Ekonomija.
L-aqwa li rċevejna flus il-poplu bil-mijiet, bla ħadd ma kien ħadem għalihom.
“Ma tini l-mija tiegħek biex nixtri...,” u rrispondih missieru,
“Dak li m’għandekx bżonn; mhux hekk. Taf li tista’ titfagħhom fil-karus?”
Sadattant qrajna li numru għoli ta’ nies ma vvutawx; jaħasra, forsi kienu ma jifilħux!

U fost dan kollu, ftit li xejn bdejna nitħassbu dwar id-diżastru li Putin kien qed jagħmel fl-Ukraina. Għax Ir-Russja u l-Ukraina jinstabu ’l bogħod minn Malta! L-ebda tagħlima ma ħadna mill-Covid. U n-numri tal-morda u tal-mejtin bil-Covid spara ’l fuq, imma dwar id-dettalji ħadd ma kellu jkun jaf.

“Ma” qaltli Lea, “Ara x’qed jgħidu. Tgħidx kemm ser togħla l-ħajja. Għadna ġot-taġen mimli Covid u issa b’dil-gwerra għal ġon-nar.” U qabeż missierha,
“Kos ngħid jien, tgħid l-Isputnik kellha xi *side effect* fuq l-irjus kbar tar-Russja?”
“Ħallik miċ-ċajt Paul. Imma qed ngħid dil-gwerra tista’... u għalfejn l-EU qed taħseb ħalli jkollha l-



pilloli kontra l-effett tan-nukleari... u l-ekonomija t'hawn Malta fiex inhi?" Dort minn mas-sink tal-kċina nistenna x'kienu ser jgħiduli. Ma sibt lil ħadd fil-kamra biex iserraħli moħħi; kienu ħallewni waħdi, telqu nkiss inkiss bla ma qaluli xejn.
Fil-pront daħlet Nina u ġiet fuqi ferħana se ittir,
"Ma... ma ġejna l-ewwel! Għandna l-ikbar Parlament fl-Ewropa!"
"Brava ħej kemm taf. Issa oqgħod bilqiegħda mal-mejda; għandek qassata ta' Ġuda għal mat-te. Tikolhiex kollha f'daqqa; ħalli nofsha għal għada."
"Kemm inħobbhom dawn; imma ilek ma tixtri minnhom..." qaltli waqt li qalgħet iċ-ċirasa ħamra minn ġol-*icing* ta' fuq.
"Għax dawk matul ir-Randan biss issibhom Nin," u ħtaftilha ċ-ċirasa minn idha u kilthielha.

## THE CHAPEL AT THE CEMETERY

Colours come to life
through the chapel's stained glass
lighting a vacuum
like dust speckled stairs
to heavenly scenes painted on ceilings.

Time flickers on melting wax
dripping near a varnished box.

When death extinguishes darkness
we walk naked through illuminated tunnels.

We look on like ommortal Gods
as if this could never ħappen to us,
soon is already late,
until the next funeral.

**RAYMOND FENECH**
**(minn *Broken Innocence*, 2000)**

## IL-MALTEMPATA

**Rakkont ta' Mary Chetcuti - It-tieni parti**
**(L-ewwel parti tista' tinqara f'IL-PONT, nu. 65, Marzu 2022)**

Meta tmiss mar-realtà tagħha tintebaħ kemm taqlagħleq taħbit u ġiri mewt ta' qarib minn meta tirreġistrah ħalli mbagħad tagħmel ir-riċerki testamentarji sabiex eventwalment tasal quddiem nutar pubbliku għad-dikjarazzjoni *Causa Mortis*.
Biex jaqta' fil-qasir, Toni mar mill-ewwel għand in-Nutar Lanzon, li minn dejjem kien in-nutar ta' fiduċja t'ommhom.
"Mela mietet il-mamà? L-għomor. Kemm kienet mara sew. Dejjem ġabet lilkom fuq kollox, tafx", qal lil Toni n-nutar.
"Grazzi nutar. Ħallietna malajr, ma konniex qed nistennewha din", kompla Toni, "Issa qegħdin nitħabtu bis-suċċessjoni tagħha u oħti u jien għidna aħjar kieku taħdmilna inti għax ma tantx ninqalgħu għal dawn l-affarrijiet. X' taħseb nutar?"

Bla ma wieġbu, ix-xwejjaħ Nutar Lanzon qam minn wara l-iskrivanija tiegħu u resaq lejn kaxxaforti li kellu f'rokna tal-uffiċċju ċkejken tiegħu. Fetaħha u wara li qalleb xi karti ta' ġo fiha ħareġ envelop u dar bih lejn Toni.
"Hawn hu. Xi għaxar snin ilu l-mamà tagħkom kienet ħalliet dal-envelop miegħi. Ma riditx tgħidli x' fih... kellha kull dritt wara kollox, tafx. Tatni struzzjonijiet biex la tiġi nieqsa, jiena nifthu quddiemkom u naqra l-ittra li hemm ġo fih lilek u 'l oħtok biss u 'l ħadd aktar. Niftakarha qisu l-bieraħ, qabditli jdejja bejn idejha t-tnejn u bid-dmugħ f' għajnejha talbitni bil-ħniena nagħmel li kienet qed titlobni."
Toni ma setax jifhem u saqsa, "Xi jfisser dan kollu, nutar? Jiġifieri dan testment?"
"Le le, din xi ħaġa apparti t-testment li għamlet. Nistqarr miegħek li ma nafx xi jfisser dan kollu, imma





lill-mamà dejjem irrispettajtha u tajtha kelmti li nagħmel kif kienet qed titlobni. Issa nirranġaw appuntament biex tiġu hawn l-aħħar nies filgħaxija. L-iskrivan ikun telaq u jkollna biżżejjed privatezza sabiex naqralkom x' hemm ġo fih. Tajjeb hekk?"

Toni aċċetta u mar qal kollox lil oħtu Rita. Rita stqarret ma' ħuha li ma kellha l-ebda ħjiel dwar xiex kien qed jitkellem in-nutar. Fil-verità, ommha qatt ma semmitilha xejn lilha lanqas.

Ġimgħa wara, Rita u Toni marru għall-appuntament ħa jaraw x'kien fiha dil-imbierka ittra li ħallitilhom ommhom. Daħlu fl-uffiċċju tan-Nutar Lanzon u poġġew bilqiegħda quddiem l-iskrivanija tiegħu. Qagħdu jistennewh bil-paċenzja jiftaħ l-envelop.

In-nutar imbotta n-nuċċali tal-qari 'l fuq u beda jaqra:

*"Għeżież Rita u Toni,*
*Ħajti kollha rringrazzjajt 'l Alla kull ħin u kull mument għax-xorti li sibt magħkom, uliedi. Dejjem urejtuni mħabba u rispett u magħkom qatt ma naqasni xejn. Nistaqsi jien: x' jonqosha aktar omm meta jkollha ulied bħalkom?*
*Ma neħtieġ xejn ħlief ħaġa waħda biss mingħandkom għeżież tiegħi, li tisimgħu dak li rrid nistqarr magħkom mingħajr ma' tinterrompu lin-Nutar Lanzon sakemm jaqra l-ittra sat-tmiem.*
*Li jiena żżewwiġt lil missierkom meta qajla kelli 20 sena tafuh għax għidtulkom jien. Li qatt ma għidtilkom hu li missierkom u jiena ma konniex kuntenti fiż-żwieġ. Mhux għax ma kontx inħobbu jew ma nirrispettahx, tafux.*
*Missierkom kien ftit akbar minni u forsi għalhekk kien pussessiv u dominanti fuqi. Jiena kont nobdih u nipprova nikkuntentah f'kollox imma hu kellu marda... iva marda għax m'hemmx kelma oħra għall-għira li kien jgħir għalija. Kien ossessjonat li jiena għad nibdlu.*
*Meta kont tqila bik, għażiża Rita, sab l-iskużi kollha biex lili ma jħallinix nixref mill-bieb 'il barra lanqas biex nixtri. Sibt ruħi msakkra f'dari; jekk qatt kienet dari għax lanqas indawwar biċċa għamara jew nibdel lewn ta' par purtieri ma stajt f'dik id-dar enormi u bla ruħ fejn trabba hu.*
*Kont inħossni ħa niġġennen indur mal-kmamar ma nafx x'sa naqbad nagħmel bija nnifsi, imma malli kelli lilek insejt kollox u ma kontx ninqala' minn ħdejk. Kont il-mimmi ta' għajnejja.*
*Indunajt li missierek ma kienx kuntent li tajtu tifla. Hu ppretenda tifel. Imma forsi kont qed nimmaġina jien u ma jixraqx li nitkellem hekk.*
*Żewġi ddejjaq ukoll li kont qed inqatta' ħafna ħin mat-tarbija. Beda jgħir għat-tarbija u nammetti li għall-ewwel darba bdiet dieħla biża' fija li jista' jagħmillek xi ħaġa, Rita.*
*Bdejt niffissa li jista' jweġġgħek u iktar ma bdejtx ninqala' minn ħdejk. Imma le, missierek qatt ma kien sa jasal sa hekk. Minflok beda jdur fuqi u jinfexx fija.*
*Beda jerfa' jdejh fuqi, imma jiena ma kontx nirreżistieh ħalli ma nifferuċjahx iżjed. Mal-iċken kelma kien idawwarli wiċċi n-naħa l-oħra b'daqqa fuq ħalqi. Imma ssapportejt.*
*Meta għidtlu li erġajt tqila hu ma riedx jissogra li nitlef it-tarbija f'każ li jkun tifel, għalhekk is-swat waqaf. Xorta baqa' jżommni msakkra ġewwa.*
*Wasal iż-żmien biex inwelled, ħadni l-isptar u kulħadd kien jgħidli kemm għandek raġel sew u ddedikat għall-familja. Mur għidilhom. Ikolli nammetti li qatt ma rajtu daqshekk ferħan sa jtir daqs meta ħaddan liċ-ċkejken Toni f'dirgħajh. Dakinhar, ħassejt ferħ kbir f'qalbi għax għidt li l-affarijiet kienu sa jinbidlu għall-aħjar.*
*Meta morna lura d-dar, kien hu li nsistieli biex ma ninqalax minn ħdejn in-nieqa ta' Toni. Widdibni li miskina jien jekk it-tarbija jiġrilha xi ħaġa. Inti Rita, dawn is-sentejn li kien għad għandek kont tkun trid tgħinni b' Toni. Missierek ma riedx jaf u kien jgħajjat miegħek u jbikkik kif jarak sa tersaq lejn ħuk.*
*S'issa kont qgħadtlu għal kollox, imma li jagħmel differenza bejn uliedu ma kontx ħa naċċettaha, qatt u qatt. Swietni qares għax reġa' beda s-swat. Did-darba b'aktar vjolenza minn qabel.*
*Il-qiegħa għaqdet f'lejl xitwi waqt maltempata qalila. Inti Rita kont titwerwer mill-beraq u s-sajjetti u jien ridt niġi ħdejk sakemm ibatti l-maltemp li kien*

*għaddej.*
*Missierek ma ħalliniex. Smajtek tibki minn kamartek u nsistejt. Qam mis-sodda bil-herra u qalli issa tara kif sa tieqaf tibki u tneħħi l-fsied. Jiena ġġennint u tirt għal warajh biex inwaqqfu. Hu mbuttani, ħabbattni mal-ħajt u qabadni minn għonqi. Irvillat kif kien beda jagħfasli għonqi u jien għidt sa joqtolni u bdejt nissara biex ineħħilu jdejh biex nieħu n-nifs.*
*Baqa' jagħfas. Emmnuni wliedi, ma nafx x'kont qed nagħmel. Qbadt kandelabru minn fuq il-gradenza l-kbira maġenbi u xejjirtlu daqqa fuq ngħasu bih ħalli jitlaqni. Niżel mal-art qisu xkora u ma reġax qam.*
*Qtiltu! Jiena qtilt lil missierkom u dfintu fil-kantina ta' dik id-dar misħuta.*
*Ħajti u l-kuxjenza tiegħi baqgħu maqbudin f' maltempata - turbolenza wara l-oħra ta' niket u ħtija. Mhux sa nitlobkom taħfruli għax naf li ma ħaqqnix. Kulma qed nitlob mingħandkom huwa li tieħdu ħsieb missierkom u tatuh difna xierqa. Forsi b'hekk insibu l-mistrieħ flimkien.*
*Dejjem ħabbejtkom,*
*Ommkom."*

Temm jaqra bl-leħnu mriegħed in-nutar.
Rita kienet qed tolfoq. Tellgħet idejha ma' ħaddejha u b'qalbha maqsuma tenniet, "Miskina ommi!"
Ma' dal-kliem, Toni qam bil-wieqfa f'salt tant li qaleb is-siġġu li kien bilqiegħda fuqu u telaq 'il barra bla ma lissen kelma.

## TIP TAP TIP TAP...

Il-vit iqattar kajman hawnhekk
u mat-tip tap
jien naqra ittra-e ġejja mill-bogħod,
kelma kelma,
ħerġin minn qalb muġugħa.

Hemmhekk hemm nisa jistennew bil-ħerqa
lil żwieġhom li ħallew kollox w'rajhom
biex marru f'art fejn jistgħu jagħtu daqqa t'id,
u jżommu elf fjamma u waħda
mixgħula
hemmhekk taħt l-art, fil-qiegħ,
fejn id-destin tefa' lil bosta
mill-jum għal-lejl.

Il-vit iqattar bil-mod hawnhekk
u t-tip tap ifakkarni f'taħbit il-qalb
ta' tant suldati li warrbu l-azzarin
biex bis-saħħa t'idejhom
iħarrku l-ġebel imwaqqa',
bil-pali jħaffru fil-fond
biex joħorġu għad-dawl mill-ġdid
min fittex kenn taħt l-art u safa
hemm maqbud f'maqbar id-destin.

Lemħuhom mill-bogħod
lil dal-qlubin bl-uniformijiet
li tilfu lewnhom
lil dawn l-eroj b'wiċċhom mixrub
'mma b'qalb tal-azzar tħabbat
daqs l-eħrex kanun tal-għadu,
b'dirgħajhom felħanin
iqandlu kull tagħbija.
Ma jieqfu qatt, dejjem għaddejjin
jixegħlu xrara dawl fost
il-midfunin ħajjin,
jitkaxkru b'determinazzjoni
f'mini dojoq u impossibbli
jaraw min fadal ħaj hemm taħt
u joffru boqq'ilma
xi ikel ippakkjat.

Fost tant twegħir hemm min
fost das-suldati kien sa ftit ilu
mużiċist
u f'waqtiet qosra ta' mistrieħ
idoqq noti ta' dawl fuq strument orfni
biex jixgħel kemm jista' jkun
il-qlub tal-imġarrbin
u jistedinhom biex
qalbhom ma jaqtgħux sakemm
qalbhom tibqa' tħabbat
għal Art twelidhom.

U l-vit ikompli jqattar
tip tap tip tap tip tap,
u l-qlub ikomplu jħabbtu,
għax l-imħabba għad
bilwieqfa tqum rebbieħa
f'jum mhux tant bogħod!

**PATRICK SAMMUT**






***IL-LANDIER TAL-ASSEDJU L-KBIR-1565*, ta' Karmenu Mallia, BDL, 2021**

Din hija ġrajja ta' 286 paġna u hi maqsuma f'20 kapitlu. Huwa rumanz tat-tip storiku fejn l-awtur jippreżenta l-ġrajja fittizja tiegħu b'numru ta' personaġġi immaġinarji imma verosimili ħafna, u jpoġġi dan kollu fuq sfond storiku, mela avvenimenti li seħħew tassew fl-Istorja ta' Malta. F'dan il-każ iż-żmien li fih titpoġġa din il-ġrajja huwa s-seklu 16, eżattament żmien l-Assedju Kbir, ftit qabel, matul, u anki ftit wara.

Huwa interessanti kif dan il-kittieb ta' esperjenza jibda jibni d-dinja fittizja tiegħu sa mill-bidu nett: personaġġi, bil-karattri speċifiċi tagħhom; spazji fejn isseħħ l-azzjoni; azzjonijiet, snajja', sa l-iċken dettall. Jissemma de Valette, allura l-qarrej mill-ewwel jifhem f'liema żmien hu ambjentat dan ir-rumanz. Jissemma r-raħal ta' Ħal Qormi li jintrabat ukoll ma' karatteristika tipika tal-Maltin: il-bżulija. Tissemma d-data tat-8 ta' Mejju 1565, mela l-wasla tal-flotta Torka fl-ibħra ta' Malta. Naqraw ukoll dwar karatteristika oħra, il-qlubija, li mhix ħaġa tal-kbar u l-magħrufa biss, imma anki taż-żgħar u anonimi. Mela dan hu rumanz fejn anki ż-żgħir iġib ruħu ta' eroj.

Interessanti l-fatt li f'din il-ġrajja immaġinarja de Valette għandu lil xi ħadd li jħobbu, u dan fost l-"għedewwa". Niġu mfakkra wkoll li bejn il-Maltin u t-Torok ma kienx hemm biss mibegħda u firda, imma anki punti ta' kuntatt varji. Niftakru wkoll li Malta minn dejjem kienet abitata minn nies ta' oriġini u razez differenti u li għal sekli sħaħ għexu f'armonija. Naqraw dwar l-awtorità u saħħa ta' de Valette, anki s-sens ta' ġustizzja tiegħu ma' kulħadd, baxx u għoli, inklużi l-Kavallieri: miegħu kulħadd kien jieħu li ħaqqu. De Valette hu ppreżentat anki bħala bniedem normali, bl-uġigħ, il-beżgħat u l-frustrazzjonijiet tiegħu, minkejja li mhux nieqes mill-qlubija.

L-istil imħaddem huwa wieħed mexxej, fejn l-ilsien li juża Mallia jistiednek tkompli taqra bla ebda tbatija. L-użu tad-djalogi jagħti iktar ħajja u awtentiċità lir-rakkont. Bħal f'rumanzi oħra tiegħu, anki hawn Mallia jinkludi dik il-laqta ironika biex kull tant żmien inissel tbissima fil-qarrej. Mela hawn għandna l-qari bħala gost u passatemp fuq kollox. In-narratur huwa onnixxenti u extradijeġetiku: jaf x'inhu għaddej kullimkien u f'kull mument, filwaqt li mhux personaġġ parti mir-rakkont. Huwa jagħtina tagħrif dwar il-preparamenti u ċ-ċelebrazzjonijiet li kienu qed isiru min-naħa tat-Torok. Hu narratur ibbilanċjat u oġġettiv ladarba jurina xi jkun għaddej fuq iż-żewġ naħat. Wara kollox Maltin u Torok jintrabtu flimkien għax ilkoll bnedmin bl-uġigħat, xewqat, u ħsus tagħhom. Mallia jinsisti wkoll fuq il-qrubija u r-rabta tal-kavallieri, inkluż de Valette, mal-poplu Malti.

Il-kittieb jalterna bejn l-Istorja l-kbira, dik tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u l-istorja ż-żgħira, mela dik tal-popolin, b'importanza mogħtija lill-Qormin. Sabiħa wisq l-idjoma Maltija li jħaddem Mallia, li xi drabi għandha wkoll mill-arkajku, bħal pereżempju "qam ingirr ingirr". It-tensjoni tinbena bil-mod il-mod: jinħass b'saħħtu s-sens ta' stennija, li daqt se tfaqqa' sajjetta, il-biża' taż-żgħir u l-inkwiet ta' de Valette quddiem it-theddida tal-Imperu Tork, il-figura ċentrali tal-kappillan ta' Ħal Qormi. In-narratur imexxi l-attenzjoni tal-qarrej minn spazju għal ieħor: Ħal Qormi, il-Birgu, Sant'Iermu, il-Marsa u l-ponta Tas-Sliema fejn ikkampjaw it-Torok, l-Imdina, u saħansitra l-Vatikan, f'Ruma. In-narratur jgħaddi wkoll il-kummenti u ħsibijiet personali

tiegħu kull tant żmien.

Bħala parti mir-rakkont, Mallia jinkludi wkoll numru ta' ittri li jinkitbu u jintbagħtu minn persuna għal oħra. Jiġu inklużi wkoll siltiet ta' għana f'għamla ta' kwartini rrimati bil-vers mużikali tat-tmienja. Permezz ta' dawn il-versi l-Maltin kienu jgħannu waqtiet ta' ferħ u oħrajn ta' wġigħ u diqa. Mallia jagħtina wkoll bosta tagħrifiet ta' natura storika, dettalji li mhux kulħadd jaf bihom, bħal pereżempju l-Collacchio.

Karmenu Mallia jaf kif jibni sewwa rakkont bħal dan. X'kienet eżattament il-ħolma ta' Kruċ il-Landier, u x'kien id-destin tiegħu? X'kienu l-Lunga mano u l-Piccolo Soccorso? Xi rwol kellu l-ilsir Mahmoud? Min kienet Xaxa t-Torka? Il-pappagall Buongiorno fiex jidħol? Min kienet il-Kavallier Martha?

Dan hu rumanz dwar "Mewt u glorja. Telfa u rebħa." Huwa rumanz li jirrakkonta ġrajja ta' mewt u ħerba – il-ħerba li ħallew warajhom it-Torok wara li ħarbu minn Malta -, imma anki ġrajja ta' bini mill-ġdid u ħajja – id-deċiżjoni ta' de Valette li jibni belt ġdida. Hija ġrajja li tibqa' sejra sat-28 ta' Marzu 1566, mela meta tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-belt li kellha tinbena fuq l-Għolja Xiberras. *Il-Landier tal-Assedju l-Kbir – 1565* hu rumanz bi tmiem hieni, miktub għal kull min iħobb jaqra biex jieħu gost u fl-istess ħin jiftakar f'episodji ewlenija mill-Istorja ta' Art Twelidna.

## MEDITERRANEA

Ti fisso nei tuoi luminosi occhi,
nostro Mediterraneo. I mattini
d'agosto ti conoscono più bello
nelle ore avventurose allorché al pascolo
acquatici cavalli in segretezza
sorprendere potrei mentre l'arancia,
nei poderi, di sangue si rigonfia.
Sotto l'occhio del sole, spossessato
d'ogni ricordo, qui fra cielo e mare
la morte aspetterei semplicimente
per la vicissitudine per cui
nella salina l'acqua si fa sale.

**JOHN CREMONA**
**(minn *Poesie.Poems.Poeżiji*, BOV/Midsea Books, 2009)**




## TLIET ĦARĠIET TAR-RIVISTA "KNISJA ELFEJN"

Il-Knisja minn dejjem kienet fuq quddiem f'rabta ma' pubblikazzjonijiet ta' ċertu livell li jinteressaw lil firxa wiesgħa ta' qarrejja. U lokalment mhumiex ftit ir-rivisti u pubblikazzjonijiet li joħorġu mill-Knisja u entitajiet marbutin magħha li jħaddmu bħala ilsien ewlieni l-Malti. Fost dawn insibu "Knisja elfejn", rivista ta' formazzjoni teoloġika li tittratta temi ta' duttrina biblika, dommatika, morali u xjenzi umani. Din hi rivista editjata minn Patri Raymond Gatt OP, toħroġ direttament mill-Provinċja Dumnikana Maltija, u ilha toħroġ sa mill-1988, mela għandha storja ta' 34 sena.

Il-ħarġa numru 137 (Lulju-Settembru 2021) iġġib l-isem ta' "Nipproteġu lit-Tfal Tagħna" u tiġbor fiha għaxar kontributi, apparti l-Editorjal. Kif jikteb Patri Raymond Gatt OP, din hi ħarġa ddedikata "lit-tfal kollha u lil dawk li għandhom il-vokazzjoni qaddisa li jieħdu ħsiebhom ħalli jkunu ċ-ċittadini rispettabbli u responsabbli ta' għada." L-ewwel kontribut hu "It-Tfal" ta' Papa Franġisku stess u hu parti mill-katekeżi fuq il-familja. Dr Michael Galea jikteb dwar "It-tfulija u t-trawma li jħalli l-abbuż fuq it-tfal", filwaqt li Fr Joseph Farrugia jikteb dwar "Il-prevenzjoni aħjar mill-kura: strateġija ta' prevenzjoni kontra l-abbuż tal-minuri". Il-problema tal-pedofelija tiġi ttrattata minn Dr Nicholas Briffa, u Fr Kevin Schembri jikteb dwar "In-normi kanoniċi tal-Knisja Kattolika dwar l-abbuż sesswali ta' persuni minuri u vulnerabbli (1917-2021)". Fr Joseph Ellul OP jikteb is-saġġ "'Xandar tal-Grazzja' - Ġublew San Duminku 1221-2021", u Fr Noel Muscat OFM hu awtur ta' "San Duminku u San Franġisk". Insibu wkoll tliet kontributi bl-Ingliż: "Sex abuse scandals in relation to Catholic Schools" ta' Fr Aaron Zahra OP; "The *Motu Proprio 'Vos Estis Lux Mundi'* (2019) from *Promulgatio Legis* to *Receptio Legis*" tal-Arċisqof

Charles Jude Scicluna; u "Letter to Bro Gerard Francisco Timoner OP, Master General of the Order of Preachers for the VIII Centenary of the death of St Dominic", tal-istess Papa Franġisku.

Il-ħarġa nu. 138 (Ottubru-Diċembru 2021) hi intitolata "Perspettivi fuq Mosè" u tiġbor tmien kontributi, apparti l-Editorjal. Hija ħarġa li ddur madwar Mosè, "il-katalist fil-formazzjoni ta' Iżrael bħala nazzjon". Dr Justin Ciappara jikteb dwar "Mosè tal-Istorja u l-istorja ta' Mosè", u Fr Jonathan Farrugia jikteb is-saġġ "L-Interpretazzjoni tal-figura ta' Mosè fil-kitbiet ta' San Girgor ta' Nissa". Joseph Vella Bondin iwasslilna studju interessanti bl-isem ta' "Mosè fil-mużika klassika b'referenza għal xogħlijiet operistiċi", u Mario Azzopardi jikteb dwar "Mosè maqbud f'kontroversji tort tal-films". Sergio Grech hu l-awtur ta' "Mosè: Memorji u pinzellati ħfief". Inklużi huma wkoll tliet studji bl-Ingliż: "'Baptism into Moses' (1 Cor 10,2): Mosaic incorporation and its Christian consequences" ta' Fr Justin Schembri OP; "The Representation of Moses in Christian Art" tal-Prof. Conrad Thake; u "Moses in the Qur'ân" ta' Fr Joseph Ellul OP.

Il-ħarġa nu. 139 (Jannar-Marzu 2022), bl-isem ta' Ġustizzja Impenn Solidarjetà", hi ddedikata lil Patri Ġwann Xerri OP (1947-2021) li ħadem qatigħ fil-qasam tal-ġustizzja soċjali. Fr Raymond Gatt OP, l-Editur, stieden lil nies - tnax b'kollox - li kienu ħbieb ta' Patri Ġwann Xerri OP biex jagħtu kontribuzzjoni fil-qasam tal-ħidma tagħhom u juru l-influwenza li ħalla fuqhom Patri Xerri fl-impenn tagħhom fuq temi ta' ġustizzja. Fr Constantine Mamo jikteb dwar "Il-ħsieb wara d-disinn tal-qoxra tar-rivista" u Maria Sant Fournier tikteb direttament dwar "Patri Ġwann Xerri OP (1947-2021)". Nathalie Grima hi l-awtriċi ta' "Vuċijiet in-Nisa - L-emanċipazzjoni tan-nisa f'Malta minn perspettiva post-sekulari", Sammy Meilaq jistaqsi "It-trejdjunjoniżmu għad fadal żmienu?", u l-Prof. Carmel Borg jikteb dwar "Il-kuraġġ ċiviku u l-vjaġġatur li jgħallem mingħajr ma jaħkem". Andrè Callus hu l-awtur ta' "Il-ġlieda għal soċjetà msejsa fuq il-ħarsien", Martin Gauci jikteb is-saġġ "X'inhu t-teatru ta' Augusto Boal?", u Fr Charles Tabone OP jikteb dwar "Il-promozzjoni Umana fil-ħsieb ta' San Duminku u fl-Ordni tal-Predikaturi". Is-saġġ "Stedina għal Teoloġija tal-Liberazzjoni f'Malta" hu koawturat minn Bernard Cachia u Michael Galea, filwaqt li Fr Ivan Attard OP hu l-awtur ta' "L-ispiritwalità tal-Ġustizzja u Paċi fl-Ordni Dumnikana". L-editur Fr Raymond Gatt OP jikteb dwar "Papa Franġisku u t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja". Inklużi huma wkoll kontribuzzjonijiet bl-Ingliż: "Reflections on my recent nomination - 5th August 2001" ta' Fr John Xerri OP, u "One Bird's Song" ta' Mario Gerada, din tal-aħħar kitba dwar il-migrazzjoni u dawk li jfittxu kenn f'Malta u lil hinn.

"Knisja elfejn" toffri kitbiet ta' livell għoli u li jistiednu lill-qarrej li ma jridx jibqa' passiv biex jirrifletti, jistaqsi, iwessa' l-għarfien tiegħu fuq oqsma varji tal-ħajja li jolqtuna mill-qrib. Kull min hu interessat li jibda jirċievi din ir-rivista jista jikteb direttament lil Fr Raymond Gatt OP, Kunvent Patrijiet Dumnikani, Triq San Duminku, Valletta VLT 1603.

## AIRCRAFT CARRIER

This aircraft carrier
carries geraniums in her holds
butterflies fly across her decks
Muhammed, Jesus on their hammocks
discuss liberation.

Socrates and Einstein suggest
that pyramids are not free
Bush beats Geronimo at archery,
Geronimo beats Bush at golf
dolphins leap to choirs singing 'silent night'
and whenever I press the holy knob
the cuckoo clock goes coo coo.

Nothing
but nothing
is no longer
futile.

**ANDREW SCIBERRAS**
**(minn *El Duende*, 2017)**



**SAKEMM**

Sakemm ireddnu għadhom tifkirieti,
u moħħi għadu jiflaħ jerfa' ħsiebi,
bit-toqol li għabbewli ta' kull darba,

sakemm idejja għadhom fuq il-karta
indomm sal-aħħar siegħa l-fehmiet strambi
bil-versi misterjużi tas-silenzju,

sakemm xofftejja għadni nilgħaq b'riqi,
titriegħed għadha qalbi b'kull taħbita
bl-enimmi jispuntaw f'elf mistoqsija,

sakemm ma jkunx għalxejn l-isforz li nagħmel,
u nifhem it-tifsira ta' madwari
bit-tir li għada nsib is-soluzzjoni,

għajnejja ser jitkellmu b'ħarsa waħda
li se nagħtik biex tiġi forsi f'tiegħek,
u nilqa' ċ-ċapċip kollu qabel nitlaq.

**CHARLES BEZZINA**

**ĦAJKI TA' SOLIDARJETÀ**

Qalbi ġunġliena
quddiem uċuħ ta' ħniena
jirrakkuntaw l-vjaġġ.

Traġitti sardin,
binarji iffullati
jistennew f'xi ħin.

Magħluqa għajnhom,
ħolmithom jiftħuhom biss
għall-wens u paċi.

Fis-skiet karbithom
lil hinn mill-ġlied massakru
jiksbu ħajjithom.

Kerha l-mewt,firda,
bejn il-pajjiżi l-birda,
frott l-għatx  għall-poter.

Tad-demm u l-laħam
bnedmin miċħudin ħajja
li aħna ngawdu.

Minn kliem poeżiti,
niżra' nitfa ta' kuraġġ
lill-poplu Ukren.

**JONATHAN BALZAN**

**IRMIED**

it-tfal tal-primarja
fil-bitħa jħarsu lejn bandli vojta
oħrajn, jilagħbu l-logħba tal-gwerra
tfal oħra jdawru l-lollipops 'Chupa Chups' f'ħalqhom
bħat-tifla Ukrena li ppuntat
senter ikkargat b'żewġ kanen
lejn ix-xejn tal-gwerra
lejn l-irmied tal-indiema
li nxtered għalxejn
fuq l-irjus tat-tfal
li twieldu biex imutu
fil-lejl twil tad-dekompożizzjoni
meta alla
kompla jilgħab bil-fdalijiet tagħhom
fil-kaxxa tal-logħob tiegħu
u wara li beka għal tlett ijiem
raw is-salm tal-ħniena
jitlef l-aħħar ittri tal-melħ

**MARK DEBONO**

**PROGRESS**

Gergirna mill-passaġġi dojoq
sakemm fetħulna toroq wiesgħa
biex jgħaddu l-karozzi bil-mijiet
gergirna mit-toroq imħarbta
bil-ġebel maskan u torba
sakemm ksewhomlna bl-asfalt
li qered il-flora u l-fawna
taħt il-ħitan tas-sejjieħ,
gergirna minn djarna, irziezet miftuħa
sakemm tawna permess inwaqqgħuhom
biex nibnu flett u tnejn u garaxxijiet,
gergirna mill-ħobż biż-żejt u l-ġobon
sakemm ġabulna l-ikel fil-pakketti
u f'boroż fil-friġġijiet,
gergirna mill-Malti jinstema' aħrax gutturali
sakemm għallmuna nitkellmu Ingliż, Taljan
mingħajr aċċentijiet,
gergirna mill-għeluq ta' din il-gżira
sakemm bdejna nsiefru u mmorru holiday.

…… U meta niġu lura nfittxu l-irkejjen
li ħallejna fl-isqaqien dojoq, minsija
li jagħtuna n-nifs li tħabbat qalbna
bl-aptit ta' ħobż biż-żejt,
servut b'grazzi Maltija.

**JOE AXIAQ**
**(mill-Awstralja)**

**FRAWLA**

Erħilek sa minn dejjem
tikkonnota,
ja frawla –

passjoni, fejqan, purità ...
bl-għamla ta' qalbek ħlejja
erħilek tikkonnota -

tiddendel, tixxeblek
mas-sġajra tal-muża,
mal-friegħi tal-lehma.

Pitturi, awturi, skulturi ...
kollha daquk fil-waqt divin
meta jeħmed kollox
biex jinħoloq il-ġdid.

Sa 'llustrata fil-botanika
tal-ħmistax-il seklu
ruħek sibt
dokumentata.

Sa fuq il-maktur
ta' Desdemonda
ruħek sibt
tiddandan.

Simbolu għal Venere,
simbolu tal-perfezzjoni ...
sa fuq l-artali naqqxuk
in-naġġara medjevali
u sa mkienek sabulek,
ja frawla,
madwar il-qċaċet tal-kolonni
tal-knejjes, tal-katidrali.

**CARMEL SCICLUNA**
**(Din il-poeżija rebħet il-Premju Speċjali f'Kategorija Ċ ta' Festa Frawli 2022)**

**A BETTINA**
**Carattere immaginario**

L'incontro con te, quel giorno di settembre,
lasciava dentro di me un'incisione.
Un'impronta di stima, ammirazione.
Una profonda simpatia ed affezione.

Sei dolce, squisita, davvero singolare.
Dotata da una rara intelligenza.
Tua grinta non manca mai, pure il coraggio.
Affronti ogni impegno con massima diligenza.

Una donna distinta, affascinante.
Ovunque sei, irraggi eleganza.
Esuberante. Nobile, unico il cuore.
Quando ami, ami con abbondanza!

**PIO SPITERI**

**TISPARAWX!**
**(Ir-Russja daħlet l-Ukrajina fl-24 ta' Frar 2022)**

Tisparawx!
Aħna nies, ibżgħu għalina;
tkissrulniex din l-art ħanina.
Tbegħduniex minn din ħajjitna,
tneżżgħuniex minn din ġrajjitna
Ukrajina
Art  miskina.

Tisparawx!
Nar u ħruq ma' kull fejn tħares;
tistagħġbux li l-għeneb qares!
Priġunieri, mwiet u ġuħ.
Kulħadd jaħrab u mitruħ.
Ukrajina
Art miskina.

Tisparawx!
Jibki l-qamar, tibki x-xemx;
tgħid għalikom paċi m'hemmx?
U Putin lir-Russja sejjaħ
ħass li ruħha qiegħda trejjaħ.
Ukrajina
Art miskina.

Tisparawx!
Putin jisħet 'l Ukrajina;
din tixlih: "X'għandek għalina!"
Maħrubin, bil-ġuħ, fl-ilfiq
u mitlufa f'nofs ta' triq.

Ukrajina
Art miskina.

Tisparawx!
Qiegħda bogħ'd xejn il-fruntiera?
Naf li aħna sirna lsiera.
Ara x-xmara għaddejja hienja,
u l-ħmar baqa' jdur mas-sienja.
Ukrajina
Art miskina.

Tisparawx!
Isa, ejja nbierku 'l Putin
bl-ilma mbierek, ilma bnin.
Ejjew nieħdu b'id xulxin.
Ieqfu, kissru l-azzarin.
Ukrajina
Ġnejna rżina.
Tisparawx.

**KARMENU MALLIA**

**SINFONIJA**



Melodija ta' ħsejjes intonati
magħmula bil-kitba tan-noti;
imqiegħda biex ipaxxu l-widna
mad-daqq u ritmu tal-mużika.
Kull nota u passaġġ f'partitura,
magħżul biex iħalli moħħ jifli
xi jrid iwassal il-kompożitur,
li jista' jkun mhux biss marbut max-xewqa,
iżda wkoll ma' dramm jew okkażjoni,
biex aktar jgħaqqad is-semmiegħa siekta,
mal-ħoss ta' dak li qiegħed jinstema'.
Il-ħlewwa tan-noti toħroġ bl-irfis,
minn taħlita ta' strumenti f'waqthom,
iżommu mat-temp ta' dak maħsub.
F'sinfonija l-immaġinazzjoni
trid taħdem f'ras ta' semmiegħa mżewqa,
ħalli titgawda l-armonjia mgħarbla
u titqabbel il-ħila tad-daqqaqa,
flimkien jew waħedhom, bil-prattika
li huma jużaw taħt il-bakketta
jew direzzjoni ta' surmast bravu.
Tinduna l-apprezzament tal-mużika,
xħin il-ġemgħa tan-nies tqum minn postha
u tinfexx f'applaws li ma jaqta' xejn,
għaliex is-sinfonija tkun intlaqgħet.
Il-mużika bl-aħjar treġija
ta' ħafna strumenti, jagħtu ħajja
lill-kitba minsuġa b'reqqa tal-awtur,
fejn bihom toħroġ l-esperjenza
u l-espressjoni tagħhom, biex l-udjenza
titqanqal u tkun parti minn dak l-istil
esegwit fis-sala, biex dan iżid jgħin.

**JOSEPH BONNICI**

**IL-QAMAR**

"Qed nistenna
li joħroġ il-qamar
minn wara l-għoli tal-għoljiet"
għedt lil wieħed li kien għaddej,
fis-sewwa kont qed nistenna lil imħabbti.

**JOHN CONSIGLIO**

**DAUGHTER**

The counter has reached twenty.
Twenty summers, twenty winters.
The days I loved best
were the summer ones
by the sea, on the beach
till sunset obscured the white tower
and we consumed the day.

The sea, the fun,
and the bread slices
with olive oil, tomatoes, olives
and shreds of cheeselets
(mine with mint and capers
just like my mother used
to make them, to add
a tinge of my childhood.)
What would those days have been like
without you?

**EMMANUEL ATTARD CASSAR**
**(minn *Women in Red*, 2022)**

**DEWMIEN**

Kien ħaseb li l-lejl għaddieh kollu
u wasal is-sebħ.

'Mma s-sebħ li ġie wara
kien tleffef fiċ-ċpar
u dam sa ma l-ajru
mill-ġdid safa ċar.

**ĠORĠ BORG**
**(minn *Mumenti Klandestini*, Horizons, 2022)**

**MARSA: ĊENTRU MSALLAB GĦALL-KOTRA**
**(Lill-Marsa maħtura Ċentru Kulturali Sena 2022)**

Marsa, minn żmien il-qedem kont iċ-ċentru
bejn in-nahat ta' fuq u x-Xlokk tal-Gżira,
biex qdejt dmirek minn żmien għal żmien bla tiċħad
xi sagrifiċċju milli għabbewk bihom.
Minn dejjem kont it-tokk fejn il-baħħara
wasslulna l-ħtiġijiet għall-għixien tagħna
u l-baqar, il-barrin, il-ħmir u ż-żwiemel
imxew triqatek bejn il-port w imqajel
imbagħ'd lura għall-qtil fil-biċċerija,
waqt li f'kull vjaġġ ħallew il-ħmieġ u rwejjaħ.
Mhux inqas ħmieġ ħallew il-braken suwed
mgħobbija faħam li marrad lil niesna
ħaddiema li għal loqma ħobż imxennqa
batew il-ħajja bħal ta' Isiera mxekkla.
U llum baħarna għażiż safa bħal miżbla
imdewda b'inġenji u rmixk tal-baħar
miġbur b'wiċċ tost minn madwar Malta kollha.
Hekk għal żmien twil batejna d-dħaħen jintnu
minn ċmieni li tebbgħu sa ħitan djarna
bin-nugrufun nieżel bħal xita sewda
fuq għelieqi triqat bil-ġmied miksija
w bħan-naxra ta' kuljum fuq il-bjut tagħna.
Fi żmien li aħna x-xjuħ niftakru sewwa
inqsamt fi tnejn bi fruntiera dejjiema
miżgħuda bil-vetturi tosti w mgħaġġla,
u waqt li jkomplu jniġġsu l-ambjent dgħajjef
jheddu ’l kull minn jazzarda fit-triq jirfes…
U jekk dik kienet traġedja wisq kbira,
għal mitt darb'akbar sfat ix-xibka sħiħa
ta' toroq arterjali u pilastri
li għattewk bihom u qatgħulek nifsek
u seħtu l-bixra tal-Marsa ta' żmieni...
U issa nirrifletti b'qalbi tqila:
Sbieħet il-Marsa għal min jgħaddi b'ġirja
mit-toroq bla ma jsofri l-ġrieħi tagħha
u ta' min xtaqha tkun, mhux ċentru msallab
bis-slaleb ta' kulħadd mas-slaleb tiegħu,
iżda raħal magħqud, nadif u hieni,
sieket - ħa jisma’ biss il-lehen dħuli
ta' niesu mkabbra bis-sbuħija rżina
li ħalqu huma w seddqu b’imħabbithom
biex igawduha huma ma’ uliedhom...
'Mma la destinek hu li taqdi ’l-kotra
bla qatt ma tiċħad xejn jew tirribella,
għallinqas kun imkabbra bil-ġid ħiereġ
minn ħdanek li f'kull żmien sofrew il-ġrieħi
biex tgawdi l-bqija tal-gżejjer ta' qalbna -
u jekk xi ħadd għad ikollu l-wiċċ jgħajrek
għas-sagrifiċċji li tagħmel bla heda,
newwillu l-ktieb li jgħid ċara l-istorja:
wiċċu jiħmar - wiċċek jiddi bil-glorja!

**FRANK ZAMMIT**
**(mill-Awstralja)**

**FL-ISTRETT BEJN MESSINA U REGGIO**
***b’dedika u qima lil Mario F.Bezzina***

Dakinhar
jiena wkoll kont xiehda
taċ-ċafċifa ħiemda li saltnet
il-baħar terren li ħabbeb bis-sliema
liema bħalha
lill-ponot ta’ Reggio u Messina
dakinhar…
iċ-ċafċifa sielma u ħiemda
ħadet ħsieb ħa treġġina u tħabbibna
mal-art italika, dak il-ħin art maħluma
mpittra fiż-żlieġa ta’ għajnejna
jgħumu bejn f’nagħsa bejn f’ħerqa
dakinhar…
meta moħħna t-tnejn kien baħar ieħor
nieqes mill-kalma li jaf il-fliegu li ninsabu naqsmu
meta qlubna ħabbtu sitta sitta
u ħsiebna ma hediex
iberren fuq iż-żarbuna dejjem toqrob quddiemna
realtà mkebba fid-dalma siekta mfidda nieżla mis-sema -
dalma li satritilna wkoll lil art twelidna imma mhux f’qalbna
dakinhar li tbegħidna għall-ewwel darba minn Malta.

**MARIO ATTARD**



**PRIMAVERA 2020**

Primavera dalle mani di neve
il sole fradicio spegne i suoi raggi,
l'aria gonfia gemme ciclamino
nelle strade limate dal silenzio.
Sul filo delle mie montagne
il pensiero arrocca:
s'affaccia il ricordo
di un altro principio
vestito di pane e poesia,
interrotto dal rovinoso
fischio delle corsie,
da occhi intrisi
di saluti non compiuti.
Rotoli sento stringersi intorno
e nel mio cerchio conto i passi
che mi separano
dal mio domani, in volo.

**PAOLA MARA DE MAESTRI**
**(minn *Fiorita di stelle*, Aletti Editore, 2022)**
***L-Italja***

**CRYIN' OF THE SUN**

In cold sounds of clavichord
a Golgotha of tears
whips on the face of the child
and, around, are flowering listless
some poppies.

A demon of the night
is breaking the coral crucifix,
the sole fortune of the little damned
In vain is now
Even the cryin' of the sun.

**NADIA-CELLA POP**
**(minn *The Lordship of the Word*, Editura Eurocarpalica, 2007)**
***Ir-Rumanija***

**SINS**

In the heart of night
my sins bleed,
in any dream
things last but against a blank
desire to dream - never blotted out.

I share your anguish
and I drink your tears;
Vagueness of the face unravels
on a desert island
a promise made
doors will be unlocked one day.

I feel it and I know it,
night replete with aromas
frees me of all my sins
in the whore's breasts
I drown in incredible pleasure.

It burns but only for an instant
then it leaves.

**K.K. SRIVASTAVA**
**(minn *Shadows of the Real*, Rupa, 2012)**
***L-Indja***

**LA DANZA DEL VUOTO**

XXXIX
Ho incontrato poesie
come rose
tra i tavoli di un locale
Sudore e occhi abbassati
nel vivere di sogni
così come siamo abituati

XL
"*Non esiste sogno perfetto*"
e i nostri sono sogni così perfetti
nelle loro imperfezioni.
Del mio sogno
a occhi aperti e chiusi
sei quella parte imperfetta
che ora lo rende perfetto

XLIII
"*L'erica e la stella mi sono davanti*"
e io che tanti mari
percorro con la mente
non so più staccarmi
dalle mie ali d'argento
Un po' di chiarore
per i miei passi
su cui ora s'adagia
il sole
Sentimi
dove mi troverai
sempre

**IDA DI IANNI**
**(minn *La danza del vuoto*, Volturnia Edizioni, 2021)**
***L-Italja***




**_IL-ĦARBA_ ta' Alfred Massa, Horizons, 2022**

Isem Alfred Massa jintrabat sewwa mal-qasam tar-rumanz. Din id-darba, permezz ta' dan ir-rakkont li jtul mal-193 paġna u jinqasam f'20 kapitlu, joħodna fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, eżattament f'Settembru tal-1939, meta Adolf Hitler attakka l-Polonja u kien kaġun ta' gwerra li damet snin twal. Matul dawn is-snin twettqu ħruxijiet tal-waħx kontra l-Lhud, u kienu bosta dawk, l-aktar Lhud-Pollakki li ppruvaw jaħarbu biex jeħilsu mill-kefrija Nażista. Uħud irnexxielhom u oħrajn le. F'dan ir-rumanz, Massa, barra milli jagħti tagħrif dwar ċerti tradizzjonijiet tal-ħajja Lhudija, joħloq storja intriganti dwar grupp ta' ħames familji, immexxija mir-Rabbi Jacob, li ħallew djarhom u marru jsibu kenn ġo waħda mill-foresti kbar li jinsabu fil-Polonja. Interessanti u jaħsad qatigħ it-tmiem ta' din il-ġrajja. Rumanz bħal dan ħareġ f'waqt opportun u jistedinna nirriflettu ladarba jintrabat mal-invażjoni Russa tal-Ukraina u l-atroċitajiet u t-traġedji li qed iseħħu f'dan il-pajjiż Ewropew fejn sa ftit ġimgħat ilu n-nies kienu jgħixu ħajja normali bħalna.




**_MUR ĠIBEK... EŻERĊIZZJI TA' TORTURA U SEDUZZJONI_ ta' Irene Chias, maqlub għall-Malti minn Mark Vella, Horizons, 2022**

Dan hu ktieb - 410 paġna - dwar il-vjolenza fuq in-nisa li jaf anki drajnieha u qtajna qalbna minnha. Imma Ignazia Gugliaro qabżitilha u trid tagħmel xi ħaġa dwar dan. Il-protagonista tagħraf kemm titqies normali l-vjolenza sesswali fuq in-nisa, u kemm tidher assurda, inaċċettabbli u bilkemm titwemmen dik fuq l-irġiel. B'hekk tmidd idejha biex iġġib ftit bilanċ. Ignazia tmexxi l-ġlieda personali tagħha billi tikteb mill-ġdid, bis-sessi maqlubin, siltiet letterarji klassiċi dwar l-istupru. Imbagħad taħtaf irġiel ta' min jistmerrhom u ġġegħelhom jisimgħu bil-forza dawn il-paġni ġodda tagħhom sakemm tasal biex twerwirhom. Dan kollu waqt li qed tgħix il-bidu ta' relazzjoni mill-isbaħ u mhux mistennija. Irene Chias ħadmet għal ħafna snin bħala ġurnalista fi Franza u fl-Italja, imma issa tgħix Malta. Mark Vella jaqleb għall-Malti r-rumanz tagħha *Esercizi di sevizia e seduzione* (Mondadori, 2013) li kien rebaħ il-Premio Mondello Opera Italiana u l-Premio Mondello Giovani.




***IR-RUMANZ TAL-FIERES SAFRAN*** **ta' Alfred Sant, Quinque, 2022**

F'dan ir-rumanz ta' 250 paġna u maqsum fi tliet partijiet Alfred Sant jirrakkonta ġrajja straordinarja ta' avventuri u sħarijiet. Fl-eqqel ta' Żmien id-Dlam, il-kavalier Markald membru tal-Mejda t-Tonda, iħalli Kamelott, is-saltna tar-re Artur fl-art ta' Gallja, biex ifittex u jġib lura l-Plattin Sagru. Wara vjaġġ lejn in-nofsinhar, twil u perikoluż, jasal fil-gżejjer ta' Melite u Gaulos. Hemm jiltaqa' ma' Kalebs, is-saħħara eżiljata. Imħarreġ tul ħajtu kollha fl-arti tal-gwerra u f'xejn aktar, il-fieres safran hu ta' ftit kliem. Imma li jidħol għalih iwettqu. Il-Plattin Sagru miġjub fil-Gallja minn Marklad illum jinsab fil-Katidral ta' Belgraine, fejn iżuruh mijiet ta' eluf ta' Pellegrini mid-dinja kollha. Dan hu xogħol li għandu mir-rumanz storiku, mid-dinja tal-ħrafa, tal-leġġendi u tal-fantasija, u żgur li jfakkar fl-avventuri tal-kavalieri tal-Mejda t-Tonda. Qabel ma jibda jaqra dan ir-rumanz ta' Sant il-qarrej jistaqsi jekk jistax jintrabat max-xogħlijiet ta' Miguel de Cervantes jew ta' Italo Calvino. Tibda taqrah u ma tiqafx qabel ma ttemmu.




***MUMENTI KLANDESTINI*** **ta' Ġorġ Borg, Horizons, 2022**

Dan il-ktieb b'120 poeżija ġdida ta' Ġorġ Borg jimmarka mixja oħra fit-triq li għażel għalih: poeżiji qosra, b'sempliċità fil-kliem, iżda aktarx profondi fil-ħsieb, b'mużikalità li ddoqq ħelu fil-widna u b'lessiku li hu tipiku tiegħu biss. Hemm oriġinalità u limpidezza fil-kontenut, dejjem ittrattati b'naturalezza fl-użu eleganti tal-lingwa u bi spontanjetà l-aktar fejn tidħol ir-rima. Hu effettiv fl-użu tal-metafori u għalhekk wieħed hu mistenni li jiskopri t-tifsiriet moħbija tagħhom. Hawn Borg jikteb dwar l-ambjent ta' madwaru, il-ferħ u n-niket, dubji u xi qtigħ il-qalb, iżda fl-istess ħin jimxi 'l quddiem b'xi ftit eżitazzjoni iżda qatt mingħajr tama. Huwa jwassal ukoll spiritwalità awtentika li m'għandha ebda riħa ta' artifiċjalità iżda tixhed it-twemmin sod u l-prinċipji tiegħu. Fuq kollox, il-ktieb hu mera ta' ruħ il-poeta, kxif ta' emozzjonijiet li ġejjin mill-qalb u ħsibijiet li jgħaddu mill-moħħ inkwiżittiv li għandu.




***WOMAN IN RED*** **ta' Emmanuel Attard Cassar, 2021**

Din mhix l-ewwel ġabra poetika ta' Attard Cassar. Ta' min isemmi *Vacanze romane* (2012) u *Fuq Din l-Art Ħelwa* (2016), u dan juri li hawn għandna poeta li jikteb fit-tliet lingwi. *Women in Red* jiġbor fih 91 poeżija bl-Ingliż. Il-versi jinftehmu bħala eżami tal-esperjenza umana u ħarsa profonda lejn il-ħajja ta' individwu b'aktar minn rwol wieħed: bħala iben, raġel miżżewweġ, missier, ħu, ċittadin u ħafna iktar. Fl-istrofi ħielsa tiegħu Attard Cassar jirrifletti dwar l-eżistenza li hija kumplessa u sempliċi fl-istess waqt. Huwa jikteb dwar l-imħuħ magħluqa, il-falsità, id-diskriminazzjoni, il-piki għall-akkwist tal-poter u l-korruzzjoni tal-verità. M'hemmx rabja fil-versi tiegħu, imma dan ma jfissirx li l-poeta mhux konxju ta' dak li jnikkitna fil-preżent (ma ninsewx is-sottotitlu: *"and Other Crude Reflections"*); u dan jitpoġġa f'kuntrast mas-sens ta' nostalġija, mat-tifkira ta' dawk li ħabbewna u ħabbejna, u mal-muża li tikxef ammirazzjoni lejn ir-relazzjonijiet awtentiċi u apprezzament ta' dak li hu femminili: l-omm, il-mara miżżewġa, il-bint, il-mara fit-triq… il-mara liebsa l-aħmar. Il-poeżija tikxef x'hemm moħbi f'ruħ il-poeta: naqraw dwar x'iferraħ u x'inikket lill-poeta.




***IT-TIFEL TAĦT IS-SODDA*** **ta' Paul P. Borg, Progress Press, 2021**

Il-kitba narrattiva ta' Paul P. Borg qatt ma kienet waħda mansa jew newtrali. Il-pinna tiegħu minn dejjem kienet tagħfas b'saħħa fuq il-qalb u l-kuxjenza tal-qarrejja tiegħu. Dik tiegħu kienet u għadha pinna f'id iben Malta li trabba fir-raħal u fost ir-raba', tkellem u kiber fost il-bdiewa u n-nies tas-snajja', dawk li batew mhux ftit biex għexu u rabbew familja, imma li kisbu kien dejjem b'rispett lejn art twelidhom, lejn ommhom in-natura. Dan hu rumanz li jifrex fuq 280 paġna u jinqasam fi tliet partijiet. Mill-ġdid, f'dan ix-xogħol hemm għajta ta' wġigħ ġejja minn min għal sekli twal ħadem fil-ħamrija u minnha ħa l-frott mistħoqq, imma li ħesrem itteħditlu f'isem il-progress. Nistaqsu x'għandha x'taqsam l-innoċenza tat-tfal mat-tixrid tad-demm li naqraw kemm fil-paġna qabel l-ewwel taqsima kif ukoll fuq il-qoxra ta' wara tar-rumanz? Apparti t-traġedja ambjentali li Malta ilha għaddejja minnha għal deċennji sħaħ, liema traġedja oħra se naqraw dwarha f'*It-Tifel Taħt is-Sodda*? Imgħoddi u preżent, tradizzjoni u progress, il-ħolqa li torbot ġenerazzjoni ma' ta' qabilha u ta' warajha, imma fuq kollox il-kelma Imħabba li pajjiżna llum tant jeħtieġ minnha. Dan kollu u iktar f'dan ir-rumanz ġdid ta' Borg.




***IN-NEMES U L-BALLOTTRA U STEJJER OĦRA* ta' Anthony Farrugia, Horizons, 2022**

F'dan il-ktejjeb imlewwen ta' 51 paġna Anthony Farrugia jagħtina għaxar rakkonti qosra għat-tfal, stejjer li żgur jogħġbu wkoll lil min tifel u tifla m'għadux. Dawn huma kitbiet li għandhom mill-ħrafa ladarba naqraw dwar annimali (il-ħarufa, il-qażquża, in-nemes, il-ballottra, il-pagun, id-dundjan), insetti (in-nemusa, il-musbieħ il-lejl, iż-żerżur, il-grillu, in-naħla, iż-żunżan), ħxejjex (il-qarabagħlija u l-qargħa ħamra) u ħlejjaq tal-ħolqien oħrajn (ix-xemx, il-qamar, l-isponsun, l-ispanjulett, ir-rizza, l-imħara) li jingħataw il-kwalitajiet tal-ħsieb u tal-kelma. L-awtur fl-aħħar mill-aħħar jgħaddi tagħlima u jistedinna nirriflettu dwar aspetti pożittivi u negattivi differenti tal-ħajja - il-kburija u s-suppervja, ir-rispett lejn ta' madwarna, it-tolleranza u l-maħfra - dejjem bl-intenzjoni li nsiru bnedmin aħjar. Farrugia jinkludi wkoll kwartini b'versi ottonarji li jirrimaw, filwaqt li fil-ktieb insibu anki illustrazzjonijiet ikkuluriti ta' Sue Flask. Dan kollu jagħmel minn dal-ktieb esperjenza sabiħa ta' qari.




***IL-FORMA TAL-ILMA* ta' Andrea Camilleri, traduzzjoni ta' Antoinette Borg, Merlin 2021**

Dan il-kittieb Sqalli m'għandux bżonn introduzzjonijiet magħna l-Maltin. Min jaf kemm rajna episodji tal-Commissario Montalbano fuq ir-Rai, films ispirati mix-xogħlijiet letterarji tiegħu. Dan huwa l-ewwel rumanz fis-serje televiżiva ta' Salvo Montalbano, Spettur tal-Pulizija f'Vigata, belt ċkejkna fi Sqallija li, għalkemm isimha mhu fuq l-ebda mappa, taf tkun reali iktar mill-ħajja nnifisha. Minkejja li dan hu rumanz fittizzju, jirrakkonta wkoll kif jgħixu u jmutu n-nies ta' Sqallija. Kollox jibda bis-sejba tal-ġisem nofsu mneżża' tal-Inġinier Luparello, politiku prominenti f'Vigata, f'medda art mitluqa u magħrufa bħala *l-Mandra*, illum bejta ta' drogi u prostituti. Kollox jindika li Luparello miet mewta naturali waqt attività intima ma' persuna mhux magħrufa. Imma mhux għall-Ispettur Montalbano li mhux lest jagħlaq il-każ qabel ma jsib il-verità. B'paċenzja u astuzja jidħol jgħaffeġ f'mandra ta' dmija, qerq, korruzzjoni organizzata u logħob tal-poter. Ħajr lil Antoinette Borg li qalbet b'sengħa dan il-kapolavur żgħir għal ilsienna.